

EMENDI 001-248

mill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħha Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapport**Alessandra Moretti**

Regolament dwar l-Ekodisinn

A9-0218/2023

Proposta għal regolament (COM(2022)0142 – C9-0132/2022 – 2022/0095(COD))

Emenda 1**Proposta għal regolament****Premessa 1***Test propost mill-Kummissjoni*

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁵ hu l-istratègija ta' tkabbir sostenibbli tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, kompetittiva, newtrali għall-klima u ċirkolari. Dan jistabbilixxi l-objettiv ambizzjuż li jkun żgurat li l-Unjoni ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tal-Unjoni billi tibni Ewropa aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar diġitali. Il-prodotti jaqdu rwol ċentrali f'din it-tranżizzjoni ekoloġika. Filwaqt li jenfasizza li l-proċessi ta' produzzjoni u x-xejriet ta' konsum attwali jibqgħu linearji wisq u jiddependu fuq il-volum ta' materjali ġoddha estratti, innegozjati u pproċessati u finalment jintremew bħala skart jew emissjonijiet, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza l-ħtieġa urġenti għal tranżizzjoni lejn mudell

Emenda

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew²⁵ hu l-istratègija ta' tkabbir sostenibbli tal-Ewropa li għandha l-għan li tittrasforma l-Unjoni f'soċjetà ġusta u għanja, b'ekonomija moderna, kompetittiva, newtrali għall-klima u ċirkolari ***u ambient ħieles mis-sustanzi tossiċċi***. Dan jistabbilixxi l-objettiv ambizzjuż li jkun żgurat li l-Unjoni ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050. Dan jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tal-Unjoni billi tibni Ewropa aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar diġitali. Il-prodotti jaqdu rwol ċentrali f'din it-tranżizzjoni ekoloġika. Filwaqt li jenfasizza li l-proċessi ta' produzzjoni u x-xejriet ta' konsum attwali jibqgħu linearji wisq u jiddependu fuq il-volum ta' materjali ġoddha estratti, innegozjati u pproċessati u finalment jintremew bħala skart jew emissjonijiet, il-Patt Ekoloġiku Ewropew jenfasizza l-

ta' ekonomija ċirkolari u jenfasizza l-progress sinifikanti li għad irid isir. Dan jidentifika wkoll l-effiċjenza enerġetika bħala prioritā għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi fl-2030 u fl-2050.

ħtieġa urġenti għal tranżizzjoni lejn mudell ta' ekonomija ċirkolari u jenfasizza l-progress sinifikanti li għad irid isir. Dan jidentifika wkoll l-effiċjenza enerġetika bħala prioritā għad-dekarbonizzazzjoni tas-settur tal-enerġija u biex jintlaħqu l-objettivi klimatiċi fl-2030 u fl-2050.

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew COM(2019) 640 final.

²⁵ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew COM(2019) 640 final.

Emenda 2

Proposta għal regolament

Premessa 2

Test propost mill-Kummissjoni

(2) Biex titħaffef it-tranżizzjoni għal mudell ta' ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni fasslet aġenda orjentata lejn il-futur fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ekonoma Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva²⁶ (CEAP), bl-objettiv li tagħmel il-qafas regolatorju adattat għal futur sostenibbli. Kif stabbilit f'dan il-pjan, bħalissa ma hemm l-ebda sett komprensiv ta' rekwiżiti biex ikun żgurat li l-prodotti kollha ***mqiegħda*** fis-suq tal-Unjoni jsiru dejjem aktar sostenibbli u li jkun hemm prova taċ-ċirkolaritā. B'mod partikolari, id-disinn tal-prodott ma jippromwovix bieżżejjed is-sostenibbiltà matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Minħabba f'hekk, il-prodotti qed jiġu sostitwiti ta' spiss, ***li jinvolvu*** użu sinifikanti tal-enerġija u tar-riżorsi biex jiġu prodotti u distribwuti prodotti ġodda u jintremew dawk antiki. Għadu diffiċli wisq għall-operaturi ekonomiċi u għaċ-ċittadini biex jagħmlu għażiex sostenibbli fir-rigward ta' prodotti minħabba li l-informazzjoni rilevanti u l-ġhażiet affordabbli biex jagħmlu dan

Emenda

(2) Biex titħaffef it-tranżizzjoni għal mudell ta' ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni fasslet aġenda orjentata lejn il-futur fil-Pjan ta' Azzjoni tagħha dwar l-Ekonoma Ċirkolari għal Ewropa aktar nadifa u aktar kompetittiva²⁶ (CEAP), bl-objettiv li tagħmel il-qafas regolatorju adattat għal futur sostenibbli. ***Il-pjan jissottolinja li, għaċ-ċittadini, l-ekonomija ċirkolari se tipprovdī prodotti ta' kwalità għolja, funzjonali u sikuri, li jkunu effiċjenti u affordabbli, idumu jservu aktar u li jkunu maħsuba għal użu mill-ġdid, tiswija u riċeklagg ta' kwalità għolja.*** Kif stabbilit f'dan il-pjan, bħalissa ma hemm l-ebda sett komprensiv ta' rekwiżiti biex ikun żgurat li l-prodotti kollha ***introdotti*** fis-suq tal-Unjoni jsiru dejjem aktar sostenibbli u li jkun hemm prova taċ-ċirkolaritā. B'mod partikolari, id-disinn tal-prodott ma jippromwovix bieżżejjed is-sostenibbiltà matul iċ-ċiklu tal-ħajja kollu. Minħabba f'hekk, il-prodotti qed jiġu sostitwiti ta' spiss, ***u dan jinvolvi*** użu sinifikanti tal-enerġija u tar-riżorsi biex

huma nieqsa. Dan iwassal għal opportunitajiet mitlufa għas-sostenibbiltà u għal operazzjonijiet li jżommu l-valur, domanda limitata għal materjali sekondarji u ostakli għall-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari.

jiġu prodotti u distribwiti prodotti ġodda u jintremew dawk antiki. Għadu diffiċli wisq għall-operaturi ekonomiċi u għaċ-ċittadini biex jagħmlu għażiż sostenibbli fir-rigward ta' prodotti minħabba li l-informazzjoni rilevanti u l-għażiż affordabbli biex jagħmlu dan huma nieqsa. Dan iwassal għal opportunitajiet mitlufa għas-sostenibbiltà u għal operazzjonijiet li jżommu l-valur, domanda limitata għal materjali sekondarji u ostakli għall-adozzjoni ta' mudelli ta' negozju ċirkolari.

²⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetitiva COM(2020) 98 final.

²⁶ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari Għal Ewropa aktar nadifa u kompetitiva COM(2020)98 final.

Emenda 3

Proposta għal regolament Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(3a) Id-disponibbiltà sigura u suffiċjenti ta' materja prima kritika hija essenzjali għal tranżizzjoni dopja Ewropea b'suċċess filwaqt li tiġi żgurata industrijha Ewropea kompetitiva. Huwa importanti li jiġu stabbiliti rekwiżiti ta' informazzjoni komprensivi dwar il-materjali, inkluż dwar il-materja prima kritika, u dwar il-prodotti introdotti fis-suq tal-Unjoni sabiex jitwettaq l-approċċ deskrītt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2020 dwar Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twittija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar^{1a} u r-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Novembru 2021 dwar strateġija Ewropea għall-materja prima kritika^{1b}.

1a Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Settembru 2020 bit-titolu "Ir-Reżiljenza tal-Materja Prima Kritika: It-Twittija tat-Triq lejn Sigurtà u Sostenibbiltà Akbar" (COM(2020)0474)

Ib P9_TA(2021)0468

Emenda 4

Proposta għal regolament

Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, diġà tfaċċaw approċċi nazzjonali diverġenti għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, li jvarjaw mir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar id-durata tal-kompatibbiltà tas-software tal-apparati elettroniċi għar-rapportar tal-obbligi dwar it-trattament ta' oġġetti durabbi mhux mibjugħha. Din hija indikazzjoni li aktar sforzi nazzjonali biex jintlaħqu l-ġhanijiet segwiti minn dan ir-Regolament aktarx iwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-suq intern. Għalhekk, biex jiġi salvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, hemm bżonn ta' qafas regolatorju biex jiġu introdotti progressivament rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti. Dan ir-Regolament, billi jagħmel l-approċċ tal-ekodisinn stabbilit inizjalment fid-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹ applikabbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti, jipprovd qafas bħal dan.

²⁹ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Emenda

(4) Fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni fil-livell tal-Unjoni, diġà tfaċċaw approċċi nazzjonali diverġenti għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, li jvarjaw mir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar id-durata tal-kompatibbiltà tas-software tal-apparati elettroniċi għar-rapportar tal-obbligi dwar it-trattament ta' oġġetti durabbi mhux mibjugħha. Din hija indikazzjoni li aktar sforzi nazzjonali biex jintlaħqu l-ġhanijiet segwiti minn dan ir-Regolament aktarx iwasslu għal aktar frammentazzjoni tas-suq intern. Għalhekk, biex jiġi salvagwardjat il-funzjonament tas-suq intern filwaqt li jkun żgurat livell għoli ta' protezzjoni ambjentali, hemm bżonn ta' qafas regolatorju **ambizzjuż** biex jiġu introdotti progressivament rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti. Dan ir-Regolament, billi jagħmel l-approċċ tal-ekodisinn stabbilit inizjalment fid-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁹ applikabbli għall-aktar firxa wiesgħa possibbli ta' prodotti, jipprovd qafas bħal dan.

²⁹ Id-Direttiva 2009/125/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għall-iffissar ta' rekwiżiti għall-ekodisinn għal prodotti relatati mal-enerġija (ĠU L 285, 31.10.2009, p. 10).

Emenda 5

Proposta għal regolament

Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni

(5) Dan ir-Regolament se jikkontribwixxi biex ***jagħmel il-prodotti*** adatti għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, ***li tnaqqas l-iskart u tīzgura*** li l-prestazzjoni ta' dawk li jinsabu fuq quddiem nett fis-sostenibbiltà ssir in-norma b'mod progressiv. Jenħtieġ li jipprevedi l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda tal-ekodisinn biex jittejbu d-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, ***l-aġġornament*** u l-possibbiltà ta' tiswija tal-prodott, jittejbu l-possibiltajiet għar-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni, tīgi indirizzata l-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti, tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi tagħhom, tonqos il-ġenerazzjoni mistennija tagħhom ta' materjali tal-iskart u jiżdied il-kontenut riċiklat fil-prodotti, filwaqt li jkunu żgurati l-prestazzjoni u s-sikurezza tagħhom, tkun permessa l-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u jonqsu l-impronti tal-karbonju u ambjentali.

Emenda

(5) Dan ir-Regolament se ***jappoġġa xejriet ta' produzzjoni u ta' konsum li jkunu allinjati mal-miri ta' sostenibbiltà globali tal-Unjoni, inklużi dawk marbuta mal-klima, l-ambjent, l-enerġija, l-użu tar-riżorsi u l-bijodiversità, filwaqt li jirrispetta l-limiti planetarji, billi jistabbilixxi qafas leġiżlattiv li jikkontribwixxi biex *jingħata lok għal prodotti**** adatti għal ekonomija newtrali għall-klima, effiċjenti fir-riżorsi u ċirkolari, ***jitnaqqas l-iskart u jiġi żgurat*** li l-prestazzjoni ta' dawk li jinsabu fuq quddiem nett fis-sostenibbiltà ssir in-norma b'mod progressiv. **Dan** jenħtieġ li jipprevedi l-istabbiliment ta' rekwiżiti ġodda tal-ekodisinn biex jittejbu d-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, ***il-possibbiltà ta' titjib fil-kwalità, ir-riċiklabbiltà u l-possibbiltà ta'*** tiswija tal-prodott, jittejbu l-possibiltajiet għar-rinnovazzjoni u l-manutenzjoni, tīgi indirizzata l-preżenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-prodotti, tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi tagħhom, tonqos il-ġenerazzjoni mistennija tagħhom ta' materjali tal-iskart u jiżdied il-kontenut riċiklat fil-prodotti, filwaqt li jkunu żgurati l-prestazzjoni u s-sikurezza tagħhom, tkun permessa l-manifattura mill-ġdid u r-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, u jonqsu l-impronti tal-karbonju u ambjentali.

Emenda 6

Proposta għal regolament

Premessa 5a (ġdida)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(5a) Il-prattiki li jrendu l-prodotti mhux funzjonali jew obsoleti b'mod prematur qed jaffettawaw b'mod negattiv lill-konsumaturi, u għandhom impatt negattiv fuq l-ambjent minħabba ż-żieda fl-użu tal-materjali fl-ekonomija tagħna. Biex jiżgura li l-prodotti jkollhom ħajja twila għall-konsumaturi, biex inaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u biex jikkontribwixxi għal konsum sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jindirizza tali prattiki, b'mod partikolari meta jkunu r-riżultat ta' għażliet intenzjonati tad-disinn mill-manifatturi, meta l-aċċornamenti jew l-aċċessorji tas-software ma jiġux ipprovduti f'perjodu ta' żmien xieraq, jew meta l-funzjonalità ta' prodott tkun limitata meta l-konsumaturi jużaw ogħetti konsumabbli, partijiet ta' rikambju jew aċċessorji mhux ipprovduti mill-manifattur oriġinali. Peress li l-possibbiltà ta' tiswija hija pedament għall-ħajja twila tal-prodotti, ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura wkoll li ż-żarmar tal-komponenti ewlenin ma jiġix ostakolat, u li l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-partijiet ta' rikambju ma jkunx limitat għal min ikun awtorizzat biex isewwi.

Emenda 7

Proposta għal regolament

Premessa 6

Test proposet mill-Kummissjoni

(6) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 “Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi”³⁰, ***laqa' l-promozzjoni*** ta’ prodotti durabbli li huma aktar faċli biex jissewwew, jintużaw mill-ġdid u jiġu rriċiklati. Fir-rapport tiegħu dwar il-Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-

Emenda

(6) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-25 ta’ Novembru 2020 “Lejn suq uniku aktar sostenibbli għall-impriżi u l-konsumaturi”³⁰, ***appella għall-istabbiliment ta' qafas tajjeb biex tiġi żgurata l-produzzjoni*** ta’ prodotti durabbli li huma aktar faċli biex jissewwew, jintużaw mill-ġdid u jiġu rriċiklati.

Ekonomija Ċirkolari adottat fis-16 ta' Frar 2021³¹, il-Parlament Ewropew ***kompla japprova l-aġenda ppreżentata mill-Kummissjoni fis-CEAP.*** Qies li t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari tista' tipprovi soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi ambientali attwali u l-kriżi ekonomika li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar “Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku” adottati fil-11 ta’ Diċembru 2020³², laqa’ wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposti leġiżlattivi bħala parti minn qafas ta’ politika komprensiv u integrat dwar il-prodotti sostenibbli li jippromwovu n-newtralità klimatika, l-effiċjenza fl-enerġja u fir-riżorsi u ekonomija ċirkolari mhux tossika, jiprotegħu s-saħħha pubblika u l-bijodiversità, u jagħtu s-setgħa u jiprotegħu lill-konsumaturi u lix-xerrejja pubbliċi.

rriċiklati ***filwaqt li jiġu pprovduti aktar drittijiet għall-konsumaturi, inklużi rekwiżiti ta’ informazzjoni u perjodi itwal ta’ garanzija legali.*** Fir-rapport tiegħu dwar il-Pjan ta’ Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari adottat fis-16 ta’ Frar 2021³¹, il-Parlament Ewropew ***issottolinja li l-prodotti u l-materjali sostenibbli, ċirkolari, sikuri u mhux tossiċi għandhom isiru n-norma fis-suq tal-Unjoni u mhux l-eċċeżżjoni, u għandhom jitqiesu bħala l-għażla prestabbilita, li tkun attraenti, affordabbli u aċċessibbli għall-konsumaturi kollha.*** Il-Parlament Ewropew appella wkoll għal miri vinkolanti tal-Unjoni biex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impronti tal-materjali u tal-konsum tal-Unjoni. Qies li t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari tista' tipprovi soluzzjonijiet biex jiġu indirizzati l-isfidi ambientali attwali u l-kriżi ekonomika li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19. Il-Kunsill, fil-konklużjonijiet tiegħu dwar “Nagħmlu l-Irkupru Ċirkolari u Ekoloġiku” adottati fil-11 ta’ Diċembru 2020³², laqa’ wkoll l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tippreżenta proposti leġiżlattivi bħala parti minn qafas ta’ politika komprensiv u integrat dwar il-prodotti sostenibbli li jippromwovu n-newtralità klimatika, l-effiċjenza fl-enerġja u fir-riżorsi u ekonomija ċirkolari mhux tossika, jiprotegħu s-saħħha pubblika u l-bijodiversità, u jagħtu s-setgħa u jiprotegħu lill-konsumaturi u lix-xerrejja pubbliċi.

³⁰ P9_TA(2020)0318.

³¹ P9_TA(2021)0040.

³² 13852/20.

³⁰ P9_TA(2020)0318.

³¹ P9_TA(2021)0040.

³² 13852/20.

Emenda 8

Proposta għal regolament

Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali usa' tal-Unjoni. It-tmien (8) Programm ta' Azzjoni Ambjentali³⁸ jistabbilixxi f'qafas legali l-objettiv tal-Unjoni li tibqa' fi ħdan il-limiti planetarji u jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti biex jintlaħqu l-objettivi prioritarji, li jinkludu t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari mhux tossika. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob ukoll lill-Unjoni biex timmonitorja, tirrapporta, tipprevjeni u tirrimedja aħjar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija u tal-prodotti għall-konsumatur. Dan ifisser li s-sustanzi kimiċi, il-materjali u l-prodotti jridu jkunu sikuri u sostenibbli **kemm jista' jkun possibbli** mid-disinn u tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u b'hekk iwasslu għal ċikli ta' materjali mhux tossici³⁹. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u s-CEAP jirrikonoxxu li s-suq intern tal-Unjoni jipprovdi massa kritika li tista' tinfluwenza l-istandardi dinjin dwar is-sostenibbiltà tal-prodott u d-disinn tal-prodott. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk ikollu rwol sinifikanti lejn il-kisba ta' diversi miri stabbiliti skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Āgenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli “Konsum u produzzjoni responsabbi”⁴⁰, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni.

³⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 [Żid ir-referenza meta tiġi ppubblikata fil-ĠU – ftehim ta' trilogu tat-2 ta' Diċembru 2021].

³⁹ Kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn tniġġis żero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija (COM(2021)400 final) u l-Istratèġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà (COM(2020)667 final), li

Emenda

(8) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi wkoll biex jintlaħqu l-objettivi ambjentali usa' tal-Unjoni. It-tmien (8) Programm ta' Azzjoni Ambjentali³⁸ jistabbilixxi f'qafas legali l-objettiv tal-Unjoni li tibqa' fi ħdan il-limiti planetarji u jidentifika l-kundizzjonijiet abilitanti biex jintlaħqu l-objettivi prioritarji, li jinkludu t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari mhux tossika. Il-Patt Ekoloġiku Ewropew jitlob ukoll lill-Unjoni biex timmonitorja, tirrapporta, tipprevjeni u tirrimedja aħjar it-tniġġis tal-arja, tal-ilma, tal-ħamrija u tal-prodotti għall-konsumatur. Dan ifisser li s-sustanzi kimiċi, il-materjali u l-prodotti jridu jkunu **jew isiru** sikuri u sostenibbli mid-disinn u tul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom, u b'hekk iwasslu għal ċikli ta' materjali mhux tossici³⁹. Barra minn hekk, il-Patt Ekoloġiku Ewropew u s-CEAP jirrikonoxxu li s-suq intern tal-Unjoni jipprovdi massa kritika li tista' tinfluwenza l-istandardi dinjin dwar is-sostenibbiltà tal-prodott u d-disinn tal-prodott. Dan ir-Regolament jenħtieġ li għalhekk ikollu rwol sinifikanti lejn il-kisba ta' diversi miri stabbiliti skont l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti tal-Āgenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli “Konsum u produzzjoni responsabbi”⁴⁰, kemm ġewwa kif ukoll barra l-Unjoni.

³⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/.... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ... dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2030 [Żid ir-referenza meta tiġi ppubblikata fil-ĠU – ftehim ta' trilogu tat-2 ta' Diċembru 2021].

³⁹ Kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn tniġġis żero għall-arja, għall-ilma u għall-ħamrija (COM(2021)400 final) u l-Istratèġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà (COM(2020)667 final), li

jitlob li jiġu adottati l-għanijiet ta' tniġġis żero fil-produzzjoni u fil-konsum.

⁴⁰ L-inklużjoni b'mod partikolari ta' miri skont l-SDG 12 ("Konsum u produzzjoni responsabbli").

jitlob li jiġu adottati l-għanijiet ta' tniġġis żero fil-produzzjoni u fil-konsum.

⁴⁰ L-inklużjoni b'mod partikolari ta' miri skont l-SDG 12 ("Konsum u produzzjoni responsabbli").

Emenda 9

Proposta għal regolament Premessa 12a (ġdida)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(12a) Is-settur tal-oġġetti użati għandu rwol speċifiku fil-promozzjoni tal-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, inkluż fl-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ċirkolari ġodda. Minħabba l-ispeċifiċitajiet ta' dan is-settur, li għandu l-għan li jestendi l-ħajja tal-prodotti u jevita li dawn isiru skart, il-prodotti użati, b'mod partikolari l-prodotti li jiġu rinnovati jew jissewwew, li joriġinaw mill-Unjoni jenħtieġ li ma jitqisux bħala prodotti ġodda li jiġu introdotti fis-suq jew li jitqiegħdu fis-servizz u għalhekk jenħtieġ li ma jkollhomx jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn. Il-prodotti użati importati minn pajjiżi terzi jenħtieġ li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, iżda jenħtieġ li jkun possibbli li dawn jiġu eżentati dment li jiġu ssodisfati ċerti kundizzjonijiet.

Emenda 10

Proposta għal regolament Premessa 13

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(13) **Biex** titnejeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u jkun żgurat il-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern, *is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi*

Sabiex titnejeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u jkun żgurat il-moviment liberu tal-prodotti fis-suq intern, *jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290*

delegata lill-Kummissjoni biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li fil-prinċipju japplikaw għal gruppi speċifiċi ta' prodotti, bħal magni tal-ħasil jew magni tal-ħasil u washer dryers. Biex tinkiseb l-akbar effettività tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tittejjeb b'mod effiċjenti s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi stabbilit rekwiżiti orizzontali wieħed jew aktar tal-ekodisinn għal firxa usa' ta' gruppi ta' prodotti, bħall-apparat elettroniku jew **t-tessuti**. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn meta s-similaritajiet tekniċi tal-gruppi ta' prodotti jippermettu li s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom tittejjeb abbażi tal-istess rekwiżiti.

tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li fil-prinċipju japplikaw għal gruppi speċifiċi ta' prodotti, bħal magni tal-ħasil jew magni tal-ħasil u washer dryers. Biex tinkiseb l-akbar effettività tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u tittejjeb b'mod effiċjenti s-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġi stabbilit rekwiżiti orizzontali wieħed jew aktar tal-ekodisinn għal firxa usa' ta' gruppi ta' prodotti, bħall-apparat elettroniku jew **it-tessuti**. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn meta s-similaritajiet tekniċi tal-gruppi ta' prodotti jippermettu li s-sostenibbiltà ambjentali tagħhom tittejjeb abbażi tal-istess rekwiżiti.
Huwa importanti li jiġu żviluppati rekwiżiti orizzontali b'mod partikolari dwar id-durabbiltà u l-possibbiltà ta' tiswija. L-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li jingħataw bizzżejjed żmien biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-għoddha tal-ekodisinn.
Dawk ir-rekwiżiti orizzontali jenħtieġ li jqis u l-benefiċċji ambjentali potenziali li joħorġu mill-użu ta' cärger komuni wieħed għal diversi prodotti. Għalhekk, jenħtieġ li l-gruppi ta' prodotti b'similaritajiet tekniċi jkunu meħtieġa li jkunu mgħammra b'cärgers komuni.

Emenda 11

Proposta għal regolament Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni

(14) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi rekwiżiti kif xieraq għall-gruppi ta' prodotti koperti, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti ta' prestazzjoni u informazzjoni. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jintużaw biex jittejbu l-aspetti tal-prodott **rilevanti għas-**

Emenda

(14) Biex il-Kummissjoni tkun tista' tistabbilixxi rekwiżiti kif xieraq għall-gruppi ta' prodotti koperti, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jinkludu rekwiżiti ta' prestazzjoni u informazzjoni. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jintużaw biex jittejbu l-aspetti **rilevanti** tal-prodott **li jikkonċernaw**

sostenibbiltà ambjentali, bħall-effiċjenza enerġetika, id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija u l-impronti tal-karbonju u ambjentali. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi, proporzjonati u f'konformità mar-regoli kummerċjali internazzjonali.

is-sostenibbiltà ambjentali, bħall-effiċjenza enerġetika, id-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija, ***l-użu mill-ġdid, ir-riċiklabbiltà*** u l-impronti tal-karbonju u ambjentali. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi, proporzjonati u f'konformità mar-regoli kummerċjali internazzjonali. ***Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jkunu bbażati wkoll fuq il-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I u, meta tistabbilixxihom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-objettivi tal-Unjoni fl-oqsma tal-klima, l-ambjent u l-bijodiversità, l-effiċjenza enerġetika u s-sigurtà tar-riżorsi. Tali rekwiżiti jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jitnaqqsu l-impronti ambjentali, tal-materjali u tal-konsum tal-Unjoni sabiex jinġiebu fi ħdan il-limiti planetarji malajr kemm jista' jkun.***

Emenda 12

Proposta għal regolament Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Ladarba att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn jiġi adottat mill-Kummissjoni għal grupp ta' prodotti partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li, biex jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern, ma jibqgħux jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali tal-prestazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti tal-prestazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat, u ma ***għandhomx jibqgħu*** jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali ta' informazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat. Biex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi li ma jkun meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-ekodisinn fil-forma ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u/jew fil-forma ta' rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward

Emenda

(15) Ladarba att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn jiġi adottat mill-Kummissjoni għal grupp ta' prodotti partikolari, l-Istati Membri jenħtieġ li, biex jiżguraw il-funzjonament tas-suq intern, ma jibqgħux jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali tal-prestazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti tal-prestazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat, u ma ***jibqgħux*** jitħallew jistabbilixxu rekwiżiti nazzjonali ta' informazzjoni abbażi ta' parametri tal-prodott koperti minn tali rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti f'dak l-att delegat. Biex ikun żgurat il-funzjonament tas-suq intern, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tistabbilixxi li ma jkun meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-ekodisinn fil-forma ta' rekwiżiti ta' prestazzjoni u/jew fil-forma ta' rekwiżiti ta' informazzjoni fir-rigward

ta' xi parametru speċifiku tal-prodott.

ta' xi parametru speċifiku tal-prodott.
Huwa importanti li l-Kummissjoni tiġġustifika kif xieraq id-deċiżjoni tagħha meta tiddeċiedi li ma tistabbilix rekwiżiti ta' prestazzjoni jew ta' informazzjoni.

Emenda 13

Proposta għal regolament

Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) ***Biex tkun evitata d-duplikazzjoni tal-isforzi u tal-piż regolatorju***, jenħtieġ li tkun żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-rekwiżiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, speċjalment il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti, is-sustanzi kimiċi u l-iskart⁵¹. Madankollu, l-eżistenza ta' setgħat skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni biex jiġu stabbiliti rekwiżiti bl-istess effetti jew effetti simili bħar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament ma tillimitax is-setgħat inklużi f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat f'dan ir-Regolament.

⁵¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: ***alterattivi*** li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart (COM(2018) 32 final).

Emenda

(17) Jenħtieġ li tkun żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-rekwiżiti stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jew skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, speċjalment il-leġiżlazzjoni dwar il-prodotti, is-sustanzi kimiċi, ***I-imballaġġ*** u l-iskart⁵¹. Madankollu, l-eżistenza ta' setgħat skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni biex jiġu stabbiliti rekwiżiti bl-istess effetti jew effetti simili bħar-rekwiżiti skont dan ir-Regolament ma tillimitax is-setgħat inklużi f'dan ir-Regolament, sakemm ma jkunx speċifikat f'dan ir-Regolament.

⁵¹ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-ekonomija ċirkolari: ***alternattivi*** li jindirizzaw l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, dwar il-prodotti u dwar l-iskart (COM(2018)32 final).

Emenda 14

Proposta għal regolament

Premessa 19

Test propost mill-Kummissjoni

(19) Biex titqies id-diversità tal-prodotti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħżel il-metodi biex tivvaluta l-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u, kif xieraq, tiżviluppahom aktar abbażi tan-natura tal-prodott, l-aktar aspetti rilevanti tiegħu u l-impatti tagħhom fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-esperjenza tagħha fil-valutazzjoni tal-istabbiliment tar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2009/125/KE u l-isforzi kontinwi biex jiġu żviluppati u mtejba ġhodod ta' valutazzjoni bbażati fuq ix-xjenza, bħall-aġġornament tal-metodoloġija għall-ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija, u l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti stabbilit fir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279⁵⁶, inkluż fir-rigward tal-ħżin temporanju tal-karbonju, kif ukoll l-iżvilupp ta' standards minn organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej tal-istandardizzazzjoni, inkluż dwar l-effiċjenza materjali tal-prodotti relatati mal-enerġija. Filwaqt li tibni fuq dawn l-għodod u tuża studji dedikati meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ l-aspetti taċ-ċirkolarită (bħad-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija inkluż punteggħ għall-**possibbiltà ta' tiswija**, l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jfixxlu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ) fil-valutazzjoni tal-prodotti **u fit-tħejjija** tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, u jenħtieġ li tiżviluppa metodi jew għodod ġodda meta xieraq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll approċċi ġodda għat-tħejjija ta' kriterji obbligatorji tal-akkwist pubbliku u għall-projbizzjonijiet fuq il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha.

Emenda

(19) Biex titqies id-diversità tal-prodotti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tagħżel il-metodi biex tivvaluta l-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn u, kif xieraq, tiżviluppahom aktar abbażi tan-natura tal-prodott, l-aktar aspetti rilevanti tiegħu u l-impatti tagħhom fuq iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis l-esperjenza tagħha fil-valutazzjoni tal-istabbiliment tar-rekwiżiti skont id-Direttiva 2009/125/KE u l-isforzi kontinwi biex jiġu żviluppati u mtejba ġhodod ta' valutazzjoni bbażati fuq ix-xjenza, bħall-aġġornament tal-metodoloġija għall-ekodisinn ta' prodotti relatati mal-enerġija, u l-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodotti stabbilit fir-Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2279⁵⁶, inkluż fir-rigward tal-ħżin temporanju tal-karbonju, kif ukoll l-iżvilupp ta' standards minn organizzazzjonijiet internazzjonali u Ewropej tal-istandardizzazzjoni, inkluż dwar l-effiċjenza materjali tal-prodotti relatati mal-enerġija, **kif ukoll il-qasam tal-inġinerija elettroteknika**. Filwaqt li tibni fuq dawn l-għodod u tuża studji dedikati meta jkun meħtieġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkompli ssaħħaħ l-aspetti taċ-ċirkolarită (bħad-durabbiltà, il-possibbiltà ta' tiswija inkluż punteggħ għat-**ħat-tiswija, ir-riċiklabbiltà, l-użu mill-ġdid, l-identifikazzjoni ta' sustanzi kimiċi li jfixxlu l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ**) fil-valutazzjoni tal-prodotti, **f'konformità ma' approċċi taċ-ċiklu tal-ħajja bil-ħsieb tat-tħejjija** tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, u jenħtieġ li tiżviluppa metodi jew għodod ġodda meta **jkun** xieraq. Jistgħu jkunu meħtieġa wkoll approċċi ġodda għat-tħejjija ta' kriterji obbligatorji tal-akkwist pubbliku u għall-projbizzjonijiet fuq il-kerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha.

⁵⁶ Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni

⁵⁶ Rakkmandazzjoni tal-Kummissjoni

(UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021
dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta
Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni
tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-
ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet.

(UE) 2021/2279 tal-15 ta' Diċembru 2021
dwar l-użu tal-metodi tal-Impronta
Ambjentali għall-kejl u l-komunikazzjoni
tal-prestazzjoni ambjentali taċ-ċiklu tal-
ħajja ta' prodotti u ta' organizzazzjonijiet.

Emenda 15

Proposta għal regolament

Premessa 20

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru ta' prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott fil-mira li għalihi ikun ġie identifikat il-potenzjal għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali. Tali rekwiżiti jistgħu jinkludu livelli minimi jew massimi ta' prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, rekwiżiti mhux kwantitattivi li għandhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, jew rekwiżiti relatati mal-prestazzjoni funzjonali ta' prodott biex ikun żgurat li r-rekwiżiti tal-prestazzjoni magħżula ma jħallux impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-prodott li jwettaq il-funzjoni li għaliha jkun ġie ddisinjat u kummerċjalizzat. Fir-rigward tal-livelli minimi jew massimi, dawn jistgħu pereżempju jieħdu l-forma ta' limitu fuq il-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu jew fuq il-kwantitajiet ta' materjal partikolari inkorporat fil-prodott, rekwiżit għal kwantitajiet minimi ta' kontenut riċiklat, jew limitu fuq kategorija speċifika ta' impatt ambjentali jew fuq aggregazzjoni tal-impatti ambjentali rilevanti kollha. Eżempju ta' rekwiżit mhux kwantitattiv hu l-projbizzjoni ta' soluzzjoni teknika speċifika li **hi** ta' detriment għall-possibbiltà ta' tiswija tal-prodott. Se jintużaw rekwiżiti tal-prestazzjoni biex tkun żgurata t-tnejħiha tal-prodotti bl-agħar prestazzjoni mis-suq meta dan ikun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali tar-

Emenda

(20) Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru ta' prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott fil-mira li għalihi ikun ġie identifikat il-potenzjal għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali. Tali rekwiżiti jistgħu jinkludu livelli minimi jew massimi ta' prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, rekwiżiti mhux kwantitattivi li għandhom l-għan li jtejbu l-prestazzjoni fir-rigward tal-parametru tal-prodott, jew rekwiżiti relatati mal-prestazzjoni funzjonali ta' prodott biex ikun żgurat li r-rekwiżiti tal-prestazzjoni magħżula ma jħallux impatt negattiv fuq il-kapaċità tal-prodott li jwettaq il-funzjoni li għaliha jkun ġie ddisinjat u kummerċjalizzat. Fir-rigward tal-livelli minimi jew massimi, dawn jistgħu pereżempju jieħdu l-forma ta' limitu fuq il-konsum tal-enerġija fil-fażi tal-użu jew fuq il-kwantitajiet ta' materjal partikolari inkorporat fil-prodott, rekwiżit għal kwantitajiet minimi ta' kontenut riċiklat ***filwaqt li titqies id-disponibbiltà ta' materjali riċiklati***, jew limitu fuq kategorija speċifika ta' impatt ambjentali jew fuq aggregazzjoni tal-impatti ambjentali rilevanti kollha. Eżempju ta' rekwiżit mhux kwantitattiv hu l-projbizzjoni ta' soluzzjoni teknika speċifika li **tkun** ta' detriment għall-possibbiltà ta' tiswija tal-prodott. Se jintużaw rekwiżiti tal-prestazzjoni biex tkun żgurata t-tnejħiha tal-prodotti bl-agħar prestazzjoni mis-suq **u biex isir ċaqliq**

Regolament.

gradwali lejn il-prodotti bl-aħjar prestazzjoni meta dan ikun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali tar-Regolament. **Dan ir-Regolament jenħtieġ li jqis ukoll lu-żu ta' materjali rinnovabbi minn sorsi sostenibbli fil-prodotti u jindirizza r-rilaxx tan-nanoplastiks u tal-mikroplastiks.**

Emenda 16

Proposta għal regolament

Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) Is-sikurezza kimika hija element rikonoxxut tas-sostenibbiltà tal-prodott. Hija bbażata fuq il-perikli intrinsiċi tas-sustanzi kimiċi għas-saħħa jew għall-ambjent flimkien ma' esponent ġeċifiku jew ġeneriku, u hija indirizzata mil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bħar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰, ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ u d-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶². Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi bbażati fuq is-sikurezza kimika, kif isir skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni. ***Bl-istess mod***, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi għal raġunijiet relatati mas-sikurezza alimentari. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-ikel ma jippermettix li jiġu indirizzati, permezz ta' restrizzjonijiet fuq ċerti sustanzi, l-impatti fuq is-sostenibbiltà li mhumiex relatati mas-sikurezza kimika jew mas-sikurezza alimentari. Biex tingħeleg din il-limitazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, ir-

Emenda

(22) Is-sikurezza kimika hija element rikonoxxut tas-sostenibbiltà tal-prodott. Hija bbażata fuq il-perikli intrinsiċi tas-sustanzi kimiċi għas-saħħa jew għall-ambjent flimkien ma' esponent ġeċifiku jew ġeneriku, u hija indirizzata mil-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bħar-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁸, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵⁹, ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁰, ir-Regolament (UE) 2017/745 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶¹ u d-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶². Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi bbażati fuq is-sikurezza kimika, kif isir skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, ***dment li ma jkunx hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent, li jirriżulta mill-użu ta' sustanza preżenti fil-prodott jew f'komponent tal-prodott meta jiġi introdott fis-suq jew matul l-istadji sussegwenti taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.*** Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma jippermettix ir-restrizzjoni ta' sustanzi għal raġunijiet relatati mas-sikurezza alimentari. Madankollu, id-dritt tal-Unjoni dwar is-sustanzi kimiċi u l-ikel ma jippermettix li jiġu indirizzati, permezz ta' restrizzjonijiet fuq ċerti sustanzi, l-impatti fuq is-sostenibbiltà li mhumiex relatati mas-sikurezza kimika jew mas-sikurezza alimentari. Biex tingħeleg din il-limitazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, ir-

restrizzjoni, *primarjament għal raġunijiet ġħajr is-sikurezza kimika jew alimentari*, ta' sustanzi preżenti fi prodotti *jew użati fil-proċessi tal-manifattura tagħhom* li jaffettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà tal-prodotti. Dan ir-Regolament **ukoll** jenħtieġ li ma jirriżultax fid-duplikazzjoni jew fis-sostituzzjoni ta' restrizzjonijiet ta' sustanzi koperti mid-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³, li għandha bħala l-objettiv tagħha l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż l-irkupru u r-rimi ambjentalment sod tal-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku.

restrizzjonijiet fuq ċerti sustanzi, l-impatti fuq is-sostenibbiltà li mhumiex relatati mas-sikurezza kimika jew mas-sikurezza alimentari. Biex tingħe-leb din il-limitazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti, f'ċerti kundizzjonijiet, ir-restrizzjoni ta' sustanzi preżenti fi prodotti li jaffettwaw b'mod negattiv is-sostenibbiltà tal-prodotti. Dan ir-Regolament **jenħtieġ li jikkomplementa, meta jkun meħtieġ, iż-żda** jenħtieġ li ma jirriżultax fid-duplikazzjoni jew fis-sostituzzjoni ta' restrizzjonijiet ta' sustanzi koperti mid-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶³, li għandha bħala l-objettiv tagħha l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent, inkluż l-irkupru u r-rimi ambjentalment sod tal-iskart minn tagħmir elettriku u elettroniku.

⁵⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

⁵⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁶⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

⁶¹ Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-

⁵⁸ Ir-Regolament (KE) Nru 1935/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2004 dwar materjali u oġġetti maħsuba biex jiġu f'kuntatt mal-ikel u li jħassar id-Direttivi 80/590/KEE u 89/109/KEE (ĠU L 338, 13.11.2004, p. 4).

⁵⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

⁶⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59).

⁶¹ Ir-Regolament (UE) 2017/746 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

⁶² Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

⁶³ Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2017 dwar apparati mediċi dijanjostiċi *in vitro* u li jħassar id-Direttiva 98/79/KE u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/227/UE (ĠU L 117, 5.5.2017, p. 176).

⁶² Id-Direttiva 2009/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli (ĠU L 170, 30.6.2009, p. 1).

⁶³ Id-Direttiva 2011/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi perikolużi fit-tagħmir elettriku u elettroniku (ĠU L 174, 1.7.2011, p. 88).

Emenda 17

Proposta għal regolament Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) Biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru tal-prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott, bħall-impronta ambjentali tal-prodott **jew id-durabbiltà tiegħu**. Dawn **jistgħu** jirrikjedu li l-manifattur jagħmel disponibbli informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward ta' parametru tal-prodott magħżul jew informazzjoni oħra li tista' tinfluwenza l-mod kif il-prodott jiġi ttrattat minn partijiet oħra minbarra l-manifattur biex tittejjeb il-prestazzjoni rigward parametru bħal dan. Tali rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew flimkien ma', jew minflok, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni fuq l-istess parametru tal-prodott kif xieraq. Meta att delegat jinkludi rekwiżiti ta' informazzjoni, jenħtieġ li dan jindika l-metodu biex l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli, bħall-inklużjoni **tiegħu** fuq sit web b'aċċess liberu, passaport tal-prodotti jew tikketta tal-

Emenda

(23) Biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jkunu relatati ma' parametru tal-prodott magħżul rilevanti għall-aspett tal-prodott, bħall-impronta ambjentali **u dik tal-karbonju** tal-prodott **u d-durabbiltà tiegħu**. Dawn **jenħtieġ li** jirrikjedu li l-manifattur jagħmel disponibbli informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott fir-rigward ta' parametru tal-prodott magħżul jew informazzjoni oħra li tista' tinfluwenza l-mod kif il-prodott jiġi ttrattat minn partijiet oħra minbarra l-manifattur biex tittejjeb il-prestazzjoni rigward parametru bħal dan. Tali rekwiżiti ta' informazzjoni jenħtieġ li jiġu stabbiliti jew flimkien ma', jew minflok, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni fuq l-istess parametru tal-prodott kif xieraq. **Huwa importanti li l-Kummissjoni tiġġustifika kif xieraq id-deċiżjoni tagħha li tistabbilixxi biss rekwiżiti ta' informazzjoni minflok rekwiżiti ta' prestazzjoni.** Meta att delegat jinkludi

prodott. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma meħtieġa biex joħolqu t-tibdil meħtieġ fl-imġiba ħalli jkun żgurat li jintlaħqu l-objettivi tas-sostenibbiltà ambjentali ta' dan ir-Regolament. Billi jipprovdu bażi soda għax-xerrejja u għall-awtoritajiet pubbliċi biex iqabblu l-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma mistennija li jixprunaw lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi lejn għażliet aktar sostenibbli.

rekwiżiti ta' informazzjoni, jenħtieġ li dan jindika l-metodu biex l-informazzjoni meħtieġa ssir disponibbli ***u faċilment accessible***, bħall-inklużjoni ***tagħha*** fuq sit web b'aċċess liberu, passaport tal-prodotti jew tikketta tal-prodott. ***Jenħtieġ li l-informazzjoni essenziali relatata mas-sahħha, is-sikurezza u d-drittijiet tal-utenti finali tiġi pprovduta dejjem lill-konsumaturi permezz ta' mezzi fiżiċi u tkun aċċessibbli permezz ta' mezz ta' data inkluż fuq il-prodott.*** Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma meħtieġa biex joħolqu t-tibdil meħtieġ fl-imġiba ħalli jkun żgurat li jintlaħqu l-objettivi tas-sostenibbiltà ambjentali ta' dan ir-Regolament. ***L-informazzjoni rilevanti għal deċiżjoni infurmata dwar ix-xiri ta' prodott jenħtieġ li tiġi pprovduta lill-konsumatur qabel ix-xiri tal-prodott.*** Billi jipprovdu bażi soda għax-xerrejja u għall-awtoritajiet pubbliċi biex iqabblu l-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom, ir-rekwiżiti ta' informazzjoni huma mistennija li jixprunaw lill-konsumaturi u lill-awtoritajiet pubbliċi lejn għażliet aktar sostenibbli.

Emenda 18

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni

(24) Meta l-atti delegati jinkludu rekwiżiti ta' informazzjoni, huma jistgħu wkoll jiddeterminaw klassijiet ta' prestazzjoni rigward parametru tal-prodott rilevanti wieħed jew aktar, biex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn il-prodotti abbażi ta' dak il-parametru. Il-klassijiet ta' prestazzjoni jenħtieġ li jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà relativa tagħhom u jistgħu jintużaw kemm mill-konsumaturi kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi. Bħala tali, huma maħsuba biex jixprunaw is-suq lejn prodotti aktar

Emenda

(24) Meta l-atti delegati jinkludu rekwiżiti ta' informazzjoni, huma jistgħu wkoll jiddeterminaw klassijiet ta' prestazzjoni rigward parametru tal-prodott rilevanti wieħed jew aktar, biex jiffaċilitaw it-tqabbil bejn il-prodotti abbażi ta' dak il-parametru. Il-klassijiet ta' prestazzjoni jenħtieġ li jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodotti abbażi tas-sostenibbiltà relativa tagħhom u jistgħu jintużaw kemm mill-konsumaturi kif ukoll mill-awtoritajiet pubbliċi. Bħala tali, huma maħsuba biex jixprunaw is-suq lejn prodotti aktar

sostenibbli.

sostenibbli *mingħajr ma jikkompromettu l-funzjonalità. Peress li r-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar id-durabbiltà u l-kapaċċità ta' tiswija tal-prodotti għandhom rwol ċentrali fir-rigward tal-involviment tal-konsumaturi f'xejriet ta' konsum sostenibbli, dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-istabbiliment ta' punteġġi għat-tiswija.*

Emenda 19

Proposta għal regolament

Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni

(26) Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżit li jsir disponibbli passaport tal-prodotti. Il-passaport tal-prodotti hu għoddha importanti biex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-atturi tul il-katina tal-valur kollha u d-disponibbiltà ta' passaport tal-prodotti jenħtieġ li ttejjeb b'mod sinifikanti t-träċċabbiltà minn tarf sa tarf ta' prodott tul il-katina tal-valur tiegħu. Fost affarrijiet oħra, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti **għalihom**, jippermetti lill-operaturi ekonomiċi u atturi oħra tal-katina tal-valur bħal min isewwi jew riċiklaturi *li jaċċessaw informazzjoni rilevanti, u jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwettqu dmirrijiethom*. Għal dan il-ġhan, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li ma *jissostitwixx ix-żda jikkomplementa l-forom mhux diġitali tat-trażmissjoni tal-informazzjoni, bħall-informazzjoni fil-manwal tal-prodott jew fuq **tikketta**.* Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli li l-passaport tal-prodotti jintuża għal-informazzjoni dwar aspetti oħra ta' sostenibbiltà applikabbi għall-grupp ta' prodotti rilevanti skont leġiżlazzjoni oħra

Emenda

(26) Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludu r-rekwiżit li jsir disponibbli passaport tal-prodotti. Il-passaport tal-prodotti hu għoddha importanti biex l-informazzjoni ssir disponibbli għall-atturi tul il-katina tal-valur kollha u d-disponibbiltà ta' passaport tal-prodotti jenħtieġ li ttejjeb b'mod sinifikanti t-träċċabbiltà minn tarf sa tarf ta' prodott tul il-katina tal-valur tiegħu. Fost affarrijiet oħra, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet infurmati billi jtejjeb l-aċċess tagħhom għall-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti, jippermetti lill-operaturi ekonomiċi u atturi oħra tal-katina tal-valur, bħal min isewwi **b'mod professjonal, operaturi indipendenti, rinnovaturi** jew riċiklaturi jaċċessaw informazzjoni rilevanti, u *jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jwettqu dmirrijiethom, mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.* Għal dan il-ġhan, il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li ma *jissostitwixx ix-żda jikkomplementa l-forom mhux diġitali tat-trażmissjoni tal-informazzjoni, bħall-informazzjoni fil-manwal tal-prodott jew fuq **it-tikketta**.* Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli

tal-Unjoni.

li l-passaport tal-prodotti jintuża għal informazzjoni dwar aspetti oħra ta' sostenibbiltà applikabbi għall-grupp ta' prodotti rilevanti skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

Emenda 20

Proposta għal regolament

Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni

(27) Biex titqies in-natura tal-prodott u tas-suq tiegħu, l-informazzjoni li ***trid*** titniżżeel fil-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tīgi eżaminata bir-reqqa abbażi ta' każ b'każ meta jitħejjew regoli speċifċi għall-prodott. Biex jiġi ottimizzat l-aċċess għall-informazzjoni li tirriżulta filwaqt li jiġu protetti wkoll id-drittijiet tal-proprietà intellettuali, il-passaport tal-prodotti jeħtieġ li jitfassal u jiġi implementat b'mod li jippermetti aċċess differenzjat għall-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti skont it-tip ta' informazzjoni u t-tipoloġija tal-partijiet ikkonċernati. Bl-istess mod, biex ikunu evitati kostijiet għall-kumpaniji u għall-pubbliku li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċi usa', il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun speċifiku għall-mudell tal-oġġett, tal-lott jew tal-prodott, skont pereżempju l-kumplessità tal-katina tal-valur, id-daqs, in-natura jew l-impatti tal-prodotti kkunsidrati.

Emenda

(27) Biex titqies in-natura tal-prodott u tas-suq tiegħu, l-informazzjoni li ***għandha*** titniżżeel fil-passaport tal-prodotti jenħtieġ li tīgi eżaminata bir-reqqa abbażi ta' każ b'każ meta jitħejjew regoli speċifċi għall-prodott, ***filwaqt li jitqiesu l-każijiet ta' oġġetti uniċi u l-protezzjoni ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali***. Biex jiġi ottimizzat l-aċċess għall-informazzjoni li tirriżulta filwaqt li jiġu protetti wkoll id-drittijiet tal-proprietà intellettuali, il-passaport tal-prodotti jeħtieġ li jitfassal u jiġi implementat b'mod li jippermetti aċċess differenzjat għall-informazzjoni inkluża fil-passaport tal-prodotti skont it-tip ta' informazzjoni u t-tipoloġija tal-partijiet ikkonċernati. Bl-istess mod, biex ikunu evitati kostijiet għall-kumpaniji u għall-pubbliku li jkunu sproporzjonati għall-benefiċċi usa', il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jkun speċifiku għall-mudell tal-oġġett, tal-lott jew tal-prodott, skont pereżempju l-kumplessità tal-katina tal-valur, id-daqs, in-natura jew l-impatti tal-prodotti kkunsidrati. ***Il-passaport tal-prodotti jenħtieġ li jibqa' disponibbli mill-inqas għat-tul tal-ħajja mistenni ta' prodott speċifiku, iżda b'marġni adegwat biex jiġi żgurat li l-passaport tal-prodotti jkun disponibbli f'każijiet meta l-prodott idum aktar milli mistenni.***

Emenda 21

Proposta għal regolament Premessa 28

Test propos mill-Kummissjoni

(28) Biex tkun żgurata l-interoperabbiltà, jenħtieġ li jiġu spċifikati t-tipi ta' mezzi ta' data permessi. Għall-istess raġuni, il-mezz ta' data u l-identifikatur uniku tal-prodott jenħtieġ li jiġu rilaxxati f'konformità mal-istandard rikonoxxuti internazzjonalment. *Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE* jenħtieġ li tīgħi delegata lill-Kummissjoni biex temenda dan ir-Regolament billi tissostitwixxi jew iżżid standards li f'konformità magħhom jistgħu jiġu rilaxxati l-mezzi ta' data u l-identifikaturi uniċi, fid-dawl tal-progress tekniku jew xjentifiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-informazzjoni li tinsab fil-passaport tal-prodotti tkun tista' tīgħi rreġistrata u trażmessha mill-operaturi ekonomiċi kollha, kif ukoll li tīgħi ggarantita l-kompatibbiltà tal-identifikatur uniku ma' komponenti esterni bħall-apparat tal-iskennjar.

Emenda

(28) Biex tkun żgurata l-interoperabbiltà, jenħtieġ li jiġu spċifikati t-tipi ta' mezzi ta' data permessi. Għall-istess raġuni, il-mezz ta' data u l-identifikatur uniku tal-prodott jenħtieġ li jiġu rilaxxati f'konformità mal-istandard rikonoxxuti internazzjonalment. **Jenħtieġ li d-data tkun trasferibbli permezz ta' network tal-is-kambju tad-data interoperabbli u miftuħ mingħajr intrappolament tal-klijentela.** Jenħtieġ li tīgħi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex temenda dan ir-Regolament billi tissostitwixxi jew iżżid standards li f'konformità magħhom jistgħu jiġu rilaxxati l-mezzi ta' data u l-identifikaturi uniċi, fid-dawl tal-progress tekniku jew xjentifiku. Dan jenħtieġ li jiżgura li l-informazzjoni li tinsab fil-passaport tal-prodotti tkun tista' tīgħi rreġistrata u trażmessha mill-operaturi ekonomiċi kollha, kif ukoll li tīgħi ggarantita l-kompatibbiltà tal-identifikatur uniku ma' komponenti esterni bħall-apparat tal-iskennjar.

Emenda 22

Proposta għal regolament Premessa 29

Test propos mill-Kummissjoni

(29) Biex ma jkunx hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn ghajjr dawk dwar il-passaport tal-prodotti jew biex ikun żgurat li l-passaporti tal-prodotti jkunu jistgħu jiġi implementati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-

Emenda

(29) Biex ma jkunx hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn ghajjr dawk dwar il-passaport tal-prodotti jew biex ikun żgurat li l-passaporti tal-prodotti jkunu jistgħu jiġi implementati b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-

rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti f'każ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkunux disponibbli fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali għad-disinn tekniku u għall-operat tal-passaport tal-prodotti. Bl-istess mod, biex ikun evitat piż amministrattiv bla bżonn lill-operatur ekonomiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti f'każ li dritt ieħor tal-Unjoni diġà jkun jinkludi sistema għall-forniment diġitali ta' informazzjoni dwar il-prodott li tippermetti lill-atturi tul il-katina tal-valur jaċċessaw informazzjoni rilevanti dwar il-prodott u tiffaċilita l-verifika tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu riveduti perjodikament filwaqt li titqies aktar disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi.

rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti f'każ li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ma jkun ux disponibbli fir-rigward tar-rekwiżiti essenzjali għad-disinn tekniku u għall-operat tal-passaport tal-prodotti. Bl-istess mod, biex ikun evitat piż amministrattiv bla bżonn lill-operatur ekonomiku, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla teżenta lil gruppi ta' prodotti mir-rekwiżiti tal-passaport tal-prodotti **b'mod eċċeżżjonali** f'każ li dritt ieħor tal-Unjoni diġà jkun jinkludi sistema għall-forniment diġitali ta' informazzjoni dwar il-prodott li tippermetti lill-atturi tul il-katina tal-valur jaċċessaw informazzjoni rilevanti dwar il-prodott u tiffaċilita l-verifika tal-konformità tal-prodott mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn l-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu riveduti perjodikament filwaqt li titqies aktar disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi **u jintemmu meta jkun possibbli**.

Emenda 23

Proposta għal regolament

Premessa 33

Test propost mill-Kummissjoni

(33) Biex tkun żgurata l-introduzzjoni effettiva tal-passaport tal-prodotti, ***tad-disinn*** tekniku, ***tar-rekwiżiti*** tad-data u ***tathaddim*** tal-passaport tal-prodotti jenħtieġ li ***jaderixxi*** ma' sett ta' rekwiżiti tekniċi essenzjali. Tali rekwiżiti jenħtieġ li jipprovdu bażi għall-użu konsistenti tal-passaport tal-prodotti fis-setturi kollha. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk ir-rekwiżiti essenzjali, jew fil-forma ta' standard armonizzat imsemmi fil-Ġurnal Ufficijal jew, bħala għażla ta' riżerva, speċifikazzjoni komuni adottata mill-Kummissjoni. Id-disinn tekniku jenħtieġ li jiżgura li l-passaport tal-prodotti jgħorr id-data b'mod ***sikur***, filwaqt li jirrispetta r-regoli tal-privatezza, il-passaport diġitali

Emenda

(33) Biex tkun żgurata l-introduzzjoni effettiva tal-passaport tal-prodotti, ***id-disinn*** tekniku, ***ir-rekwiżiti*** tad-data u ***t-tħaddim*** tal-passaport tal-prodotti jenħtieġ li ***jaderixxu*** ma' sett ta' rekwiżiti tekniċi essenzjali. Tali rekwiżiti jenħtieġ li jipprovdu bażi għall-użu konsistenti tal-passaport tal-prodotti fis-setturi kollha. Jenħtieġ li jiġu stabbiliti speċifikazzjonijiet tekniċi biex tkun żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' dawk ir-rekwiżiti essenzjali, jew fil-forma ta' standard armonizzat imsemmi fil-Ġurnal Ufficijal jew, bħala għażla ta' riżerva, speċifikazzjoni komuni adottata mill-Kummissjoni. Id-disinn tekniku jenħtieġ li jiżgura li l-passaport tal-prodotti jgħorr id-data b'mod ***sigur***, filwaqt li jirrispetta r-regoli tal-privatezza. Il-passaport diġitali

tal-prodotti se jiġi żviluppat fi djalogu miftuħ mas-sħab internazzjonal, biex jitqiesu l-fehmiet tagħhom meta jiġu żviluppati spēcifikazzjonijiet tekniċi u biex ikun żgurat li dawn jgħinu biex jitneħħew l-ostakli kummerċjali għal prodotti aktar ekoloġiċi u jitnaqqsu l-kostijiet għal investimenti sostenibbli, kummerċjalizzazzjoni u konformità. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti relatati mat-träċċabbiltà tul il-katina tal-valur jenħtieġ li, biex tkun tista' ssir l-implementazzjoni effettiva tagħhom, sa fejn ikun possibbli jiġi żviluppati abbażi ta' approċċ kunsenswali u bl-involviment, ir-rieda, u l-kollaborazzjoni effettiva ta' sett divers ta' atturi, ***inkluż*** korpi ta' standardizzazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-industrija, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, esperti, NGOs u sħab internazzjonal, ***inkluż*** ekonomiji li qed jiżviluppaw.

tal-prodotti se jiġi żviluppat fi djalogu miftuħ mas-sħab internazzjonal, biex jitqiesu l-fehmiet tagħhom meta jiġu żviluppati spēcifikazzjonijiet tekniċi u biex ikun żgurat li dawn jgħinu biex jitneħħew l-ostakli kummerċjali għal prodotti aktar ekoloġiċi ***b'ċikli tal-ħajja u ċirkolarità estiżi***, jitnaqqsu l-kostijiet għal investimenti sostenibbli, kummerċjalizzazzjoni u konformità, ***u tiġi appoġġata l-innovazzjoni***. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u r-rekwiżiti relatati mat-träċċabbiltà tul il-katina tal-valur jenħtieġ li, biex tkun tista' ssir l-implementazzjoni effettiva tagħhom, sa fejn ikun possibbli jiġi żviluppati abbażi ta' approċċ kunsenswali u bl-involviment, ir-rieda, u l-kollaborazzjoni effettiva ta' sett divers ta' atturi, ***inklużi*** korpi ta' standardizzazzjoni, assoċjazzjonijiet tal-industrija, ***negożji ġodda***, organizzazzjonijiet tal-konsumaturi, esperti, NGOs u sħab internazzjonal, ***inklużi*** ekonomiji li qed jiżviluppaw.

Emenda 24

Proposta għal regolament

Premessa 35

Test propost mill-Kummissjoni

(35) Kwalunkwe pproċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali. L-iproċċessar ta' data personali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁶. L-iproċċessar ta' data personali mill-Kummissjoni jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷.

Emenda

(35) Kwalunkwe pproċċessar ta' data personali skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun f'konformità mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni ta' data personali. L-iproċċessar ta' data personali mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti fl-Istati Membri jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁶ ***b'attenzjoni partikolari għall-prinċipji tal-protezzjoni tad-data mid-disinn u b'mod awtomatiku***. L-iproċċessar ta' data personali mill-Kummissjoni jenħtieġ li jsir f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁷. ***Jenħtieġ li d-data personali tal-utenti finali ma tinħażinx fil-passaport diġitali***

tal-prodotti.

⁶⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁶⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁶⁶ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

⁶⁷ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċċi u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Emenda 25

Proposta għal regolament

Premessa 39

Test propost mill-Kummissjoni

(39) Biex il-konsumaturi jitħeġġu jagħmlu għażliet **aktar** sostenibbli, jenħtieġ li t-tikketti, meta jkunu meħtieġa mill-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, jipprovdu informazzjoni għal tqabbil effettiv tal-prodotti, pereżempju billi jindikaw klassijiet tal-prestazzjoni. Speċifikament għall-konsumaturi, it-tikketti fiżiċi jistgħu jkunu sors addizzjonali ta' informazzjoni fil-post tal-bejgħ. Dawn jistgħu jiprovdu bażi viżwali rapida għall-konsumaturi biex jiddistingwu bejn prodotti **bbażati fuq il-prestazzjoni** tagħhom fir-rigward ta' parametru spċifiku tal-prodott jew sett ta' parametri tal-prodott. Jenħtieġ li, meta xieraq, jippermettu wkoll l-aċċess ta' informazzjoni addizzjonali billi jkollhom referenzi spċifici bħall-indirizzi tas-siti web, il-kodiċijiet QR dinamiċi, il-links

Emenda

(39) Biex il-konsumaturi jitħeġġu jagħmlu għażliet sostenibbli, jenħtieġ li t-tikketti, meta jkunu meħtieġa mill-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament, jipprovdu informazzjoni **ċara u li tinfiehem faċilment** għal tqabbil effettiv tal-prodotti, pereżempju billi jindikaw klassijiet tal-prestazzjoni. Speċifikament għall-konsumaturi, it-tikketti fiżiċi jistgħu jkunu sors addizzjonali ta' informazzjoni fil-post tal-bejgħ. Dawn jistgħu jiprovdu bażi viżwali rapida għall-konsumaturi biex jiddistingwu bejn prodotti **abbażi tal-prestazzjoni** tagħhom fir-rigward ta' parametru spċifiku tal-prodott jew sett ta' parametri tal-prodott. Jenħtieġ li, meta **jkun** xieraq, jippermettu wkoll l-aċċess ta' informazzjoni addizzjonali billi jkollhom referenzi spċifici bħall-indirizzi tas-siti web, il-kodiċijiet QR dinamiċi, il-links

għat-tikketti online jew xi mezz xieraq orjentat lejn il-konsumatur. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi fl-att delegat rilevanti l-aktar mod effettiv ***biex turi*** dawn it-tikketti, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod online, filwaqt li tqis l-implikazzjonijiet għall-klijenti u għall-operaturi ekonomiċi u l-karatteristiċi tal-prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott.

Emenda 26

Proposta għal regolament

Premessa 41

Test propost mill-Kummissjoni

(41) Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu protetti minn informazzjoni qarrieqa li tista' xxekkel l-għażliet tagħhom għal prodotti aktar sostenibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun ipprojbit li l-prodotti li jkollhom tikketta li timita t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament ***jitqiegħdu*** fis-suq.

għat-tikketti online jew xi mezz xieraq orjentat lejn il-konsumatur. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tistabbilixxi fl-att delegat rilevanti l-aktar mod effettiv ***li bih jintwerew*** dawn it-tikketti, inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod online, filwaqt li tqis l-implikazzjonijiet għall-klijenti u għall-operaturi ekonomiċi u l-karatteristiċi tal-prodotti kkonċernati. Il-Kummissjoni tista' titlob ukoll li t-tikketta tiġi stampata fuq l-imballaġġ tal-prodott.

Emenda

(41) Il-konsumaturi jenħtieġ li jiġu protetti minn informazzjoni qarrieqa li tista' xxekkel l-għażliet tagħhom għal prodotti aktar sostenibbli. Għal din ir-raġuni, jenħtieġ li jkun ipprojbit li l-prodotti li jkollhom tikketta li timita t-tikketti previsti f'dan ir-Regolament ***jiġu introdotti*** fis-suq. ***Madankollu, jenħtieġ li jkun possibbli li tkompli tintwera Ekotikketta tal-UE jew ekotikketti eżistenti oħra tat-tip I kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 66/2010.***

Emenda 27

Proposta għal regolament

Premessa 42

Test propost mill-Kummissjoni

(42) Biex jinkiseb l-aktar mod effiċjenti dwar l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-ewwel jiġu indirizzati l-prodotti li jħallu l-akbar impatt, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq prioritizzazzjoni tal-prodotti li għandhom jiġu regolati skont dan ir-Regolament u r-

Emenda

(42) Biex jinkiseb l-aktar mod effiċjenti dwar l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u biex l-ewwel jiġu indirizzati l-prodotti li jħallu l-akbar impatt, il-Kummissjoni jenħtieġ li twettaq prioritizzazzjoni tal-prodotti li għandhom jiġu regolati skont dan ir-Regolament u r-

rekwiżiti li se japplikaw għalihom. Abbażi tal-proċess segwit għall-prioritizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' ħidma, li jkopri mill-inqas tliet (3) snin, li tistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom qed tippjana li tadotta atti delegati kif ukoll l-aspetti tal-prodott li għalihom beħsiebha tadotta atti delegati ta' applikazzjoni orizzontali. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tibbaża l-prioritizzazzjoni tagħha fuq sett ta' kriterji li jappartjenu b'mod partikolari għall-kontribut ***potenzjali*** tal-atti delegati għall-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija u l-potenzjal tagħhom għat-titjib tal-aspetti tal-prodott magħżula mingħajr kostijiet sproporzjonati għall-operaturi pubbliċi u ekonomiċi. Meta titqies l-importanza tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi tal-enerġija tal-Unjoni, il-pjanijiet ta' ħidma jenħtieġ li jinkludu sehem adegwat ta' azzjonijiet relatati ma' prodotti relatati mal-enerġija. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġi kkonsultati wkoll permezz tal-Forum dwar l-Ekodisinn. Minħabba ***I-kumplimentarjetajiet*** bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/1369 għall-prodotti relatati mal-enerġija, l-iskedi ta' żmien għall-pjan ta' ħidma skont dan ir-Regolament u dak previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2017/1369 jenħtieġ li jiġi allinjati.

rekwiżiti li se japplikaw għalihom. Abbażi tal-proċess segwit għall-prioritizzazzjoni skont id-Direttiva 2009/125/KE, jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta pjan ta' ħidma, li jkopri mill-inqas tliet (3) snin, li tistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom qed tippjana li tadotta atti delegati kif ukoll l-aspetti tal-prodott li għalihom beħsiebha tadotta atti delegati ta' applikazzjoni orizzontali, ***u l-iskedi ta' żmien stmati għall-istabbiliment tagħhom. Il-pjan ta' ħidma u l-aġġornamenti tiegħu jenħtieġ li jkunu disponibbli għall-publiku u ppreżentati lill-Parlament Ewropew qabel l-adozzjoni tagħhom.*** Il-Kummissjoni jenħtieġ li ***tikkunsidra b'mod partikolari dawk il-gruppi ta' prodotti identifikati f'dan ir-Regolament, u*** tibbaża l-prioritizzazzjoni tagħha fuq sett ta' kriterji li jappartjenu b'mod partikolari għall-kontribut tal-atti delegati għall-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-enerġija u l-potenzjal tagħhom għat-titjib tal-aspetti tal-prodott magħżula mingħajr kostijiet sproporzjonati għall-operaturi pubbliċi u ekonomiċi. Meta titqies l-importanza tagħhom biex jintlaħqu l-objettivi tal-enerġija tal-Unjoni, il-pjanijiet ta' ħidma jenħtieġ li jinkludu sehem adegwat ta' azzjonijiet relatati ma' prodotti relatati mal-enerġija. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati jenħtieġ li jiġi kkonsultati wkoll permezz tal-Forum dwar l-Ekodisinn. Minħabba ***I-komplementarjetajiet*** bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) 2017/1369 għall-prodotti relatati mal-enerġija, l-iskedi ta' żmien għall-pjan ta' ħidma skont dan ir-Regolament u dak previst fl-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2017/1369 jenħtieġ li jiġi allinjati.

Emenda 28

Proposta għal regolament

Premessa 42a (ġidida)

(42a) L-industrija tas-siment, bħala wieħed mill-aktar setturi intensivi fl-enerġija, fil-materjal u fil-karbonju, bħalissa hija responsabbi għal madwar 7% tal-emissionijiet globali u 4% tal-emissionijiet tas-CO₂ tal-UE^{1a}, u dan jagħmilha settur ewljeni għall-allinjament mal-ftehim ta' Pariġi dwar il-klima u l-objettivi klimatiċi tal-Unjoni malajr kemm jista' jkun. Filwaqt li l-prodotti tal-kostruzzjoni, inkluż is-siment, għandhom ikunu koperti skont fir-Regolament li jmiss li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-kostruzzjoni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011 (2022/0094 COD)], dawn jibqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.
Sabiex jiġi evitāt nuqqas ta' rekwiżiti tal-prodott meħtieġa b'mod urġenti biex jintlaħqu l-objettivi tagħna dwar il-klima u l-ambjent, kwalunkwe nuqqas ta' prestazzjoni adegwata u rekwiżit ta' informazzjoni għal dawn il-prodotti skont fir-Regolament li jmiss li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-kostruzzjoni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011 (2022/0094 COD)] għandu jiskatta l-inklużjoni tagħhom fil-pjan ta' ħidma li jmiss ta' dan ir-Regolament.

1a Decarbonisation options for the cement industry (Għażiex ta' dekarbonizzazzjoni għall-industrija tas-siment), EUR 31378 EN, l-Uffiċċju tal-Publikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, ISBN 978-92-76-61599-6, doi:10.2760/174037, JRC131246.

Emenda 29

Proposta għal regolament

Premessa 43

Test propost mill-Kummissjoni

(43) ***Fl-indirizzar tal-prodotti tal-kostruzzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti dwar il-prodotti finali biss meta l-obbligi maħluqa mir-[Regolament rivedut dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjonij] u l-implementazzjoni tiegħu x'aktarx li ma jilħqux biżżejjed l-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali segwiti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk,*** meta tfassal pjanijet ta' ħidma, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li, fil-kontinwazzjoni tal-prattika attwali, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti **għall-Kostruzzjonij**], fir-rigward ta' prodotti relatati mal-enerġija li huma wkoll prodotti **għall-kostruzzjoni**, se jagħti prevalenza l-rekwiżiti ta' sostenibbiltà stabbiliti skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jkun il-każ pereżempju għall-apparati tat-tiċhi, għall-bojlers, għall-pompi tas-ħana, għall-apparat tat-tiċhi tal-ilma u tal-ispazju, għall-fannijiet, għas-sistemi tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni u għall-prodotti fotovoltajċi (eskuži pannelli fotovoltajċi integrati fil-bini). Għal dawn il-prodotti, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjonij] jista' jintervjeni b'mod kumplimentari meta meħtieġ, prinċipalment fir-rigward tal-aspetti tas-sikurezza, filwaqt li jqis ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar prodotti bħal apparat tal-gass, vultaġġ baxx, u makkinarju.

Emenda 30

Proposta għal regolament

Premessa 44

Test propost mill-Kummissjoni

(44) ***Biex titħeġġeġ l-awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva valida għall-approċċi regolatorji, dan ir-***

Emenda

(43) Meta tfassal pjanijet ta' ħidma, il-Kummissjoni jenħtieġ li tqis li, fil-kontinwazzjoni tal-prattika attwali, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti **tal-Kostruzzjonij**], fir-rigward ta' prodotti relatati mal-enerġija li huma wkoll prodotti **tal-kostruzzjoni**, se jagħti prevalenza l-rekwiżiti ta' sostenibbiltà stabbiliti skont dan ir-Regolament. Dan jenħtieġ li jkun il-każ pereżempju għall-apparati tat-tiċhi, għall-bojlers, għall-pompi tas-ħana, għall-apparat tat-tiċhi tal-ilma u tal-ispazju, għall-fannijiet, għas-sistemi tat-tkessiħ u tal-ventilazzjoni u għall-prodotti fotovoltajċi (eskuži pannelli fotovoltajċi integrati fil-bini). Għal dawn il-prodotti, [ir-Regolament rivedut dwar il-Prodotti tal-Kostruzzjonij] jista' jintervjeni b'mod kumplimentari meta meħtieġ, prinċipalment fir-rigward tal-aspetti tas-sikurezza, filwaqt li jqis ukoll leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni dwar prodotti bħal apparat tal-gass, vultaġġ baxx, u makkinarju.

Emenda

(44) ***Sabiex titħeġġeġ l-awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva valida għall-approċċi regolatorji, dan ir-***

Regolament jenħtieġ li, bi tkomplija tad-Direttiva 2009/125/KE, jinkludi l-possibbiltà għall-industrija li tippreżenta miżuri ta' awtoregolamentazzjoni. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni proposti mill-industrija, flimkien mal-informazzjoni u l-evidenza ppreżentati mill-firmatarji, inkluż fid-dawl tal-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni u l-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza mad-dritt tal-Unjoni.

Bixx ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implementazzjoni biex tadotta u taġġorna att li jelenka l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni kkunsidrati bħala alternattivi validi għal att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekdisinn. Jixraq ukoll, pereżempju fid-dawl tal-iżviluppi rilevanti tas-suq jew teknoloġiċi fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat, li l-Kummissjoni tkun tista' titlob verżjoni riveduta tal-miżura ta'

awtoregolamentazzjoni kull meta jitqies meħtieġ. Ladarba miżura ta'

awtoregolamentazzjoni tiġi elenkata f'att **ta' implementazzjoni**, hemm aspettattiva leġittima għall-operaturi ekonomiċi li l-Kummissjoni mhux se tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekdisinn għal dan il-grupp ta' prodotti speċifiku. Madankollu, mhuwiex eskluż li l-Kummissjoni tista' tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekdisinn li japplikaw ukoll għall-prodotti koperti minn miżura ta'

awtoregolamentazzjoni rikonoxxuta għall-aspetti tal-prodott mhux indirizzati minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni. Meta l-Kummissjoni tqis li miżura ta'

awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li hija tneħħi dik l-awtoregolamentazzjoni mill-att **ta' implementazzjoni** li jelenka l-miżuri rikonoxxuti ta' awtoregolamentazzjoni. Konsegwentement, ir-rekwiżiti tal-ekdisinn jistgħu mbagħad jiġu stabbiliti għall-gruppi ta' prodotti li qabel kienu

Regolament jenħtieġ li, bi tkomplija tad-Direttiva 2009/125/KE, jinkludi l-possibbiltà għall-industrija li tippreżenta miżuri ta' awtoregolamentazzjoni **meta dawk il-prodotti jew gruppi ta' prodotti ma jkunux inklużi fil-pjan ta' ħidma dwar l-ekdisinn. Il-miżuri ta'**

awtoregolamentazzjoni jenħtieġ li jiġu allinjati mal-objettivi ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-miżuri ta'

awtoregolamentazzjoni proposti mill-industrija, flimkien mal-informazzjoni u l-evidenza ppreżentati mill-firmatarji, inkluż fid-dawl tal-impenji kummerċjali internazzjonali tal-Unjoni u l-ħtieġa li tkun żgurata l-koerenza mad-dritt tal-Unjoni. **Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati** biex tadotta u taġġorna att li jelenka l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni kkunsidrati bħala alternattivi validi għal att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekdisinn. Jixraq ukoll, pereżempju fid-dawl tal-iżviluppi rilevanti tas-suq jew teknoloġiċi fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat, li l-Kummissjoni tkun tista' titlob verżjoni riveduta tal-miżura ta'

awtoregolamentazzjoni kull meta jitqies meħtieġ. Ladarba miżura ta'

awtoregolamentazzjoni tiġi elenkata f'att **delegat, ikun** hemm aspettattiva leġittima għall-operaturi ekonomiċi li l-Kummissjoni mhux se tadotta att delegat li jistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekdisinn għal dan il-grupp ta' prodotti speċifiku. Madankollu, mhuwiex eskluż li l-Kummissjoni tista' tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekdisinn li japplikaw ukoll għall-prodotti koperti minn miżura ta'

awtoregolamentazzjoni rikonoxxuta għall-aspetti tal-prodott mhux indirizzati minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni. Meta l-Kummissjoni tqis li miżura ta'

awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li hija tneħħi dik l-awtoregolamentazzjoni mill-att **delegat** li jelenka l-miżuri rikonoxxuti ta' awtoregolamentazzjoni.

indirizzati mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Konsegwentement, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu mbagħad jiġu stabbiliti għall-gruppi ta' prodotti li qabel kienu indirizzati mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 31

Proposta għal regolament

Premessa 45

Test propost mill-Kummissjoni

(45) L-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) jistgħu jibbenefikaw ħafna minn żieda fid-domanda għal prodotti sostenibbli iżda jistgħu jiffaċċejaw ukoll kostijiet u diffikultajiet b'xi wħud mir-rekwiżiti. L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li, fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom, jipprovdu informazzjoni adegwata, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, *inkluż* dawk finanzjarji, lill-SMEs attivi fil-manifattura ta' prodotti li għalihom huma stabbiliti r-rekwiżiti tal-ekodisinn. Dawk *l-azzjonijiet jenħtieġ li, pereżempju, ikopru l-kalkolu tal-impronta ambjentali tal-prodott u l-implimentazzjoni teknika tal-passaport tal-prodotti*. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Emenda

(45) L-intrapriżi mikro, żgħar u medji (SMEs) jistgħu jibbenefikaw ħafna minn żieda fid-domanda għal prodotti sostenibbli iżda jistgħu jiffaċċejaw ukoll kostijiet u diffikultajiet b'xi wħud mir-rekwiżiti. **Sabien jappoġġaw l-SMEs**, l-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li, fl-oqsma ta' responsabbiltà rispettivi tagħhom, jipprovdu informazzjoni adegwata, jiżguraw taħriġ immirat u speċjalizzat, u jipprovdu assistenza u appoġġ speċifiċi, *inklużi* dawk finanzjarji, *permezz ta' fondi u għodod ta' finanzjament eżistenti, lill-mikrointrapriżi u* lill-SMEs attivi fil-manifattura ta' prodotti li għalihom huma stabbiliti r-rekwiżiti tal-ekodisinn.

Jenħtieġ li dawk il-miżuri mill-inqas jinkludu mekkaniżmi speċifiċi biex jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-passaport tal-prodotti u mat-twettiq tal-valutazzjoni jiet taċ-ċiklu tal-ħajja. Jenħtieġ li jittieħdu azzjonijiet mill-Istati Membri fir-rigward tar-regoli applikabbi dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Emenda 32

Proposta għal regolament

Premessa 46

Test propost mill-Kummissjoni

(46) Il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha, bħaq-tessuti u ż-żraben, mill-operaturi ekonomiċi qed issir

Emenda

(46) Il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha, bħaq-tessuti u ż-żraben **kif ukoll tagħmir jew apparat elettriku u**

problema ambjentali mifruxa madwar l-Unjoni, b'mod partikolari minħabba tkabbir rapidu tal-bejgħ online. Dan jammonta għal telf ta' riżorsi ekonomiċi siewja peress li l-merkanzija tīġi prodotta, trasportata u wara tinquered mingħajr ma qatt tintuża għall-iskop intenzjonat tagħha. Għalhekk, fl-interess tal-protezzjoni ambjentali, dan ir-Regolament jeħtieġ jistabbilixxi qafas biex tkun evitata l-qerda ta' prodotti mhux mibjugħa li jkunu maħsuba primarjament għall-konsumaturi skont id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹, ***inkluż il-prodotti*** ritornati minn xi konsumaturi fid-dawl tad-dritt ta' rtirar tagħhom kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰. Dan se jnaqqas l-impatt ambjentali ta' dawk il-prodotti billi jnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u billi jiskoraġġixxi l-produzzjoni żejda tal-prodotti. Barra minn hekk, minħabba li diversi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u b'hekk ħolqu distorsjonijiet fis-suq, huma meħtieġa regoli armonizzati dwar il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa biex ikun żgurat li d-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u operaturi ekonomiċi oħra huma soġġetti għall-istess regoli u incēntivi madwar l-Istati Membri.

⁶⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 6).

⁷⁰ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament

elettroniku mill-operaturi ekonomiċi qed issir problema ambjentali mifruxa madwar l-Unjoni, b'mod partikolari minħabba tkabbir rapidu tal-bejgħ online. Dan jammonta għal telf ta' riżorsi ekonomiċi siewja peress li l-merkanzija tīġi prodotta, trasportata u wara tinquered mingħajr ma qatt tintuża għall-iskop intenzjonat tagħha. Għalhekk, fl-interess tal-protezzjoni ambjentali, dan ir-Regolament jeħtieġ jistabbilixxi qafas biex tkun evitata l-qerda ta' prodotti mhux mibjugħa li jkunu maħsuba primarjament għall-konsumaturi skont id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶⁹, ***inkluż il-prodotti*** ritornati minn xi konsumaturi fid-dawl tad-dritt ta' rtirar tagħhom kif stabbilit mid-Direttiva (UE) 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁰. Dan se jnaqqas l-impatt ambjentali ta' dawk il-prodotti billi jnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u billi jiskoraġġixxi l-produzzjoni żejda tal-prodotti. Barra minn hekk, minħabba li diversi Stati Membri introduċew leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa u b'hekk ħolqu distorsjonijiet fis-suq, huma meħtieġa regoli armonizzati dwar il-qedda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa biex ikun żgurat li d-distributuri, il-bejjiegħa bl-imnut u operaturi ekonomiċi oħra huma soġġetti għall-istess regoli u incēntivi madwar l-Istati Membri.

⁶⁹ Id-Direttiva (UE) 2019/771 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2019 dwar ċerti aspetti li jirrigwardaw il-kuntratti għall-bejgħ ta' oġġetti, li temenda r-Regolament (UE) 2017/2394 u d-Direttiva 2009/22/KE u li tħassar id-Direttiva 1999/44/KE (ĠU L 136, 22.5.2019, p. 6).

⁷⁰ Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament

Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

Emenda 33

Proposta għal regolament

Premessa 47

Test proposet mill-Kummissjoni

(47) Biex tīgi dižincentivata l-gerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha u biex tinħoloq aktar data dwar it-tħaddim ta' din il-prattika, dan ir-Regolament jenħtieġ li jintroduċi obbligu ta' trasparenza għall-operaturi ekonomiċi li jżommu prodotti tal-konsumatur fl-Unjoni, li jeħtieġ li jiżvelaw informazzjoni dwar l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha li jintremew fis-sena. **L-operatur ekonomiku** jenħtieġ li **jindika t-tip** jew il-kategorija ta' prodott, ir-raġunijiet għar-rimi tagħhom u l-konsenza tagħhom għal operazzjonijiet sussegamenti ta' trattament tal-iskart.

Filwaqt li l-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li **jkunu liberi li jiddeterminaw kif jiżvelaw dik l-informazzjoni b'mod xieraq għall-ambjent tan-negożju tagħhom, jenħtieġ li titqies** bħala l-aqwa prattika li tīgi inkluża l-informazzjoni meħtieġa f'dikjarazzjoni mhux finanzjarja disponibbli għall-pubbliku abbozzata f'konformità mal-Artikolu 19a tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ meta applikabbi.

⁷¹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżzi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182,

Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

Emenda

(47) Biex tīgi dižincentivata l-gerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha u biex tinħoloq aktar data dwar it-tħaddim ta' din il-prattika, dan ir-Regolament jenħtieġ li jintroduċi obbligu ta' trasparenza għall-operaturi ekonomiċi li jżommu prodotti tal-konsumatur fl-Unjoni, li jeħtieġ li jiżvelaw informazzjoni dwar l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha li jintremew fis-sena **fuq sit web tal-Kummissjoni. L-operaturi ekonomiċi** jenħtieġ li **jindikaw it-tip** jew il-kategorija ta' prodott, ir-raġunijiet għar-rimi tagħhom u l-konsenza tagħhom għal operazzjonijiet sussegamenti ta' trattament tal-iskart. Jenħtieġ **ukoll li titqies** bħala l-aqwa prattika li tīgi inkluża l-informazzjoni meħtieġa f'dikjarazzjoni mhux finanzjarja disponibbli għall-pubbliku abbozzata f'konformità mal-Artikolu 19a tad-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷¹ meta applikabbi.

⁷¹ Id-Direttiva 2013/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali, id-dikjarazzjonijiet finanzjarji kkonsolidati u r-rapporti relatati ta' ċerti tipi ta' impriżzi, u li temenda d-Direttiva 2006/43/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE (ĠU L 182,

29.6.2013, p. 19).

Emenda 34
Proposta għal regolament
Premessa 48

Test propost mill-Kummissjoni

(48) ***Biex*** tkun evitata l-qedra ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, meta l-qedra ta' tali prodotti tkun prevalent, ***is-setgħa li jiġu adottati atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni*** biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprojbixxi l-qedra ta' tali prodotti. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' prodotti li jistgħu potenzjalment jinquerdu mingħajr ma qatt jinbiegħu jew jintużaw, jeħtieġ tiġi stabbilita tali setgħa f'dan ir-Regolament. Madankollu, il-projbizzjoni stabbilita fl-atti delegati jenħtieġ li tapplika għal gruppi ta' prodotti speċifiċi li ***jridu jiġu determinati abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-punt sa fejn il-qedra ta' tali prodotti sseħħ fil-prattika, filwaqt li titqies l-informazzjoni li jipprovd l-operaturi ekonomiċi meta xieraq.*** Biex ikun żgurat li dan l-obbligu jkun proporzjonat, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra eżenzjonijiet speċifiċi li skonthom il-qedra ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa xorta tista' tkun permessa, pereżempju fid-dawl ta' tħassib dwar is-sahħha u sikurezza. Biex tiġi ***monitorjata*** l-effettivitā ta' din il-projbizzjoni u tiġi dizincentivata ċ-ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jiżvelaw l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jinquerdu u r-raġunijiet għall-qedra tagħhom skont l-eżenzjonijiet applikabbli. Fl-aħħar nett, biex ikun evitat piż amministrattiv żejjed fuq ***I-SMEs***, jenħtieġ li dawn jiġu eżentati mill-obbligi li jiżvelaw il-prodotti skartati mhux mibjugħa tagħhom u mill-projbizzjoni li jiġu skartati gruppi ta' prodotti speċifiċi stabbiliti f'atti delegati.

29.6.2013, p. 19).

Emenda

(48) ***Sabiex*** tkun evitata l-qedra ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, meta l-qedra ta' tali prodotti tkun prevalent, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprojbixxi l-qedra ta' tali prodotti. Minħabba l-firxa wiesgħa ta' prodotti li jistgħu potenzjalment jinquerdu mingħajr ma qatt jinbiegħu jew jintużaw, jeħtieġ tiġi stabbilita tali setgħa f'dan ir-Regolament. Madankollu, il-projbizzjoni stabbilita fl-atti delegati jenħtieġ li tapplika għal gruppi ta' prodotti speċifiċi li ***għandhom jiġu determinati abbażi ta' valutazzjoni mill-Kummissjoni tal-punt sa fejn il-qedra ta' tali prodotti sseħħ fil-prattika, filwaqt li titqies l-informazzjoni li jipprovd l-operaturi ekonomiċi meta xieraq.*** Biex ikun żgurat li dan l-obbligu jkun proporzjonat, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikkunsidra eżenzjonijiet speċifiċi li skonthom il-qedra ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa xorta tista' tkun permessa, pereżempju fid-dawl ta' tħassib dwar is-sahħha u sikurezza. ***Il-Kummissjoni jenħtieġ li tipprovdi wkoll lill-operaturi ekonomiċi bizzżejjed żmien biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġoddha ta' tali projbizzjoni.*** Biex tiġi ***mmonitorjata*** l-effettivitā ta' din il-projbizzjoni u tiġi dizincentivata ċ-ċirkomvenzjoni, jenħtieġ li l-operaturi ekonomiċi jkunu meħtieġa jiżvelaw l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jinquerdu u r-raġunijiet għall-qedra tagħhom skont l-eżenzjonijiet applikabbli. Fl-aħħar nett, biex ikun evitat piż amministrattiv żejjed fuq ***I-intrapriżi***

Madankollu, meta jkun hemm evidenza raġonevoli li **I-SMEs** jistgħu jintużaw biex jevitaw dawk l-obbligi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob, f'dawk l-atti delegati, għal xi gruppi ta' prodotti, li dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal intrapriżi mikro, żgħar jew medji.

żgħar, medji u mikro, jenħtieġ li dawn jiġu eżentati mill-obbligli li jiżvelaw il-prodotti skartati mhux mibjugħha tagħhom u mill-projbizzjoni li jiġu skartati gruppi ta' prodotti speċifiċi stabbiliti f'atti delegati. Madankollu, meta jkun hemm evidenza raġonevoli li **l-intrapriżi żgħar, medji u mikro** jistgħu jintużaw biex jevitaw dawk l-obbligi, jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' titlob, f'dawk l-atti delegati, għal xi gruppi ta' prodotti, li dawn l-obbligi japplikaw ukoll għal intrapriżi mikro, żgħar jew medji. *Sena wara ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha mill-operaturi ekonomiċi jenħtieġ li tkun ipprojbita għat-tessuti u għaż-żraben, kif ukoll għat-tagħmir elettriku u elettroniku, peress li teżisti biżżejjed evidenza li turi li l-qed isseħħ u hija ta' tali prodotti qed isseħħ u hija ta' ħsara għall-ambjent.*

Emenda 35 Proposta għal regolament Premessa 59

Test propost mill-Kummissjoni

(59) Hu essenzjali li s-swiegħ online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq hu impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁴ fir-rigward ta' prodotti koperti minn dak ir-Regolament, **inkluż prodotti** li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn. **Biex tkompli tittejjeb il-kooperazzjoni biex jiġi indirizzat il-kontenut illegali relatat ma' prodotti mhux konformi**, dan ir-Regolament jenħtieġ li **jinkludi obbligli konkreti biex din il-kooperazzjoni titqiegħed fil-prattika fir-rigward tas-swiegħ online**. Pereżempju, l-awtoritajiet

Emenda

(59) Hu essenzjali li s-swiegħ online jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. L-obbligu ta' kooperazzjoni mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq hu impost fuq il-fornituri tas-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷⁴ fir-rigward ta' prodotti koperti minn dak ir-Regolament, **inklużi prodott** li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn. **Sabiex jinżamm il-pass mal-iżvilupp teknoloġiku u l-mezzi ġodda ta' bejgħ, jenħtieġ li l-konformità mal-obbligli tad-disinn stabbiliti għall-fornituri tas-swiegħ online fl-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{74a} tapplika għall-fini tal-informazzjoni**

tas-sorveljanza tas-suq qed itejbu b'mod kostanti l-għodod teknoloġiċi li jużaw għas-sorveljanza tas-suq online biex jidentifikaw prodotti mhux konformi mibjugħha online. Biex dawn l-għodod ikunu operazzjonali, is-swieg online jenħtieġ li jagħtu aċċess għall-interfaċċi tagħhom. Barra minn hekk, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jista' jkollhom bżonn ukoll li jikkuppjaw id-data mis-swieg online.

meħtieġa mill-Artikoli 25 u 30(1) ta' dan ir-Regolament u, meta jkun applikabbi, għar-rekwiżiti stabiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament. L-infurzar ta' dawk l-obbligi jenħtieġ li jkun soġġett għar-regoli stabiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065. Għall-finijiet tal-Artikolu 31, il-paragrafu 3, tar-Regolament (UE) 2022/2065, jenħtieġ li l-fornituri tas-swieg online jużaw tal-anqas is-sistema ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-punt uniku ta' kuntatt skont dan ir-Regolament jkun l-istess bħall-punt ta' kuntatt skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (EU) 2022/2065, mingħajr ma jipperikola l-objettiv li jiġu trattati kwistjonijiet marbuta mas-sikurezza tal-prodotti b'mod rapidu u speċifiku.

⁷⁴ Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6/2019, p. 1).

^{74a} Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6/2019, p. 1).

^{74a} *Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Digidli u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Digidli) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).*

Emenda 36

Proposta għal regolament

Premessa 68

Test propost mill-Kummissjoni

(68) Fin-nuqqas ta' standards armonizzati, ir-rikors għal speċifikazzjoniċċi komuni jenħtieġ li jintuża bħala soluzzjoni ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-

Emenda

(68) *Il-qafas ta' standardizzazzjoni attwali tal-Unjoni li huwa bbażat fuq il-prinċipji tal-hekk imsejjaħ "Approċċ-Ġdid" u fuq ir-Regolament (UE) Nru*

manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, pereżempju meta l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġi mblukkat minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-partijiet ikkonċernati jew meta jkun hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standard armonizzat. Tali dewmien jista' pereżempju jseħħi meta ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa. Barra minn hekk, ir-rikors għal din is-soluzzjoni jenħtieġ li jkun possibbli meta l-Kummissjoni tkun irrestrinġiet jew irtirat ir-referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti f'konformità mal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità.

1025/2012 jirrappreżenta l-qafas biex jiġu elaborati standards li jipprovdu preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Fin-nuqqas ta' **referenzi rilevanti għal** standards armonizzati, ir-rikors għal speċifikazzjonijiet komuni, **permezz tal-adozzjoni ta' atti ta' implementazzjoni**, jenħtieġ li jintuża bħala soluzzjoni ta' riżerva biex jiġi ffaċilitat l-obbligu tal-manifattur li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, pereżempju meta l-proċess ta' standardizzazzjoni jiġi mblukkat minħabba nuqqas ta' kunsens bejn il-partijiet ikkonċernati jew meta jkun hemm dewmien bla bżonn fl-istabbiliment ta' standard armonizzat **u l-iskadenza preskritta ma tkunx tista' tinżamm.** Tali dewmien jista' pereżempju jseħħi meta ma tintlaħaqx il-kwalità meħtieġa. Barra minn hekk, ir-rikors għal din is-soluzzjoni jenħtieġ li jkun possibbli meta l-Kummissjoni tkun irrestrinġiet jew irtirat ir-referenzi għall-istandards armonizzati rilevanti f'konformità mal-Artikolu 11(5) tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Il-konformità mal-ispeċifikazzjonijiet komuni jenħtieġ li twassal ukoll għall-preżunzjoni tal-konformità. **Sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċess tal-istabbiliment ta' speċifikazzjonijiet komuni li jkopru r-rekwiżiti tal-ekodisinn ta' dan ir-Regolament.**

Emenda 37 Proposta għal regolament Premessa 86

Test propost mill-Kummissjoni

(86) Biex il-konsumaturi jiġu incenativati jagħmlu għażiex sostenibbli, b'mod partikolari meta l-prodotti aktar sostenibbli ma jkunux affordabbli biżżejjed, jenħtieġ li jiġu previsti mekkaniżmi bħall-ekovawċers u **t-tassazzjoni** ekoloġika. Meta l-Istati

Emenda

(86) Biex il-konsumaturi jiġu incenativati jagħmlu għażiex sostenibbli, b'mod partikolari meta l-prodotti aktar sostenibbli ma jkunux affordabbli biżżejjed, jenħtieġ li jiġu previsti mekkaniżmi bħall-ekovawċers **li jistgħu jintużaw biss għax-xiri ta'**

Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu minn incēntivi biex jippremajaw il-prodotti blaħjar prestazzjoni fost dawk li għalihom ġew stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni permezz ta' atti delegati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jagħmlu dan billi jimmiraw dawk l-inċentivi lejn l-aktar żewġ klassijiet popolati ta' prestazzjoni, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-att delegat rilevanti. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jiprojbx Xu **t-tqegħid** fis-suq ta' prodott abbażi tal-klassi ta' prestazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, *is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni* biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar liema parametri tal-prodott jew livelli relatati ta' prestazzjoni l-inċentivi tal-Istati Membri jikkonċernaw f'każ li l-ebda klassi ta' prestazzjoni ma tīgi ddeterminata fl-att delegat applikabbi jew meta jiġu stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward ta' aktar minn parametru wieħed tal-prodott. L-introduzzjoni ta' inċentivi tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Emenda 38 Proposta għal regolament Premessa 87

Test propost mill-Kummissjoni

(87) L-akkwist pubbliku jammonta għal 14% tal-PDG tal-Unjoni. **Bix** tikkontribwixxi għall-objettiv li tintlaħaq in-newtralitā klimatika, tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u **t-tranżizzjoni** lejn ekonomija ċirkolari li tipproteġi s-saħħha pubblika u l-bijodiversità, jenħtieġ li **l-Kummissjoni tingħata** s-setgħa li tadotta atti

prodotti u servizzi li jirrispettaw l-ambjent, u tassazzjoni ekoloġika. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jagħmlu użu minn incēntivi biex jippremajaw il-prodotti blaħjar prestazzjoni fost dawk li għalihom ġew stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni permezz ta' atti delegati skont dan ir-Regolament, jenħtieġ li jagħmlu dan billi jimmiraw dawk l-inċentivi lejn l-aktar żewġ klassijiet popolati ta' prestazzjoni, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor mill-att delegat rilevanti. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li ma jkunux jistgħu jiprojbx Xu **l-introduzzjoni** fis-suq ta' prodott abbażi tal-klassi ta' prestazzjoni tiegħu. Għall-istess raġuni, **jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea** biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar liema parametri tal-prodott jew livelli relatati ta' prestazzjoni l-inċentivi tal-Istati Membri jikkonċernaw f'każ li l-ebda klassi ta' prestazzjoni ma tīgi ddeterminata fl-att delegat applikabbi jew meta jiġu stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward ta' aktar minn parametru wieħed tal-prodott. L-introduzzjoni ta' inċentivi tal-Istati Membri jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tar-regoli tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

Emenda

(87) L-akkwist pubbliku jammonta għal 14% tal-PDG tal-Unjoni. **Sabien** tikkontribwixxi għall-objettiv li tintlaħaq in-newtralitā klimatika, tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi u **ssir it-tranżizzjoni** lejn ekonomija ċirkolari li tipproteġi s-saħħha pubblika u l-bijodiversità, jenħtieġ li **tiġi delegata lill-Kummissjoni** s-setgħa li tadotta atti skont

f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tirrikjedi, meta xieraq, li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti kif definiti ***fid-Direttiva*** 2014/24/UE⁷⁸ u 2014/25/UE⁷⁹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jallinjaw l-akkwist tagħhom ma' kriterji jew miri speċifiċi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li ***jridu*** jiġu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Il-kriterji jew il-miri stabbiliti minn atti delegati għal gruppi ta' prodotti speċifiċi jenħtieġ li jiġu rispettati mhux biss meta jinxtraw direttament dawk il-prodotti f'kuntratti ta' provvista pubblika iżda wkoll f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew ta' servizzi pubbliċi ***fejn*** dawk il-prodotti se jintużaw għal attivitajiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kuntratti. Meta mqabbla ma' approċċ voluntarju, ***kriterji*** jew miri obbligatorji se jiżguraw li l-ingranaġġ tal-infiq pubbliku biex tingħata spinta lid-domanda għal prodotti bi prestazzjoni aħjar jiġi massimizzat. Il-kriterji jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.

⁷⁸ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁷⁹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea biex tirrikjedi, meta ***jkun*** xieraq, li l-awtoritajiet u l-entitajiet kontraenti kif definiti ***fid-Direttivi*** 2014/24/UE⁷⁸ u 2014/25/UE⁷⁹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jallinjaw l-akkwist tagħhom ma' kriterji jew miri speċifiċi tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, li ***għandhom*** jiġu stabbiliti fl-atti delegati adottati skont dan ir-Regolament. Il-kriterji jew il-miri stabbiliti minn atti delegati għal gruppi ta' prodotti speċifiċi jenħtieġ li jiġu rispettati mhux biss meta jinxtraw direttament dawk il-prodotti f'kuntratti ta' provvista pubblika iżda wkoll f'kuntratti ta' xogħlijiet pubbliċi jew ta' servizzi pubbliċi ***meta*** dawk il-prodotti ***jkunu*** se jintużaw għal attivitajiet li jikkostitwixxu s-suġġett ta' dawk il-kuntratti. Meta mqabbla ma' approċċ voluntarju, ***il-kriterji*** jew miri obbligatorji se jiżguraw li l-ingranaġġ tal-infiq pubbliku biex tingħata spinta lid-domanda għal prodotti bi prestazzjoni aħjar jiġi massimizzat ***fl-Istati Membri kollha***. Il-kriterji jenħtieġ li jkunu trasparenti, oġġettivi u mhux diskriminatorji.

⁷⁸ Id-Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 65).

⁷⁹ Id-Direttiva 2014/25/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist minn entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi tal-ilma, l-enerġija, it-trasport u postali u li tħassar id-Direttiva 2004/17/KE (ĠU L 94, 28.3.2014, p. 243).

Emenda 39 Proposta għal regolament Premessa 88

Test propost mill-Kummissjoni

(88) L-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-

Emenda

(88) L-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-

ekodisinn hu essenzjali biex tkun żgurata kompetizzjoni ugwali fis-suq tal-Unjoni u jkun żgurat li jinkisbu l-benefiċċji u l-kontribut mistennija ta' dan ir-Regolament biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-enerġija u ċ-ċirkolaritā. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 li jistabbilixxi qafas orizzontali għass-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jaapplika għall-prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn skont dan ir-Regolament, sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura jew effett f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità tal-prodotti koperti mill-miżuri ta' implementazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, biex ikun evitat aħjar in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti futuri tal-ekodisinn, u filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni usa' u ż-żieda fl-ambizzjoni ta' dan ir-Regolament meta mqabbel mad-Direttiva 2009/125/KE, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih regoli addizzjonali speċifiċi li **jikkumplimentaw** il-qafas maħluq mir-Regolament (UE) 2019/1020. Dawk ir-regoli addizzjonali speċifiċi jenħtieġ li jkunu mmirati lejn aktar tishħiħ tal-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri u jenħtieġ li jipprovdu għodod addizzjonali għall-Kummissjoni biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jieħdu azzjoni **biżżejjed li tevita n-nuqqas** ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn.

ekodisinn hu essenzjali biex tkun żgurata kompetizzjoni ugwali fis-suq tal-Unjoni u jkun żgurat li jinkisbu l-benefiċċji u l-kontribut mistennija ta' dan ir-Regolament biex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima, l-enerġija u ċ-ċirkolaritā. Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2019/1020 li jistabbilixxi qafas orizzontali għass-sorveljanza tas-suq u l-kontroll tal-prodotti li jidħlu fis-suq tal-Unjoni jaapplika għall-prodotti li għalihom huma stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn skont dan ir-Regolament, sakemm ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni speċifika bl-istess objettiv, natura jew effett f'dan ir-Regolament. Barra minn hekk, biex jitnaqqsu l-livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità tal-prodotti koperti mill-miżuri ta' implementazzjoni adottati skont id-Direttiva 2009/125/KE, biex ikun evitat aħjar in-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti futuri tal-ekodisinn, u filwaqt li jitqies il-kamp ta' applikazzjoni usa' u ż-żieda fl-ambizzjoni ta' dan ir-Regolament meta mqabbel mad-Direttiva 2009/125/KE, dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun fih regoli addizzjonali speċifiċi li **jikkomplementaw** il-qafas maħluq mir-Regolament (UE) 2019/1020. Dawk ir-regoli addizzjonali speċifiċi jenħtieġ li jkunu mmirati lejn aktar tishħiħ tal-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri u jenħtieġ li jipprovdu għodod addizzjonali għall-Kummissjoni biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jieħdu azzjoni **suffiċċenti biex jevitaw in-nuqqas** ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn **u jistabbilixxu mill-ġdid il-konformità meta dan ikun rilevanti.**

Emenda 40 Proposta għal regolament Premessa 90

Test propost mill-Kummissjoni

(90) Biex ikun żgurat li jsiru l-kontrolli

Emenda

(90) Biex ikun żgurat li jsiru l-kontrolli

xierqa fuq skala adegwata rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu pjan ta' azzjoni dedikat li jidentifika l-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex ***jonqas in-nuqqas*** ta' konformità tal-prodotti rilevanti jew mar-rekwiżiti rilevanti tal-ekodisinn. Meta rilevanti, dan il-pjan ta' azzjoni jenħtieġ li jkun parti mill-istrateġiji nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri adottati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

xierqa fuq skala adegwata rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, l-Istati Membri jenħtieġ li jfasslu pjan ta' azzjoni dedikat li jidentifika l-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex ***inaqqsu jew itemmu n-nuqqas*** ta' konformità tal-prodotti rilevanti jew mar-rekwiżiti rilevanti tal-ekodisinn. Meta ***jkun*** rilevanti, dan il-pjan ta' azzjoni jenħtieġ li jkun parti mill-istrateġiji nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri adottati skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 41 Proposta għal regolament Premessa 91

Test propost mill-Kummissjoni

(91) Il-prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu identifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi bħal-livelli ta' nuqqas ta' konformità osservati jew l-impatti ambientali li jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità. L-attivitajiet ippjanati biex jiġu indirizzati dawk il-prioritajiet jenħtieġ li min-naħa tagħhom ikunu proporzjonati mal-fatti li jwasslu għall-prioritizzazzjoni tagħhom. ***Bix*** ikunu żgurati ***kundizzjonijiet*** uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħha*** setgħat ta' implementazzjoni biex tiddetermina l-prodotti u r-rekwiżiti li l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom li jidentifikaw il-prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex ***jonqas in-nuqqas*** ta' konformità.

Emenda

(91) Il-prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu identifikati abbażi ta' kriterji oġġettivi bħal-livelli ta' nuqqas ta' konformità osservati jew l-impatti ambientali li jirriżultaw min-nuqqas ta' konformità ***jew l-għadd ta' l-menti riċevuti***. L-attivitajiet ippjanati biex jiġu indirizzati dawk il-prioritajiet jenħtieġ li min-naħa tagħhom ikunu proporzjonati mal-fatti li jwasslu għall-prioritizzazzjoni tagħhom. ***Sabix*** ikunu żgurati ***kondizzjonijiet*** uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li ***jingħataw*** setgħat ta' implementazzjoni ***lill-Kummissjoni*** biex tiddetermina l-prodotti u r-rekwiżiti li l-Istati Membri jenħtieġ li jikkunsidraw bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq fil-kuntest tal-pjanijiet ta' azzjoni tagħhom li jidentifikaw il-prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitajiet ippjanati biex ***inaqqsu n-nuqqas*** ta' konformità.

Emenda 42
Proposta għal regolament
Premessa 92

Test propost mill-Kummissjoni

(92) Meta jiġu osservati livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn minkejja l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ imsaħħa stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tintervjeni biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu kontrolli fuq skala adegwata. Għalhekk, **biex** jiġi ssalvagwardjat l-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, jenħtieġ li ***l-Kummissjoni tingħata*** s-setgħa li tadotta atti ***f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE*** biex tistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli li ***jridu jsiru*** fuq prodotti jew rekwiżiti speċifiċi. Din is-setgħa jenħtieġ li tkun addizzjonali għall-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda

(92) Meta jiġu osservati livelli problematiċi ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn minkejja l-ippjanar, il-koordinazzjoni u l-appoġġ imsaħħa stabbiliti minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' tintervjeni ***fil-pront u b'mod effiċjenti*** biex tiżgura li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq iwettqu kontrolli fuq skala adegwata. Għalhekk, **sabiex** jiġi ssalvagwardjat l-infurzar effettiv tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, jenħtieġ li ***tiġi delegata lill-Kummissjoni*** s-setgħa li tadotta atti ***skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea*** biex tistabbilixxi għadd minimu ta' kontrolli li ***għandhom isiru*** fuq prodotti jew rekwiżiti speċifiċi. Din is-setgħa jenħtieġ li tkun addizzjonali għall-għoti tas-setgħa fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 43
Proposta għal regolament
Premessa 94

Test propost mill-Kummissjoni

(94) Biex tissahħħah aktar il-koordinazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva (“ADCO”) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-prodotti jew tar-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-attivitàajiet ippjanati biex ***jonqos in-nuqqas ta' konformità jkun Regolament, jissodisfaw*** f'intervalli regolari u ***jidentifikaw*** prioritajiet komuni għas-sorveljanza tas-suq li ***jridu jitqiesu fil-pjanijiet ta'*** azzjoni tal-Istati Membri,

Emenda

(94) Biex tissahħħah aktar il-koordinazzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, il-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva (“ADCO”) stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2019/1020 jenħtieġ li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-prodotti jew tar-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont dan ir-Regolament u l-ivitàjjiet ippjanati biex ***inaqqsu jew itemmu n-nuqqas ta' konformità, jitqa'*** f'intervalli regolari u ***jidentifika*** prioritajiet komuni għas-sorveljanza tas-suq li ***għandhom jitqiesu fil-pjanijiet ta'*** azzjoni tal-Istati Membri,

fil-prioritajiet għall-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni, u fir-rekwiżiti tal-ekodisinn li huma interpretati b'mod differenti li jwasslu għal distorsjoni tas-suq.

Emenda 44

Proposta għal regolament

Premessa 95

Test propost mill-Kummissjoni

(95) Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li tittieħed azzjoni biżżejjed li tevita n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, meta rilevanti, tħaddem il-miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) 2019/1020. Il-Kummissjoni jenħtieġ li torganizza u, *fejn* xieraq tiffinanzja, proġetti konġunti ta' sorveljanza tas-suq u ttestjar f'oqsma ta' interess komuni, investimenti konġunti fil-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-suq u taħriġ komuni għall-persunal tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi notifikati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal linji gwida dwar kif *iridu* jiġu applikati u infurzati r-rekwiżiti tal-ekodisinn *fejn meħtieġ* biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tagħhom.

Emenda 45

Proposta għal regolament

Premessa 101

Test propost mill-Kummissjoni

(101) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-prodotti *mqiegħda* fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-pubbliku jeħtieġ li jkun żgurat li l-operaturi ekonomiċi li *jriegħi* prodotti mhux konformi fis-suq ikunu soġġetti għal penali. Għalhekk, fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati

fil-prioritajiet għall-għoti ta' appoġġ mill-Unjoni, u fir-rekwiżiti tal-ekodisinn li huma interpretati b'mod differenti li jwasslu għal distorsjoni tas-suq.

Emenda

(95) Biex tappoġġa lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżguraw li tittieħed azzjoni biżżejjed li tevita n-nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni jenħtieġ li, meta rilevanti, tħaddem il-miżuri ta' appoġġ previsti fir-Regolament (UE) 2019/1020. Il-Kummissjoni jenħtieġ li torganizza u, *meta jkun* xieraq tiffinanzja, proġetti konġunti ta' sorveljanza tas-suq u ttestjar f'oqsma ta' interess komuni, investimenti konġunti fil-kapaċitajiet ta' sorveljanza tas-suq u taħriġ komuni għall-persunal tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq, l-awtoritajiet notifikanti u l-korpi notifikati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tfassal linji gwida dwar kif *għandhom* jiġu applikati u infurzati r-rekwiżiti tal-ekodisinn biex tkun żgurata l-applikazzjoni armonizzata tagħhom.

Emenda

(101) Biex tissaħħaħ il-fiduċja fil-prodotti *introdotti* fis-suq, b'mod partikolari fir-rigward tal-fatt li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-pubbliku jeħtieġ li jkun żgurat li l-operaturi ekonomiċi li *jintroduċi* prodotti mhux konformi fis-suq ikunu soġġetti għal penali. Għalhekk, fil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jeħtieġ jistabbilixxu penali effettivi, proporzjonati

u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità ma' dan ir-Regolament. *Biex tiġi ffaċilitata applikazzjoni aktar konsistenti tal-penali, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kriterji komuni mhux eżawrjenti biex jiġu ddeterminati t-tipi u l-livelli ta' penali li għandhom jiġu imposti f'każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament. Tali kriterji jenħtieġ li jinkludu, fost l-oħrajn, in-natura u s-serjetà tal-ksur u l-benefiċċċi ekonomiċi li jirriżultaw mill-ksur u l-ħsara ambjentali kkawżata minnu, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati.*

Emenda 46

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u biex ikun żgurat il-moviment liberu fis-suq intern billi jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn li l-prodotti għandhom jissodisfaw biex ***jitqiegħdu*** fis-suq jew fis-servizz. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, li għandhom jiġu elaborati aktar mill-Kummissjoni f'atti delegati, huma relatati ma':

Emenda

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas biex tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti **sabiex il-prodotti sostenibbli jsiru n-norma u biex titnaqqas l-impronta ambjentali globali tagħhom matul iċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom**, u biex ikun żgurat il-moviment liberu fis-suq intern billi jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn li l-prodotti għandhom jissodisfaw biex ***jiġu introdotti*** fis-suq jew ***jitqiegħdu*** fis-servizz. Dawk ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, li għandhom jiġu elaborati aktar mill-Kummissjoni f'atti delegati, huma relatati ma':

Emenda 47

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) il-manifattura mill-ġdid ***u r-riciklagħ*** tal-prodotti;

Emenda

(g) il-manifattura mill-ġdid tal-prodotti;

Emenda 48

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt ga (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ga) ir-riċiklaġġ tal-prodotti;

Emenda 49

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 13

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(13) “tmiem tal-ħajja” tfisser l-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja li jibda meta prodott jintrema u jintemm meta ***l-prodott*** jiġi rritornat lin-natura ***bħala prodott tal-iskart*** jew jidħol fiċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott ieħor;

(13) “tmiem tal-ħajja” tfisser l-istadju taċ-ċiklu tal-ħajja li jibda meta prodott jintrema u jintemm meta ***l-materjal tal-iskart tal-prodott*** jiġi rritornat lin-natura jew jidħol fiċ-ċiklu tal-ħajja ta’ prodott ieħor;

Emenda 50

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 15

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(15) “klassi ta’ prestazzjoni” tfisser firxa ta’ livelli ta’ prestazzjoni fir-rigward ta’ parametru ta’ prodott wieħed jew aktar imsemmija fl-Anness I, ordnati fi stadji suċċessivi biex jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodott;

(15) “klassi ta’ prestazzjoni” tfisser firxa ta’ livelli ta’ prestazzjoni fir-rigward ta’ parametru ta’ prodott wieħed jew aktar imsemmija fl-Anness I, ***abbażi ta’ metodoloġija komuni għall-prodott jew għall-grupp ta’ prodotti***, ordnati fi stadji suċċessivi biex jippermettu d-differenzjazzjoni tal-prodott;

Emenda 51

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 16

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(16) “***manifattura***” tfisser proċess industrijali li fih prodott jiġi prodott minn oġġetti li huma skart, prodotti jew komponenti u li fih issir mill-inqas bidla

(16) “***manifattura mill-ġidid***” tfisser proċess industrijali li fih prodott jiġi prodott minn oġġetti li huma skart, prodotti jew komponenti u li fih issir mill-inqas

waħda fil-prodott li taffettwa s-sikurezza, il-prestazzjoni, l-iskop jew it-tip tal-prodott li tipikament ***jitqiegħed*** fis-suq b'garanzija kummerċjali;

bidla waħda fil-prodott li taffettwa ***b'mod sinifikanti*** s-sikurezza ***jew*** il-prestazzjoni, ***jew taffettwa*** l-iskop jew it-tip tal-prodott li tipikament ***jīġi introdott*** fis-suq b'garanzija kummerċjali;

Emenda 52

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 17

Test propost mill-Kummissjoni

(17) “titjib” tfisser it-titjib tal-funzjonalità, tal-prestazzjoni, tal-kapaċità jew tal-estetika ta’ prodott;

Emenda

(17) “titjib” tfisser it-titjib tal-funzjonalità, tal-prestazzjoni, tal-kapaċità, ***tas-sikurezza*** jew tal-estetika ta’ prodott;

Emenda 53

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) “rinnovazzjoni” tfisser ***it-tħejjija*** jew ***il-modifika*** ta’ oġġett li hu ***skart*** jew ***prodott*** biex il-prestazzjoni jew il-funzjonalità tiegħu jiġu restawrati fl-użu maħsub, ***fil-firxa ta’ prestazzjoni u ta’ manutenzjoni*** orīginarjament ***maħsuba*** fl-istadju tad-disinn, ***jew li jissodisfaw l-istandards tekniċi jew ir-rekwiżiti regolatorji applikabbi***, bir-riżultat li prodott isir kompletament funzjonali;

Emenda

(18) “rinnovazzjoni” tfisser ***l-ittestjar, il-manutenzjoni*** jew ***it-tiswija*** ta’ oġġett li hu ***prodott*** jew ***skart*** biex il-prestazzjoni jew il-funzjonalità tiegħu jiġu restawrati fl-użu maħsub orīginarjament fl-istadju tad-disinn, bir-riżultat li prodott isir kompletament funzjonali;

Emenda 54

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(20a) “obsolexxenza prematura” tfisser ***it-tqegħid*** fis-suq ta’ prodott b’karatteristika li tillimita l-ħajja prevedibbli tiegħu;

Emenda 55

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) “durabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ prodott li jiffunzjona ***kif meħtieġ***, f’kundizzjonijiet ***speċifikati*** ta’ użu, manutenzjoni u tiswija, sakemm xi avveniment limitanti jwaqqaf ***il-funzjonament tiegħu;***

Emenda

(21) “durabbiltà” tfisser il-kapaċità ta’ prodott li jiffunzjona ***u żomm għal ċertu perjodu ta’ żmien il-funzjoni u l-prestazzjoni meħtieġa tiegħu*** f’kundizzjonijiet ***normali*** ta’ użu, manutenzjoni u tiswija sakemm xi avveniment limitanti jwaqqaf ***lill-prodott milli jiffunzjona;***

Emenda 56

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 22

Test propost mill-Kummissjoni

(22) “affidabbiltà” tfisser il-probabbiltà li prodott jiffunzjona kif meħtieġ f’kundizzjonijiet partikolari għal durata partikolari mingħajr avveniment limitanti;

Emenda

(22) “affidabbiltà” tfisser il-probabbiltà ***kbira*** li prodott jiffunzjona kif meħtieġ f’kundizzjonijiet partikolari għal durata partikolari mingħajr avveniment limitanti;

Emenda 57

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 23

Test propost mill-Kummissjoni

(23) “impronta ambjentali” tfisser kwantifikazzjoni tal-impatti ambjentali ta’ prodott, kemm jekk b’rabta ma’ kategorija waħda ta’ impatt ambjentali kif ukoll ma’ sett aggregat ta’ kategoriji tal-impatt abbażi tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott;

Emenda

(23) “impronta ambjentali” tfisser kwantifikazzjoni tal-impatti ambjentali ***taċ-ċiklu tal-ħajja*** ta’ prodott, kemm jekk b’rabta ma’ kategorija waħda ta’ impatt ambjentali kif ukoll ***jekk b’rabta*** ma’ sett aggregat ta’ kategoriji tal-impatt abbażi tal-metodu tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott ***jew metodi xjentifiċi oħra żviluppati minn organizzazzjonijiet internazzjonali u ttestjati b’mod wiesa’ f’kollaborazzjoni ma’ setturi differenti tal-industrija u rikonoxxuti mill-Kummissjoni;***

Emenda 58

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(25a) “impronta tal-materjali” tfisser il-kwantifikazzjoni tal-materjali meħtieġa għal sistema ta’ prodotti bħala t-total tal-bijomassa, il-fjuwils fossili, il-minerali tal-metall u l-minerali mhux metalliċi kkunsmati;

Emenda 59

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 u *tiġi identifikata f'konformità mal-Artikolu 59(1)* tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

(a) tissodisfa l-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; jew

Emenda 60

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28 – punt b – inċiż 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- sustanzi rregolati skont ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a};

^{1a} Ir-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta’ Ġunju 2019 dwar il-pollutanti organiċi persistenti (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 45).

Emenda 61

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 28 – punt b – inċiż 9b (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

- *sustanzi ristretti speċifiċi elenkti fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006;*

Emenda 62

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 35

Test proposet mill-Kummissjoni

(35) “qerda” tfisser il-ħsara jew ir-rimi intenzjonati ta’ prodott bħala skart bl-eċċejżjoni tar-rimi għall-iskop uniku li jiġi pprovdut prodott għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew għall-operazzjonijiet ta’ manifattura mill-ġdid;

Emenda

(35) “qerda” tfisser il-ħsara jew ir-rimi intenzjonati ta’ prodott bħala skart bl-eċċejżjoni tar-rimi għall-iskop uniku li jiġi pprovdut prodott għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, **għar-rinnovazzjoni** jew għall-operazzjonijiet ta’ manifattura mill-ġdid;

Emenda 63

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 37

Test proposet mill-Kummissjoni

(37) “prodott tal-konsumatur mhux mibjugħ” tfisser kwalunkwe prodott tal-konsumatur li ma nbiegħx **jew li jkun ġie rritornat** minn konsumatur fid-dawl tad-dritt ta’ rtirar tagħhom f’konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2011/83/UE;

Emenda

(37) “prodott tal-konsumatur mhux mibjugħ” tfisser kwalunkwe prodott tal-konsumatur **tajjeb għall-konsum jew għall-bejgħ** li ma nbiegħx **inklużi s-surplus, l-inventarju eċċessiv, l-istokk żejjed u l-istokk mhux mibjugħ, inklużi prodotti rritornati** minn konsumatur fid-dawl tad-dritt ta’ rtirar tagħhom f’konformità mal-Artikolu 9 tad-Direttiva 2011/83/UE;

Emenda 64

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 46a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(46a) “operatur indipendenti” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tkun

indipendenti mill-manifattur u li tkun direttamente jew indirettamente involuta fir-rinnovazzjoni, fit-tiswija, fil-manutenzjoni jew fl-adattament għal skop differenti tal-prodott, u tinkludi l-operaturi tal-imaniġġjar tal-iskart, ir-rinnovaturi, min isewwi, il-manifatturi jew id-distributuri ta' tagħmir għat-tiswija, għoddha jew partijiet ta' rikambju, kif ukoll il-pubblifikaturi ta' informazzjoni teknika, l-operaturi li joffru servizzi ta' spezzjoni u ttestjar u l-operaturi li joffru taħriġ lill-installaturi, il-manifatturi u dawk li jsewwu t-tagħmir;

Emenda 65

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 46b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(46b) “min isewwi b’mod professjonal” tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tipprovd servizzi ta’ tiswija jew manutenzjoni għal prodott, irrisspettivament minn jekk dik il-persuna tagħixxix fi ħdan is-sistema ta’ distribuzzjoni tal-manifattur jew b’mod indipendenti;

Emenda 66

Proposta għal regolament

Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 55

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(55) “suq online” tfisser fornitur ta’ servizz intermedjarju li juża *software, inkluż sit web, parti minn sit web jew applikazzjoni*, li *jippermetti* lill-klijenti jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma’ operaturi ekonomiċi għall-bejgħ ta’ prodotti koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

(55) “suq online” tfisser fornitur ta’ servizz intermedjarju li juża *interfaċċa online* li *tippermetti* lill-klijenti jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma’ operaturi ekonomiċi għall-bejgħ ta’ prodotti koperti minn atti delegati adottati skont l-Artikolu 4;

Emenda 67

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandha tapplika d-definizzjoni ta’ “tagħmir elettriku u elettroniku” jew “EEE” li tinsab fl-Artikolu 3, il-punt (1)(a), tad-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

^{1a} **Id-Direttiva 2012/19/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta’ Lulju 2012 dwar skart ta’ tagħmir elettriku u elettroniku (WEEE) (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 38).**

Emenda 68

Proposta għal regolament Artikolu 2 – paragrafu 4a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għandhom japplikaw id-definizzjonijiet ta’ “fornitur ta’ sustanza jew preparat” u “fornitur ta’ oġġetti” li jinsabu fl-Artikolu 3, il-punti (32) u (33), rispettivament, tar-Regolament (KE) 1907/2006.

Emenda 69

Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f’konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal, jew fir-rigward ta’, prodotti biex ittejjeb issostenibbiltà ambjentali tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu l-elementi elenkti fl-Anness VI u għandhom jiġu stabbiliti f’konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7 u mal-Kapitolu III. Is-setgħa li jiġu adottati

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn għal, jew fir-rigward ta’, prodotti biex ittejjeb issostenibbiltà ambjentali tagħhom. Dawk ir-rekwiżiti għandhom jinkludu l-elementi elenkti fl-Anness VI u għandhom jiġu stabbiliti f’konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7 u mal-Kapitolu III. Is-setgħa li jiġu adottati

rekwiżiti tal-ekodisinn tinkludi s-setgħa li jiġi stabbilit li mhu meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-prestazzjoni, l-ebda rekwiżit tal-informazzjoni jew l-ebda rekwiżit la tal-prestazzjoni u lanqas tal-informazzjoni mhu meħtieġ għal ċerti parametri spċifikati tal-prodott imsemmija fl-Anness I.

rekwiżiti tal-ekodisinn tinkludi s-setgħa li jiġi stabbilit li mhu meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-prestazzjoni, l-ebda rekwiżit tal-informazzjoni jew *li f'każijiet eċċeżżjonali* l-ebda rekwiżit la tal-prestazzjoni u lanqas tal-informazzjoni mhu meħtieġ għal ċerti parametri spċifikati tal-prodott imsemmija fl-Anness I.

Emenda 70

Proposta għal regolament

Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagraphu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Is-setgħa li jiġu adottati rekwiżiti tal-ekodisinn għandha tinkludi s-setgħa li jiġi stabbilit li ma japplika l-ebda rekwiżit tal-ekodisinn għal prodotti jew gruppi ta' prodotti użati importati, għal perjodu limitat ta' żmien, meta, abbażi tal-valutazzjoni tal-impatt imwettqa skont l-Artikolu 5(4)(b) il-Kummissjoni tikkonkludi li:

- (a) *ikun rilevanti li jiġi eżentat prodott użat importat jew grupp ta' prodotti użati importati partikolari minħabba s-sehem sostanzjali li jirrappreżenta fis-suq tal-prodotti użati rilevanti tal-Unjoni u d-domanda ġenwina tal-konsumatur li jissodisa; u*
- (b) *tali eżenzjoni ma ddgħajjifx il-kisba tal-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-applikazzjoni usa' tar-rekwiżiti tal-ekodisinn fis-suq tal-prodotti rilevanti tal-Unjoni; u*
- (c) *l-iffrankar tar-riżorsi minħabba l-introduzzjoni fis-suq tal-prodott użat importat jew tal-grupp ta' prodotti użati importati ikun akbar mill-benefiċċji tar-rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti jew gruppi ta' prodotti ġonna.*

Emenda 71
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn fl-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tissupplimenta wkoll dan ir-Regolament billi tispeċifika l-proċeduri applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità minn fost il-moduli stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, bl-adattamenti meħtieġa fid-dawl tar-rekwiżiti tal-prodott jew tal-ekodisinn ikkonċernati, f'konformità mal-Artikolu 36.

Emenda

Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn fl-atti delegati msemmija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha **tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi żmien suffiċjenti biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġodda, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs.** **Il-Kummissjoni għandha** tissupplimenta wkoll dan ir-Regolament billi tispeċifika l-proċeduri applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità minn fost il-moduli stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament u fl-Anness II tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE, bl-adattamenti meħtieġa fid-dawl tar-rekwiżiti tal-prodott jew tal-ekodisinn ikkonċernati, f'konformità mal-Artikolu 36.

Emenda 72
Proposta għal regolament
Artikolu 4 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ca) jiispeċifikaw il-metodoloġija biex tiġi vvalutata l-possibbiltà ta' tiswija ta' prodott, jiġu ddefiniti l-klassijiet ta' prestazzjoni li għandhom jintwerew mill-punteggie għat-tiswija, u jiġu ddefiniti l-kategoriji ta' prodotti li għalihom għandu japplika l-punteggie għat-tiswija;

Emenda 73
Proposta għal regolament
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(g) il-preżenza ta' sustanzi ta' tkhassib;

(g) il-preżenza ta' sustanzi ta' tkhassib **fil-prodotti;**

Emenda 74

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt k

Test propost mill-Kummissjoni

(k) il-possibbiltà ta' manifattura mill-ġdid u *riċiklaġġ*;

Emenda

(k) il-possibbiltà ta' manifattura mill-ġdid;

Emenda 75

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt ka (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ka) il-possibbiltà ta' riċiklaġġ;

5

Emenda 76

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 2 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Madankollu, meta żewġ gruppi ta' prodotti jew aktar juru xebh tekniku li jippermetti titjib tal-aspett tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 abbażi ta' rekwiżit komuni, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu jiġu stabbiliti orizzontalment għal dawk il-gruppi ta' prodotti.

Emenda

Meta żewġ gruppi ta' prodotti jew aktar juru xebh tekniku li jippermetti titjib tal-aspett tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1 abbażi ta' rekwiżit komuni, ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu jiġu stabbiliti orizzontalment għal dawk il-gruppi ta' prodotti. *Dawk ir-rekwiżiti orizzontali jistgħu jiġu spċifikati aktar permezz tal-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn għal grupp ta' prodotti spċifiku kopert minn rekwiżit orizzontali tal-ekodisinn.*

Emenda 77

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – parti introduttiorja

Test propost mill-Kummissjoni

4. Meta tkun qed tħejji r-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni għandha:

Emenda

4. Meta tkun qed tħejji r-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-Kummissjoni għandha ***tiżgura***

*l-konsistenza u tevita rekwiżiti
kunfliġġenti ma' leġiżlazzjoni oħra tal-
Unjoni u għandha:*

Emenda 78

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a – punt i

Test propost mill-Kummissjoni

(i) *il-prioritajiet tal-Unjoni dwar il-klima, l-ambjent u l-effiċċenza enerġetika u prioritajiet oħra relatati tal-Unjoni;*

Emenda

(i) *l-objettivi tal-Unjoni li jikkonċernaw:*

- il-klima, b'mod partikolari l-objettiv li tinkiseb in-newtralità klimatika sa mhux aktar tard mill-2050 kif stabbilit fir-Regolament (UE) 2021/1119;*
- l-ambjent, inklużi l-bijodiversità, l-effiċċenza u s-sigurtà tar-riżorsi u t-tnaqqis tal-impronti ambjentali, tal-materjali u tal-konsum, u l-objettiv li tibqa' fi ħdan il-limiti planetarji kif stabbilit fit-Tmien (8) Programm ta' Azzjoni Ambjentali;*
- in-nuqqas ta' tossiċità;*
- l-effiċċenza enerġetika; u*
- objettivi oħra relatati tal-Unjoni;*

Emenda 79

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) *il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż sa liema punt tindirizza l-aspetti rilevanti tal-prodott elenkti fil-paragrafu 1;*

Emenda

(ii) *il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, inkluż sa liema punt tindirizza l-aspetti rilevanti tal-prodott elenkti fil-paragrafu 1, u l-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852;*

Emenda 80

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iiia) il-ftehimiet internazzjonali rilevanti;

Emenda 81

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt a – punt va (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(va) il-prioritizzazzjoni tal-miżuri skont il-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE;

Emenda 82

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) twettaq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq l-aħjar evidenza u analiżi disponibbli, u kif xieraq fuq studji u riżultati tar-riċerka addizzjonal prodotti permezz ta' programmi ta' finanzjament Ewropej. *Meta tagħmel dan, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-profondità tal-analiżi tal-aspetti tal-prodott elenkti fil-paragrafu 1 tkun proporzjonata għas-sinifikat tagħhom.* L-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn dwar *l-aktar aspetti sinifikanti ta' prodott fost dawk* elenkti fil-paragrafu 1 ma għandux jiġi mdewwem bla bżonn minn inċertezzi dwar il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn biex jittejbu aspetti oħra ta' dak il-prodott; *il-aktar aspetti sinifikanti ta' prodott fost dawk* elenkti fil-paragrafu 1 ma għandux jiġi mdewwem bla bżonn minn inċertezzi dwar il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn biex jittejbu aspetti oħra ta' dak il-prodott;

(b) twettaq valutazzjoni tal-impatt ibbażata fuq l-aħjar evidenza u analiżi disponibbli, u kif xieraq fuq studji u riżultati tar-riċerka addizzjonal prodotti permezz ta' programmi ta' finanzjament Ewropej. L-istabbiliment ta' rekwiżiti tal-ekodisinn dwar *l-aspetti tal-prodott* elenkti fil-paragrafu 1 ma għandux jiġi mdewwem bla bżonn minn inċertezzi dwar il-possibbiltà li jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn biex jittejbu aspetti oħra ta' dak il-prodott. *Fil-valutazzjonijiet tal-impatt, il-Kummissjoni għandha:*

(i) tiżgura li l-aspetti tal-prodott kollha elenkti fil-paragrafu 1 jiġu analizzati u li l-profondità tal-analiżi tal-aspetti tal-prodott elenkti fil-paragrafu 1 tkun proporzjonata għall-importanza tagħhom;

- (ii) *tiżgura li jiġu analizzati l-kompromessi bejn l-aspetti differenti tal-prodott elenkti fil-paragrafu 1;*
- (iii) *tipprovdi valutazzjoni tat-tnaqqis mistenni tal-impronti ambientali, tal-karbonju u tal-materjali mir-rekwiżiti l-ġodda tal-ekodisinn;*
- (iv) *tipprovdi valutazzjoni tal-issodisfar tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 4, it-tieni paragrafu, dwar il-prodotti użati importati, meta dan ikun rilevanti;*
- (v) *tipprovdi valutazzjoni ta' kwalunkwe impatt rilevanti fuq is-saħħa tal-bniedem;*
- (vi) *tipprovdi valutazzjoni tal-livell minimu ta' prestazzjoni ta' prodott jew ta' grupp ta' prodotti, li jeħtieġ li potenzjalment jintlaħaq fil-futur sabiex dak il-prodott jew dak il-grupp ta' prodotti jkun konformi mal-objettivi tal-Unjoni kif elenkti fil-paragrafu 4, il-punt (a)(i);*
Meta jkun xieraq, il-valutazzjoni tal-impatt għandha tintuża wkoll biex jiġu stabiliti kriterji dwar l-akkwist pubbliku ekoloġiku, l-Ekotikketta, kif ukoll incəntivi ekonomiċi oħra sabiex tittejjeb il-konsistenza bejn l-strumenti ta' politika differenti.

Emenda 83

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (ca) *tqis il-protezzjoni tal-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali;*

Emenda 84

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt cb (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

**(cb) tqis kwalunkwe feedback approvdat
mill-konsultazzjonijiet pubbliċi;**

Emenda 85

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt a

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

- (a) ma għandu jkun hemm ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità tal-prodott, mill-perspettiva tal-utent;

- (a) ma għandu jkun hemm ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-funzjonalità **jew is-sikurezza** tal-prodott, mill-perspettiva tal-utent;

Emenda 86

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt c

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

- (c) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-konsumaturi f'termini tal-affordabbiltà tal-prodotti rilevanti, filwaqt li jitqies ukoll l-aċċess għall-prodotti użati, id-durabbiltà u l-kost taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti;

- (c) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sinifikanti fuq il-konsumaturi f'termini tal-affordabbiltà tal-prodotti rilevanti, filwaqt li jitqies ukoll l-aċċess għall-prodotti użati, **inklużi l-prodotti użati importati**, id-durabbiltà u l-kost taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti;

Emenda 87

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

- (d) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sproporzjonat fuq il-kompetittività tal-atturi ekonomiċi, **tal-anqas** tal-SMEs;

- (d) ma għandu jkun hemm l-ebda impatt negattiv sproporzjonat fuq il-kompetittività tal-atturi ekonomiċi, **b'mod partikolari tal-mikrointrapriżi u** tal-SMEs;

Emenda 88

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt f

Test proposet mill-Kummissjoni

(f) ma għandu jkun hemm l-ebda piż amministrattiv sproporzjonat fuq il-manifatturi jew ***fuq*** atturi ekonomiċi oħra.

Emenda

(f) ma għandu jkun hemm l-ebda piż amministrattiv sproporzjonat fuq il-manifatturi jew atturi ekonomiċi oħra, ***b'mod partikolari għall-mikrointrapriżi u l-SMEs;***

Emenda 89

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 5 – punt fa (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(fa) għandu jingħata bizzżejjed żmien lill-manifatturi jew lil atturi ekonomiċi oħra biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġoddha, b'mod partikolari billi jitqiesu l-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs.

Emenda 90

Proposta għal regolament

Artikolu 5 – paragrafu 8

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika studji u analizjiet rilevanti użati fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament.

8. Il-Kummissjoni għandha tippubblika studji u analizjiet rilevanti ***hekk kif ikunu disponibbli, inklużi l-valutazzjonijiet tal-impatt imsemmija fil-paragrafu 4, il-punt (b),*** użati fl-istabbiliment tar-rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 91

Proposta għal regolament

Artikolu 5a (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 5a

Durabbiltà u possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti

1. ***Meta tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn skont l-Artikolu 5(1), il-***

Kummissjoni għandha tiżgura li l-manifatturi ma jillimitawx id-durabbiltà ta' prodott billi jagħmluh obsolet qabel iż-żmien, b'mod partikolari minħabba d-disinn ta' karatteristika spċċifika, l-użu ta' oġġetti tal-konsum, il-partijiet ta' rikambju, jew in-nuqqas ta' forniment ta' aġġornamenti tas-software jew aċċessorji f'perjodu ta' żmien xieraq.

2. Meta jkunu qed jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn skont l-Artikolu 5(1), il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-manifatturi ma jillimitawx il-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti billi jimpedixxu ż-żarmar ta' komponenti ewlenin jew jillimitaw l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-partijiet ta' rikambju esklużivament għal dawk awtorizzati biex isewwu.

Emenda 92

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 2 – parti introduttiorja

Test propost mill-Kummissjoni

2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-parametri tal-prodott imsemmija fl-Anness I u għandhom, kif xieraq, jinkludu:

Emenda

2. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu bbażati fuq il-parametri **rilevanti** tal-prodott imsemmija fl-Anness I u għandhom, kif xieraq, jinkludu:

Emenda 93

Proposta għal regolament

Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni bbażati fuq il-parametru tal-prodott stabbilit **fil-punt** (f) **tal-Anness I**, ma għandhomx jirrestrinġu l-preżenza ta' sustanzi fi prodotti għal raġunijiet relatati primarjament mas-sikurezza kimika.

Emenda

3. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni bbażati fuq il-parametru tal-prodott stabbilit **fl-Anness I, il-punt** (f), ma għandhomx jirrestrinġu l-preżenza ta' sustanzi fi prodotti għal raġunijiet relatati primarjament mas-sikurezza kimika, **dment li ma jkunx hemm riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-**

ambjent, li jirriżulta mill-użu ta' sustanza preżenti fil-prodott jew f'komponent tal-prodott meta jiġi introdott fis-suq jew matul l-istadji sussegwenti taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu.

Emenda 94

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1 – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni

(ii) informazzjoni għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra dwar ***kif jinstallaw, jużaw, iżommu u jsewwu l-prodott*** biex jimminimizzaw l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u jiżguraw l-aħjar durabbiltà, kif ukoll dwar kif jirritornaw jew jarmu l-prodott fi tmiem il-ħajja tiegħu;

Emenda

(ii) informazzjoni ***ċara u li tintiehem faciilment*** għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra dwar ***l-installazzjoni, l-użu, il-manutenzjoni u t-tiswija tal-prodott*** biex jimminimizzaw l-impatt tiegħu fuq l-ambjent u jiżguraw l-aħjar durabbiltà, kif ukoll dwar kif jirritornaw jew jarmu l-prodott fi tmiem il-ħajja tiegħu;

Emenda 95

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1 – punt iia (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iia) informazzjoni ċara u li tintiehem faciilment għall-konsumaturi u għal utenti finali oħra, dwar kif jiġu installati sistemi operativi ta' partijiet terzi;

Emenda 96

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt b – paragrafu 1 – punt iib (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(iib) informazzjoni rilevanti għall-fornituri ta' servizzi ta' tiswija u rinnovazzjoni u għall-operatūr iinvoluti fit-tħejjija għall-użu mill-ġidid, fl-użu mill-ġidid, fit-tiswija u fit-żarmar;

Emenda 97

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk il-klassijiet ta' prestazzjoni għandhom jikkorrispondu għal titjib statistikament sinifikanti fil-livelli ta' prestazzjoni.

Emenda

Dawk il-klassijiet ta' prestazzjoni għandhom jikkorrispondu għal titjib statistikament sinifikanti fil-livelli ta' prestazzjoni *u għandhom jużaw bħala l-livell minnu r-rekwiżiti minimi tal-prestazzjoni skont l-Artikolu 6.*

Emenda 98

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Meta xieraq, abbażi tal-evidenza pprovduta fil-valutazzjoni tal-impatt imsemmija fl-Artikolu 5(4), il-punt (b), ir-rekwiżiti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-prodott relatata mal-possibbiltà ta' tiswija għandhom jieħdu l-forma ta' punteġġ ġħall-possibbiltà ta' tiswija biex l-utenti finali jkunu jistgħu jqablu faċiilment il-prestazzjoni tal-prodotti. Il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti għandha tiġi żviluppata skont l-ispeċifiċitajiet tal-kategoriji ta' prodotti u stipulata fl-att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4. Dak l-att delegat għandu jiddefinixxi wkoll il-kontenut u tqassim tat-tikketta li jkun fiha l-punteġġ ġħall-possibbiltà ta' tiswija, kif xieraq, f'konformità mal-Artikolu 14, bl-użu ta' lingwaġġ u pittogrammi ċari u faċli biex jinfieħmu, biex jiġi evitat li jkun hemm wisq informazzjoni għall-konsumaturi.

Meta disponibbli, il-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-possibbiltà ta' tiswija tal-prodotti tista' tinkludi aspetti rilevanti oħra ta' prodott, bħad-durabbiltà, l-affidabbiltà jew ir-robustezza, u tiġi speċifikata aktar fl-att delegat rilevanti filwaqt li jitqiesu l-ispeċifiċitajiet tal-

kategorija ta' prodotti.

Emenda 99

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippermettu t-träċċar tas-sustanzi kollha ta' tħassib **matul** iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, **sakemm** tali traċċar ma jkunx diġà permess minn att delegat ieħor adottat skont l-Artikolu 4 li jkopri l-prodotti kkonċernati, u għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

Emenda

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jippermettu t-träċċar tas-sustanzi kollha ta' tħassib **preżenti fil-prodott kif jiġi introdott fis-suq, f'konformità ma' approċċ ibbażat fuq livell limitu, tul** iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti, **dment li** tali traċċar ma jkunx diġà permess minn att delegat ieħor adottat skont l-Artikolu 4 li jkopri l-prodotti kkonċernati, u għandhom jinkludu mill-inqas dan li ġej:

Emenda 100

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-isem tas-sustanzi ta' tħassib preżenti fil-prodott;

Emenda

(a) l-isem **tal-Unjoni Internazzjonali tal-Kimika Pura u Applikata (IUPAC)** tas-sustanzi ta' tħassib preżenti fil-prodott, **inkluż in-numru ta' identifikazzjoni kimika, jiġifieri n-numru tal-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS) jew in-numru tal-Lista Ewropea ta' Sustanzi Kimiċi Notifikati (ELINCS) jew in-numru tal-Chemical Abstracts Service (CAS);**

Emenda 101

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) **struzzjonijiet** rilevanti għall-użu sikur tal-prodott;

Emenda

(d) **istruzzjonijiet** rilevanti għall-użu sikur tal-prodott **u mmaniġġjar ambjentalment korrett tal-prodott fi tmiem**

il-ħajja tiegħu;

Emenda 102

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt e

Test propos mill-Kummissjoni

- (e) informazzjoni rilevanti għaż-żarmar.

Emenda

- (e) informazzjoni rilevanti għaż-żarmar
u t-tħejji ja għall-użu mill-ġdid.

Emenda 103

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 5 – subparagrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

L-eżenzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (c), jistgħu jiġu pprovduti abbażi tal-fattibbiltà teknika jew *ir-rilevanza* tat-traċċar ta' sustanzi ta' tħassib, *il-ħtieġa* li tiġi protetta informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u f'każijiet oħra debitament ġustifikati.

Emenda

L-eżenzjonijiet imsemmija fit-tieni subparagrafu, il-punt (c), jistgħu jiġu pprovduti abbażi tal-fattibbiltà teknika jew *tar-rilevanza* tat-traċċar ta' sustanzi ta' tħassib, *tal-eżistenza ta' metodi analitiċi għad-detezzjoni u għall-kwantifikazzjoni tagħhom, tal-ħtieġa* li tiġi protetta informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali u f'każijiet oħra debitament ġustifikati.

Emenda 104

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 2 – punt e

Test propos mill-Kummissjoni

- (e) f'manwal għall-utent;

Emenda

- (e) f'manwal għall-utent *jew f'dokumentazzjoni oħra li takkumpanja l-prodott;*

Emenda 105

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

L-informazzjoni li tiżgura t-taċċċabbiltà tas-sustanzi skont il-paragrafu 5 għandha

Emenda

Informazzjoni li hija essenzjali għas-sahħha, għas-sikurezza u għad-drittijiet tal-

tingħata jew fuq il-prodott jew tkun aċċessibbli permezz ta' mezz ta' data inkluż fuq il-prodott.

utenti finali għandha tiġi pprovduta u għandha tkun aċċessibbli f'forma fiżika mal-prodott u tkun aċċessibbli permezz ta' mezz ta' data inkluż fuq il-prodott.

Emenda 106

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 6 – subparagrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-informazzjoni rilevanti għal deċiżjoni infurmata dwar ix-xiri ta' prodott għandha tiġi pprovduta lill-konsumaturi qabel ma jinxтарa l-prodott.

Emenda 107

Proposta għal regolament

Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont ir-rekwiżiti ta' informazzjoni f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà skont id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a}.

1a Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi (ĠUL 151, 7.6.2019, p. 70).

Emenda 108

Proposta għal regolament

Artikolu 8 - paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) għandhom **jipprovdu** li l-prodotti jistgħu **jitqiegħdu** fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz biss jekk

1. Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(1) għandhom **jipprevedu** li l-prodotti jistgħu **jiġu introdotti** fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz

ikun disponibbli *passaport tal-prodotti* f'konformità mal-att delegat applikabbi adottat skont l-Artikolu 4 u l-Artikoli 9 u 10.

biss jekk *passaport tal-prodotti jkun* disponibbli f'konformità mal-att delegat applikabbi adottat skont l-Artikolu 4 u l-Artikoli 9 u 10. *L-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti għandha tkun akkurata, kompluta u aġġornata.*

Emenda 109

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) l-informazzjoni li trid tīgħi inkluża fil-passaport tal-prodotti skont l-Anness III;

Emenda

(a) l-informazzjoni li trid tīgħi inkluża fil-passaport tal-prodotti skont l-Anness III
b'kunsiderazzjoni speċifika għal informazzjoni kummerċjali kufidenzjali;

Emenda 110

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

(f) l-atturi li għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti u għal liema informazzjoni għandu jkollhom aċċess, inkluż il-klijenti, l-utenti finali, il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri, *negozjanti*, min isewwi, *manifatturi* mill-ġdid, *riċiklaturi*, *awtoritajiet* nazzjonali kompetenti, *organizzazzjonijiet ta' interess pubbliku* u l-Kummissjoni, jew *xi* organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom;

Emenda

(f) l-atturi li għandu jkollhom aċċess għall-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti u għal liema informazzjoni għandu jkollhom aċċess, inkluż il-klijenti, l-utenti finali, il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri, *in-neozjanti*, min isewwi *b'mod professjonal, l-operaturi indipendenti, ir-rinnovaturi, dawk li jimmifatturaw mill-ġdid, ir-riċiklaturi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, ir-riċerkaturi, it-trade unions u l-Kummissjoni, jew kwalunkwe organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom;*

Emenda 111

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

(g) l-atturi li *jistgħu* jintroduċu jew

Emenda

(g) l-atturi li *għandhom* jintroduċu jew

jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti, inkluż meta meħtieġ il-ħolqien ta' passaport ġdid tal-prodotti, u liema informazzjoni jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw, *inkluż manifatturi, min isewwi, profesjonisti* tal-manutenzjoni, *manifatturi* mill-ġdid, *riċiklaturi, awtoritajiet* nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew *xi* organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom;

jaġġornaw l-informazzjoni fil-passaport tal-prodotti, inkluż meta meħtieġ il-ħolqien ta' passaport ġdid tal-prodotti *li għandu jkun marbut mal-passaport jew mal-passaporti tal-prodotti tal-prodotti oriġinali*, u liema informazzjoni jistgħu jintroduċu jew jaġġornaw, *inklużi l-manifatturi, min isewwi b'mod professjonali, l-operaturi indipendenti, ir-rinnovaturi, il-professionisti* tal-manutenzjoni, *dawk li jippanifatturaw* mill-ġdid, *ir-riċiklaturi, l-awtoritajiet* nazzjonali kompetenti, u l-Kummissjoni, jew *kwalunkwe* organizzazzjoni li taġixxi f'isimhom, *filwaqt li jevitaw id-duplikazzjoni tal-informazzjoni u tar-rapporṭar;*

Emenda 112

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(h) il-perjodu li *għalih* għandu jibqa' disponibbli *l-passaport tal-prodotti*.

Emenda

(h) il-perjodu li *matulu l-passaport tal-prodotti* għandu jibqa' disponibbli *li għandu jikkorrispondi għal mill-inqas il-ħajja mistennija ta' prodott speċifiku.*

Emenda 113

Proposta għal regolament

Artikolu 8 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) jiżguraw li l-atturi tul il-katina tal-valur, *b'mod partikolari l-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti*, ikunu jistgħu jaċċessaw l-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti għalihom;

Emenda

(a) jiżguraw li l-atturi tul il-katina tal-valur, ikunu jistgħu jaċċessaw *faċilment* l-informazzjoni dwar il-prodott rilevanti għalihom;

Emenda 114

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a

Test proposet mill-Kummissjoni

(a) għandu jkun konness permezz ta' mezz ta' data ma' identifikatur uniku tal-prodott;

Emenda

(a) għandu jkun konness permezz ta' mezz ta' data ma' identifikatur uniku tal-prodott *li għandu jidentifika l-prodott, indipendentement mill-identifikatur ta' kwalunkwe passaport tal-prodotti u minn kwalunkwe isem ta' dominju tal-internet;*

Emenda 115

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt d

Test proposet mill-Kummissjoni

(d) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tkun ibbażata fuq standards miftuħa, żviluppati b'format interoperabbli u għandha tkun tista' tinqara minn magna, strutturata u tista' titfitex, f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 10;

Emenda

(d) l-informazzjoni kollha inkluża fil-passaport tal-prodotti għandha tkun ibbażata fuq standards miftuħa, żviluppati b'format interoperabbli u għandha tkun tista' tinqara minn magna, strutturata, u tista' titfitex, *u għandha tkun trasferibbi permezz ta' network tal-iskambju tad-data interoperabbli u miftuħ mingħajr intrappolament tal-klientela* f'konformità mar-rekwiżiti essenzjali stabbiliti fl-Artikolu 10;

Emenda 116

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt da (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(da) id-data personali relatata mal-utent finali tal-prodott ma għandhiex tinhāzen fil-passaport tal-prodotti;

Emenda 117

Proposta għal regolament

Artikolu 9 – paragrafu 3

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

3. L-operatur ekonomiku li *jiegħed il-prodott fis-suq* għandu jipprovdi lin-

3. L-operatur ekonomiku li *jintroduċi l-prodott fis-suq* għandu jipprovdi lin-

negozjanti b'kopja diġitali tal-mezz ta' data biex **jippermetti lin-negozjant jagħmlu** aċċessibbli għall-klijenti meta ma jkunux jistgħu jaċċessaw **fiżikament** il-prodott. L-operatur ekonomiku għandu jipprovdik dik il-kopja diġitali mingħajr ħlas u fi żmien ħamest (5) ijiem tax-xogħol **mit-talba tan-negozjant.**

negozjanti **u lis-swieg online** b'kopja diġitali tal-mezz ta' data biex **ikunu jistgħu jagħmluha** aċċessibbli għall-klijenti meta ma jkunux jistgħu jaċċessaw il-prodott **fiżikament**. L-operatur ekonomiku għandu jipprovdik dik il-kopja diġitali mingħajr ħlas u fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol **minn meta jirċievi t-talba.**

Emenda 118

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) *il-passaporti tal-prodotti għandhom ikunu interoperabbli ma' bażijiet tad-data ta' prodotti eżistenti, bħal pereżempju, il-bażi tad-data tas-Sustanzi ta' Tħassib fl-Oġġetti, bħala tali jew f'oġġetti kumplessi (Prodotti) (SCIP) u l-bażi tad-data tar-Reġistru Ewropew tal-Prodotti għat-Tikkettar tal-Enerġija (EPREL), kull meta fattibbli u rilevanti;*

Emenda 119

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-konsumaturi, l-operaturi ekonomiċi u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess liberu għall-passaport tal-prodotti abbażi tad-drittijiet ta' aċċess rispettivi tagħhom stabbiliti fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4;*

(b) *il-klijenti, l-utenti finali, il-manifatturi, l-importaturi u d-distributuri, in-negozjanti, min isewwi b'mod professjonal, l-operaturi indipendenti, ir-rinnovaturi, dawk li jippanif fuu mill-ġdid, ir-riċiklaturi, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, it-trade unions u atturi rilevanti oħra għandu jkollhom aċċess faċċli u mingħajr ħlas għall-passaport tal-prodotti abbażi tad-drittijiet ta' aċċess rispettivi tagħhom stabbiliti fl-att delegat applikabbli adottat skont l-Artikolu 4;*

Emenda 120

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt ba (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) il-passaporti tal-prodotti għandhom jitfasslu u jitħaddmu b'tali mod li jkun faċili biex jintużaw mill-utent;

Emenda 121

Proposta għal regolament

Artikolu 10 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti **għandu jaħżinha l-operatur** ekonomiku responsabbi għall-ħolqien **tiegħu** jew **l-operatürü** awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom;

(c) id-data inkluża fil-passaport tal-prodotti **għandha tinhāzen mill-operatur** ekonomiku responsabbi għall-ħolqien **tagħha** jew **minn operatürü** awtorizzati biex jaġixxu f'isimhom;

Emenda 122

Proposta għal regolament

Artikolu 12a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 12a

Pjattaforma għat-Tqabbil

1. *Sa [daħħal id-data 12-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm għodda online aċċessibbli għall-publiku li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jqabblu l-informazzjoni inkluża fil-passaporti tal-prodotti maħżuna mill-operatur ekonomiku f'konformità mal-Artikolu 10(c). L-għodda għandha tkun iddisinjata b'mod li jiggħarantixxi li l-partijiet ikkonċernati jkunu jistgħu jfittxu l-informazzjoni f'konformità mad-drittijiet ta' aċċess rispettivi tagħhom skont l-Artikolu*

10(1)(b).

Emenda 123

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propos mill-Kummissjoni

- (b) it-tqassim tat-tikketta filwaqt li **jitqiesu l-viżibbiltà u l-leġġibbiltà;**

Emenda

- (b) it-tqassim tat-tikketta filwaqt li **jiżguraw il-viżibbiltà u l-leġġibbiltà;**

Emenda 124

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt c

Test propos mill-Kummissjoni

- (c) il-mod li bih għandha tintwera t-tikketta lill-klijenti inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26 u l-implikazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi rilevanti;

Emenda

- (c) il-mod li bih għandha tintwera t-tikketta lill-klijenti inkluż fil-każ ta' bejgħ mill-bogħod, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26, ***ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2019/882***, u l-implikazzjonijiet għall-operaturi ekonomiċi rilevanti;

Emenda 125

Proposta għal regolament

Artikolu 14 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Meta rekwiżit ta' informazzjoni jinvolvi l-inklużjoni f'tikketta tal-klassi ta' prestazzjoni ta' prodott kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), it-tqassim tat-tikketta ***msemmija*** fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu jippermetti lill-klijenti jqabblu faċilment il-prestazzjoni tal-prodott ***fir-rigward tal-parametru*** rilevanti tal-prodott u jagħżlu prodotti bi prestazzjoni aħjar.

Emenda

2. Meta rekwiżit ta' informazzjoni jinvolvi l-inklużjoni f'tikketta tal-klassi ta' prestazzjoni ta' prodott kif imsemmi fl-Artikolu 7(4), it-tqassim tat-tikketta ***msemmi*** fil-paragrafu 1, il-punt (b), għandu ***jkun ċar u jinfiehem faċilment, u għandu*** jippermetti lill-klijenti jqabblu faċilment il-prestazzjoni tal-prodott ***b'rabta mal-parametru*** rilevanti tal-prodott u jagħżlu prodotti bi prestazzjoni aħjar.

Emenda 126
Proposta għal regolament
Artikolu 15 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Meta l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ma jeħtiġux li l-prodotti jkollhom tikketta, dawk il-prodotti ma jistgħux jitqiegħdu fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz jekk jipprovdu jew juru tikketti li x'aktarx iqarrqu **jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tat-tikketti previsti fl-Artikolu 14.**

Emenda

Il-prodotti ma **għandhomx jiġu introdotti** fis-suq jew jitqiegħdu fis-servizz jekk jipprovdu jew juru tikketti li x'aktarx iqarrqu **bil-klijenti jew ifixkluhom fir-rigward tat-tikketti previsti fl-Artikolu 14, inkluż meta atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ma jkunux jirrikjedu li l-prodotti jkollhom tikketta.**

Emenda 127
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) id-distribuzzjoni tal-impatti ambjentali, tal-użu tal-enerġija u tal-ġenerazzjoni tal-iskart tul il-katina tal-valur, **b'mod partikolari jekk dawn iseħħux fl-Unjoni;**

Emenda

(c) id-distribuzzjoni tal-impatti **klimatiċi u** ambjentali, tal-użu tal-enerġija, **tal-użu tar-riżorsi** u tal-ġenerazzjoni tal-iskart tul il-katina tal-valur;

Emenda 128
Proposta għal regolament
Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta **u taġġonna b'mod regolari** pjan ta' ħidma, **li jkopri perjodu ta' mill-inqas tliet (3) snin, li** jistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom ikollha l-ħsieb li tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament. Dik il-lista għandha tinkludi l-aspetti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 5(1) li għalihom il-Kummissjoni beħsiebha tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn stabbiliti skont **it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2).**

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta pjan ta' ħidma **u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku, flimkien mad-dokumenti preparatorji rilevanti. Il-pjan ta' ħidma għandu** jistabbilixxi lista ta' gruppi ta' prodotti li għalihom ikollha l-ħsieb li tistabbilixxi rekwiżiti tal-ekodisinn f'konformità ma' dan ir-Regolament **u l-iskedti ta' żmien stmati għall-istabbiliment tagħhom.** Dik il-lista għandha tinkludi l-aspetti tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 5(1) li għalihom il-Kummissjoni beħsiebha tadotta rekwiżiti orizzontali tal-ekodisinn stabbiliti skont **l-Artikolu 5(2), it-tieni**

subparagrafu. Il-pjan ta' ħidma għandu jkɔpri perjodu ta' mill-inqas tliet snin, u għandu jiġi aġġornat regolarmen.

Emenda 129

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Meta tadotta jew taġġorna l-pjan ta' ħidma msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tikkonsulta l-Forum dwar l-Ekodisinn imsemmi fl-Artikolu 17.

Emenda

Meta tadotta jew taġġorna l-pjan ta' ħidma msemmi fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u għandha tikkonsulta l-Forum dwar l-Ekodisinn imsemmi fl-Artikolu 17 ***fi żmien xieraq.***

Emenda 130

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-abbozz tal-pjan ta' ħidma u l-aġġornamenti tiegħi lill-Parlament Ewropew qabel l-adozzjoni tagħhom.

Emenda 131

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagrafu 2b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-perjodu 2024-2027, il-Kummissjoni għandha tqis li tagħti priorità lill-gruppi ta' prodotti li ġejjin fl-ewwel pjan ta' ħidma li jrid jiġi adottat mhux aktar tard minn ... [daħħal id-data tliet xhur wara ddħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. Jekk kwalunkwe grupp ta' prodotti minn dawn li ġejjin ma jiġix inkluż fil-pjan ta' ħidma, il-Kummissjoni għandha tiprovvdi ġustifikazzjoni għad-deċiżjoni tagħha fil-

pjan ta' ħidma:

- *il-ħadid, l-azzar*
- *l-aluminju*
- *it-tessuti, b'mod partikolari l-ħwejjeġ u ż-żraben*
- *l-ġħamara, inklużi s-saqqijiet*
- *it-tajers*
- *id-deterġenti*
- *iż-żebgħa*
- *il-lubrikanti*
- *is-sustanzi kimiċi*
- *il-prodotti relatati mal-enerġija, li l-miżuri ta' implementazzjoni għalihom jeħtieġ li jiġu riveduti jew definiti mill-ġdid*
- *il-prodotti tal-ICT u prodotti elettroniċi oħra.*

Emenda 132

Proposta għal regolament

Artikolu 16 – paragrafu 2 – subparagraphu 2c (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Kwalunkwe nuqqas ta' prestazzjoni adegwata u ta' rekwiżiti ta' informazzjoni dwar l-ambjent u l-impronta tal-karbonju għas-siment skont [ir-Regolament li jmiss li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-kostruzzjoni, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1020 u li jħassar ir-Regolament (UE) 305/2011 (2022/0094 COD)] sal-2027 għandu jiskatta l-inklużjoni tas-siment bħala kategorija ta' prodotti ta' priorità fil-pjan ta' ħidma li jmiss ta' dan ir-Regolament.

Emenda 133

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li meta twettaq l-aktivitajiet tagħha, ***tiżgura*** parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati kollha li jkunu involuti fil-prodott jew fil-grupp ta' prodotti inkwistjoni, bħall-industrija, ***inkluż*** l-SMEs u l-industrija tas-snajja', it-trade unions, il-kummerċjanti, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, ***il-gruppi*** għall-protezzjoni ambientali ***u*** l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur. ***Dawn il-partijiet għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tħejjija tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, billi jeżaminaw l-effettività tal-mekkaniżmi stabbiliti ta' sorveljanza tas-suq u jivvalutaw il-miżuri ta' awtoreġolamentazzjoni.***

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li meta twettaq l-aktivitajiet tagħha, ***iżżomm*** parteċipazzjoni bilanċjata tar-rappreżentanti tal-Istati Membri u tal-partijiet interessati kollha li jkunu involuti fil-prodott jew fil-grupp ta' prodotti inkwistjoni, bħall-industrija, ***inklużi*** l-SMEs, ***l-intrapriżi soċċali*** u l-industrija tas-snajja', ***l-operaturi tal-immaniġġjar tal-iskart, l-organizzazzjonijiet tal-istandardizzazzjoni, it-trade unions u l-assoċjazzjonijiet, il-kummerċjanti, il-bejjiegħa bl-imnut, l-importaturi, l-organizzazzjonijiet*** għall-protezzjoni ambientali, l-organizzazzjonijiet tal-konsumatur, ***ir-riċerkaturi u esperti oħra.***

Emenda 134

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-partijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu għandhom jikkontribwixxu b'mod partikolari għat-tħejjija tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, u jeżaminaw l-effettività tal-mekkaniżmi stabbiliti ta' sorveljanza tas-suq u jivvalutaw il-miżuri ta' awtoreġolamentazzjoni.

Emenda 135

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha l-laqgħat li jmiss tal-“Forum dwar l-Ekodisinn”, filwaqt li tiżgura li l-partijiet rilevanti jiġu infurmati kmieni biżżejjed qabel ma ssir

konsultazzjoni.

Emenda 136

Proposta għal regolament

Artikolu 17 – paragrafu 2b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Forum dwar l-Ekodisinn għandu jwettaq il-kompli tiegħu b'mod kompletament trasparenti. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-konklużjonijiet u l-minuti adottati tal-laqgħat tal-Forum dwar l-Ekodisinn u ddokumenti rilevanti l-oħra kollha fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

Emenda 137

Proposta għal regolament

Artikolu 17 - paragrafu 2c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Forum dwar l-Ekodisinn jista' jitlob lill-Kummissjoni thejjji rekwiżiti tal-ekodisinn għal grupp ta' prodotti partikolari. Il-Kummissjoni għandha tqis tali talba.

Emenda 138

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Żewġ operaturi ekonomiċi jew aktar jistgħu **jippreżentaw** miżura ta' awtoregolamentazzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti **lill-Kummissjoni** bħala alternattiva għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4. Dawk l-operaturi għandhom jipprovdu evidenza li l-kriterji msemmija fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), **huma ssodisfati**. Fir-rigward tal-

1. Żewġ operaturi ekonomiċi jew aktar jistgħu **jressqu quddiem il-Kummissjoni** miżura ta' awtoregolamentazzjoni li tistabbilixxi r-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti bħala alternattiva għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4, **jekk il-prodotti ma jkunux inklużi fil-pjan ta' ħidma**. Dawk l-operaturi għandhom jipprovdu evidenza li l-kriterji msemmija fil-

paragrafu 3, il-punt (a), dik l-evidenza għandha tikkonsisti f'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika strutturata, li tiġġustifika r-rekwiżiti u l-objettivi ***tal-ekodisinn*** tal-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni, u li tivvaluta l-impatti tar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dik il-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni.

paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), ***ġew issodisfati***. Fir-rigward tal-paragrafu 3, il-punt (a), dik l-evidenza għandha tikkonsisti f'analiżi teknika, ambjentali u ekonomika strutturata, li tiġġustifika r-rekwiżiti ***tal-ekodisinn*** u l-objettivi tal-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni, u li tivvaluta l-impatti tar-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti f'dik il-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni.

Emenda 139

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Il-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

Emenda

Il-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni ***mressqa skont il-paragrafu 1*** għandu jkun fiha l-informazzjoni li ġejja:

Emenda 140

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) ir-rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbi għall-prodotti koperti mill-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni;

Emenda

(b) ir-rekwiżiti tal-ekodisinn, ***kif stabbiliti fl-Artikolu 5***, applikabbi għall-prodotti koperti mill-miżura ta’ awtoregolamentazzjoni;

Emenda 141

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi rrapporata mill-firmatarji u dwar l-ittestjar u l-ispezzjonijiet.

Emenda

(d) regoli dwar l-informazzjoni li għandha tiġi rrapporata mill-firmatarji u ***regoli*** dwar l-ittestjar u l-ispezzjonijiet;

Emenda 142

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(da) regoli dwar il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' konformità ta' firmatarju;

Emenda 143

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt db (ġidid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(db) spjegazzjoni dwar kif il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni mressqa skont il-paragrafu 1 ittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament u tiżgura l-moviment liberu fis-suq intern aktar malajr jew bi spiża iżgħar minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

Emenda 144

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

L-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tinżamm aġġornata u tkun disponibbli fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku.

L-informazzjoni msemmija f'dan il-paragrafu għandha tinżamm aġġornata u tkun disponibbli fuq sit web **tal-Kummissjoni** aċċessibbli għall-pubbliku.
L-operaturi ekonomiċi għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni bi kwalunkwe bidla fil-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, b'mod partikolari kwalunkwe bidla rigward il-firmatarji.

Emenda 145

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttiorja

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżura proposta ta' awtoregolamentazzjoni, u, **fejn**

Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-miżura proposta ta' awtoregolamentazzjoni, u,

meħtieġ, għandha tfittex parir xjentifiku ***mill-aġenzji*** deċentralizzati tal-Unjoni. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, ***din*** għandha tistabbilixxi jekk ***hix*** alternattiva valida għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fejn jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:

meta meħtieġ, għandha tfittex parir xjentifiku ***mingħand l-aġenzji*** deċentralizzati tal-Unjoni. ***Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll lill-Forum dwar l-Ekodisinn dwar il-miżura ta'* awtoregolamentazzjoni mressqa skont il-paragrafu 1. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, għandha tistabbilixxi jekk ***hijex*** alternattiva valida għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4 fejn jiġu ssodisfati l-kriterji li ġejjin:**

Emenda 146

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagraphu 1 – punt a

Test propos mill-Kummissjoni

(a) il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tikkontribwixxi għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti u għall-iżgurar tal-moviment liberu fis-suq intern malajr jew bi spiża iżgħar minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

Emenda

(a) il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tikkontribwixxi għat-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali tal-prodotti ***f'konformità mal-objettivi ta' dan ir-Regolament*** u għall-iżgurar tal-moviment liberu fis-suq intern ***aktar*** malajr jew bi spiża iżgħar minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

Emenda 147

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 3 – subparagraphu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ***ta'*** ***implimentazzjoni*** li jkun fih lista ta' miżuri ta' awtoregolamentazzjoni stabbiliti bħala alternattivi validi għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4. Dak l-att ***ta'*** ***implimentazzjoni*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tadotta att ***delegat f'konformità mal-Artikolu 66*** li jkun fih lista ta' miżuri ta' awtoregolamentazzjoni stabbiliti bħala alternattivi validi għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4. Dak l-att ***delegat*** għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

Emenda 148

Proposta għal regolament

Artikolu 18 – paragrafu 4

Test propos mill-Kummissjoni

4. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-firmatarji ta' miżura ta' awtoregolamentazzjoni biex jissottomettu verżjoni riveduta u aġġornata ta' dik il-miżura fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi jew tas-suq rilevantti fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat jew fejn ikollha raġuni biex temmen li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għadhomx issodisfati.

Emenda

4. Il-Kummissjoni tista' fi kwalunkwe ħin titlob lill-firmatarji ta' miżura ta' awtoregolamentazzjoni biex jissottomettu verżjoni riveduta u aġġornata ta' dik il-miżura fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi jew tas-suq rilevantti fi ħdan il-grupp ta' prodotti kkonċernat jew fejn ikollha raġuni biex temmen li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3 ma għadhomx issodisfati. ***Il-firmatarji għandhom jippreżentaw verżjoni riveduta u aġġornata ta' dik il-miżura fi żmien tliet xhur minn meta t-talba tkun saret mill-Kummissjoni.***

Emenda 149

Proposta għal regolament Artikolu 18 – paragrafu 5

Test propos mill-Kummissjoni

5. **Ladarba** miżura ta' awtoregolamentazzjoni tkun ġiet elenkata f'att **ta' implementazzjoni** adottat skont **it-tieni subparagrafu tal-paragrafu 3**, il-firmatarji ta' dik il-miżura għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, f'intervalli regolari stabbiliti f'dak l-att **ta' implementazzjoni**, dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni u biex jintwera li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), **jibqgħu ssodisfati**. Dawk ir-rapporti għandhom ikunu disponibbli **wkoll** fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku.

Emenda

5. **Hekk kif** miżura ta' awtoregolamentazzjoni tkun ġiet elenkata f'att **delegat** adottat skont **il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu**, il-firmatarji ta' dik il-miżura għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni, f'intervalli regolari stabbiliti f'dak l-att **delegat**, dwar il-progress lejn il-kisba tal-objettivi tal-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni u biex jintwera li l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, il-punti (a) sa (e), **għadhom issodisfati**. **Meta firmatarju ma jikkonformax mar-rekwiżiti tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, għandu jieħu azzjoni korrettiva. L-ispettur indipendenti għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bin-nuqqas ta' konformità ta' firmatarju. Ir-rapporti ta' progress, inklużi r-rapporti ta' konformità li jkun għamel l-ispettur indipendenti, u n-notifikasi dwar in-nuqqas ta' konformità u l-azzjoni korrettiva korrispondenti għandhom ikunu disponibbli fuq sit web tal-Kummissjoni aċċessibbli għall-pubbliku.**

Emenda 150
Proposta għal regolament
Artikolu 18 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi ***tal-informazzjoni li tirċievi*** skont il-paragrafi 4 jew 5, li miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, ***din*** għandha tħassarha mil-lista msemmija f'dak il-paragrafu. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tadotta rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għall-prodott kopert minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

Emenda

6. Meta l-Kummissjoni tqis, abbażi ***ta' informazzjoni li tkun irċeviet*** skont il-paragrafi 2, 4 jew 5, li miżura ta' awtoregolamentazzjoni ma għadhiex tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-paragrafu 3, għandha tħassarha mil-lista msemmija f'dak il-paragrafu. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li tadotta rekwiżiti tal-ekodisinn applikabbli għall-prodott kopert minn dik il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

Emenda 151
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-kuntest ta' programmi li minnhom jistgħu jibbenefikaw l-SMEs, il-Kummissjoni għandha tqis inizjattivi li jgħinu lill-SMEs biex fil-katina tal-valur tagħhom jintegraw aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali, ***inkluż*** l-effiċjenza enerġētika.

Emenda

1. Fil-kuntest ta' programmi li minnhom jistgħu jibbenefikaw ***il-mikrointrapriżi u*** l-SMEs, il-Kummissjoni għandha tqis inizjattivi li jgħinu ***lill-mikrointrapriżi u*** lill-SMEs biex fil-katina tal-valur tagħhom jintegraw aspetti ta' sostenibbiltà ambjentali, ***inkluża*** l-effiċjenza enerġētika.

Emenda 152
Proposta għal regolament
Artikolu 19 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha, ***fejn*** xieraq, takkumpanja dawk l-atti b'linji gwida li jkopru l-ispeċifiċitajiet tal-SMEs attivi fis-settur tal-prodott jew tal-grupp ta' prodotti affettwati għall-iffaċilar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***mill-SMEs***.

Emenda

2. Meta tadotta atti delegati skont l-Artikolu 4, il-Kummissjoni għandha, ***meta*** xieraq, takkumpanja dawk l-atti b'linji gwida li jkopru l-ispeċifiċitajiet ***tal-mikrointrapriżi u*** tal-SMEs attivi fis-settur tal-prodott jew tal-grupp ta' prodotti affettwati għall-iffaċilar tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament ***minn tali***

mikrointrapriżi u SMEs. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs fl-abbozzar tal-linji gwida.

Emenda 153

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu lill-SMEs jaapplikaw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jgħinu ***lill-mikrointrapriżi u lill-SMEs jaapplikaw ir-rekwiżiti tal-ekodisinn stabbiliti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4. Meta jkunu qed iħejju tali miżuri, l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw lill-organizzazzjonijiet rappreżentanti tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs.***

Emenda 154

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk il-miżuri għandhom ***tal-anqas*** jinkludu l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' punti uniċi ta' servizz jew mekkaniżmi simili biex ***titqajjem kuxjenza u jinħolqu*** opportunitajiet ta' networking għall-SMEs biex jadattaw għar-rekwiżiti.

Emenda

Dawk il-miżuri għandhom ***mill-inqas*** jinkludu l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' punti uniċi ta' servizz jew mekkaniżmi simili biex ***tinħoloq sensibilizzazzjoni dwarhom u*** opportunitajiet ta' networking ***għall-mikrointrapriżi u għall-SMEs*** biex jadattaw għar-rekwiżiti. ***Dawk il-miżuri għandhom mill-inqas jinkludu wkoll mekkaniżmi speċifiċi biex jiffaċilitaw il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 12a u mat-twettiq ta' valutazzjonijiet taċ-ċiklu tal-ħajja.***

Emenda 155

Proposta għal regolament

Artikolu 19 – paragrafu 3 – subparagrafu 3 – punt a

Test proposet mill-Kummissjoni

(a) appoġġ finanzjarju, inkluż billi jingħataw vantaġġi fiskali u **billi jsiru** investimenti fl-infrastruttura fiżika u diġitali;

Emenda

(a) appoġġ finanzjarju, inkluż billi jingħataw vantaġġi fiskali, **tiġi ffaċilitata l-par-teċċipazzjoni fil-Forum dwar l-Ekodisinn**, u **jiġu pprovduti** investimenti fl-infrastruttura fiżika u diġitali;

Emenda 156

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt a

Test proposet mill-Kummissjoni

(a) l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha mormija fis-sena, differenzjati skont it-tip jew il-kategorija ta' prodotti;

Emenda

(a) l-għadd **u l-perċentwal** ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha mormija fis-sena, differenzjati skont it-tip jew il-kategorija ta' prodotti;

Emenda 157

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 1 – punt c

Test proposet mill-Kummissjoni

(c) il-konsenza ta' prodotti mormija għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, **il-manifattura** mill-ġdid, **ir-riċiklaġġ, l-irkupru** tal-enerġja u **l-operazzjonijiet ta'** rimi f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif **iddefinita** mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda

(c) il-konsenza ta' prodotti mormija **bixx jingħataw bħala donazzjoni**, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, **għall-operazzjonijiet ta'** **manifattura** mill-ġdid, **riċiklaġġ, irkupru** tal-enerġja u rimi f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif **definita** mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Emenda 158

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 1 – subparagraphu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

L-operatur ekonomiku għandu jiżvela dik l-informazzjoni fuq sit web aċċessibbli liberament **jew inkella jagħmilha disponibbli għall-pubbliku, sakemm** att delegat adottat skont il-paragrafu 3 jibda japplika għall-kategorija ta' prodotti tal-

Emenda

L-operatur ekonomiku għandu jiżvela dik l-informazzjoni fuq sit web **tal-Kummissjoni** aċċessibbli liberament, **sa ma** att delegat adottat skont il-paragrafu 3 jibda japplika għall-kategorija ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha mormija

konsumatur mhux mibjugħha mormija mill-operatur inkwistjoni.

mill-operatur inkwistjoni.

Emenda 159

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni ***tista'*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għall-iżvelar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż it-tip jew il-kategorija u kif l-informazzjoni ***għandha*** tiġi vverifikata.

Emenda

Il-Kummissjoni ***għandha*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għall-iżvelar tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, inkluż it-tip jew il-kategorija u kif l-informazzjoni ***trid*** tiġi vverifikata.

Emenda 160

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprob bixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jeqirdu prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha ***fl-Unjoni, fejn il-qedra*** ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha li jaqgħu f'ċertu grupp ta' prodotti jkollha impatt ambjentali ***sinifikanti***.

Emenda

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tipprob bixxi lill-operaturi ekonomiċi milli jeqirdu prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha, ***meta l-qedra*** ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħha li jaqgħu f'ċertu grupp ta' prodotti jkollha impatt ambjentali ***mhux negliġibbli***.

Emenda 161

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

Abbażi tal-informazzjoni pprovdu taħt il-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha sa ... [daħħal id-data sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u kull tliet snin wara din id-data tippubblika rapport dwar il-qedra ta' ogħġetti mhux mibjugħha. F'dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha tidentifika l-prodotti li għalihom tqis meħtieġ li tadotta att delegat li

*jipprojbixxi l-gerda ta' oġġetti mhux
mibjugħa.*

Emenda 162

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) tħassib dwar is-sahħha u s-sikurezza;

Emenda

- (a) tħassib dwar is-sahħha, ***l-iġjene*** u s-sikurezza;

Emenda 163

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

- (b) īxsara ***fil-prodotti*** b'rīzultat ***tal-immaniġġjar*** tagħhom jew ***identifikata*** wara li prodott ikun ġie rritornat ***minn konsumatur***;

Emenda

- (b) īxsara ***fi prodotti li ma jistgħux jissewwew b'mod kosteffettiv*** b'rīzultat ***tal-immaniġġar*** tagħhom jew ***li ġiet individwata*** wara li prodott ikun ġie rritornat;

Emenda 164

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

- (c) ***idoneità tal-prodott għall-iskop li
għalih ikun maħsub, filwaqt li jitqiesu,
fejn applikabbli, id-dritt tal-Unjoni u l-liġi
nazzjonali u l-istandards tekniċi;***

Emenda

imħassar

Emenda 165

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) prodotti kontrafatti.

Emenda 166

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 5 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

- (a) l-għadd ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa meqruda;

Emenda

- (a) l-għadd **u l-perċentwal** ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa meqruda;

Emenda 167

Proposta għal regolament

Artikolu 20 – paragrafu 6a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- 6a. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-operaturi ekonomiċi bizzżejjed żmien biex jaġġustaw għal rekwiżiti ġodda.*

Emenda 168

Proposta għal regolament

Artikolu 20a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 20a

1. Sena wara ... [dahħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], il-querda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa mill-operaturi ekonomiċi għandha tkun ipprojbita għall-kategoriji ta' prodotti li ġejjin:

- (a) tessuti u żraben;
(b) tagħmir elettriku u elettroniku.

2. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament biex tistabbilixxi ċerti eżenzjonijiet mill-projbizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 meta jkun xieraq filwaqt li tqis dan li ġej:

- (a) tħassib dwar is-sahħha, l-iġjene u sikurezza;
(b) ħsara fi prodotti li ma jistgħux

jissewwew b'mod kosteffettiv b'riżultat tal-immaniġġar tagħhom jew li ġiet individwata wara li prodott ikun ġie rritornat;

(c) rifjut ta' prodotti biex jingħataw bħala donazzjoni, jitħejjew għall-użu mill-ġdid jew għall-manifattura mill-ġdid;

(d) prodotti kontrafatti.

3. *Meta prodotti mhux mibjugħa jinquerdu taħt eżenzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-operatur ekonomiku responsabbi għandu jiżvela fuq sit web aċċessibbli liberament jew inkella jagħmel disponibbli għall-pubbliku:*

(a) l-għadd u l-perċentwal ta' prodotti mhux mibjugħa meqruda;

(b) ir-raġunijiet għall-qerda tal-prodotti mhux mibjugħa, b'referenza għall-eżenzjoni applikabbi;

(c) il-konsenja tal-prodotti meqruda għall-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ, ta' rkupru tal-enerġija u ta' rimi f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart kif iddefinita mill-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE.

Id-dettalji u l-format għall-iżvelar tal-informazzjoni previsti fl-att ta' implementazzjoni adottat skont l-Artikolu 20(2) għandhom japplikaw għall-informazzjoni li trid tiġi żvelata skont dan il-paragrafu, dment li l-att delegat adottat skont il-paragrafu 2 ma jipprevedix mod ieħor.

4. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-SMEs.

Madankollu, il-Kummissjoni tista', fl-atti delegati adottati skont il-paragrafu 2, tipprevedi li l-projbizzjoni li jinquerdu prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa msemmija fil-paragrafu 1 jew l-obbligu ta' żvelar imsemmi fil-paragrafu 3 għandhom japplikaw għal:

(a) intrapriżi ta' daqs medju, meta jkun hemm biżżejjed evidenza li dawn huma responsabbi għal proporzjon sostanzjali

ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li qed jinquerdu;

(b) mikrointrapriżi u intrapriżi żgħar jew ta' daqs medju, meta jkun hemm bizzżejjed evidenza li jistgħu jintużaw biex tiġi evitata l-projbizzjoni li jinquerdu l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa msemmija fil-paragrafu 1 jew jiġi evitat l-obbligu ta' żvelar msemmi fil-paragrafu 3.

Emenda 169
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-manifatturi għandhom iżommu ddokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-prodott ikun ***tqiegħed*** fis-suq jew fis-servizz. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jistgħu jispeċifikaw perjodu itwal jew iqsar minn ***għaxar (10)*** snin ***biex*** titqies in-natura tal-prodotti jew ***tar-rekwiżiti*** kkonċernati.

Emenda

3. Il-manifatturi għandhom iżommu ddokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-prodott ikun ***ġie introdott*** fis-suq jew ***imqiegħed*** fis-servizz. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jistgħu jispeċifikaw perjodu itwal jew iqsar minn 10 snin ***sabiex*** titqies in-natura tal-prodotti, ***il-kumplessità tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta***, jew ***ir-rekwiżiti*** kkonċernati.

Emenda 170
Proposta għal regolament
Artikolu 21 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ***ikun*** akkumpanjat minn ***struzzjonijiet*** biex il-konsumaturi u utenti finali oħra jkunu jistgħu jarmaw, jinstallaw, joperaw, jaħżnu, ***iżommu, isewwu u jarmu*** b'mod sikur ***il-prodott*** b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali ***struzzjonijiet*** għandhom ikunu ċari, jinfiehem u jinqraw u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-atti delegati

Emenda

7. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ***jkun*** akkumpanjat minn ***istruzzjonijiet f'format diġitali*** biex il-konsumaturi u utenti finali oħra jkunu jistgħu jarmaw, jinstallaw, joperaw ***u jaħżnu l-prodott, iwettqulu manutenzjoni, isewwuh u jarmuh*** b'mod sikur, ***liema istruzzjonijiet ikunu*** b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali ***istruzzjonijiet*** għandhom ikunu ċari,

adottati skont l-Artikolu 4 u skont l-Artikolu 7(2)(b), il-punt (ii).

jinfiehmu u jinqraw u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni sp̄ecifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 u skont l-Artikolu 7(2)(b), il-punt (ii). *L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 għandhom jispeċifikaw ukoll il-perjodu li matulu tali istruzzjonijiet għandhom ikunu aċċessibbli online. Tali perjodu ma għandux ikun inqas minn 10 snin wara l-introduzzjoni tal-prodott fis-suq.*

Emenda 171

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 7a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7a. Meta jipprovd i-l-istruzzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 7, il-manifattur għandu jippreżentahom f'format li jippermetti li dawn jitniżżlu u jiġu ssejvjati fuq apparat elettroniku sabiex il-konsumatur jew utent finali ieħor ikun jista' jkollu aċċess għalihom f'kull mument.

Emenda 172

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 7b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7b. Fuq talba tal-konsumatur jew ta' utent finali ieħor fil-ħin tax-xiri jew sa sitt xhur wara dak ix-xiri, il-manifattur għandu jipprovd i-l-istruzzjonijiet f'format stampat mingħajr ħlas.

Emenda 173

Proposta għal regolament

Artikolu 21 - paragrafu 7c (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

7c. L-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jistgħu jispeċifikaw, f'każijiet

ġustifikati sew, li ġerta informazzjoni konċiża li tifforma parti mill-istruzzjonijiet previsti fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu tista' tiġi pprovduta f'format stampat.

Emenda 174

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jkun **tqiegħed** fis-suq jew **tqiegħed** fis-servizz ma jkunx konformi mar-rekwiżiċċi stabbiliti f'dawk l-atti delegati għandhom **minnufih** jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott **isir** konformi, biex **jiġi rtirat** jew **jissejjaħ** lura, jekk ikun xieraq.

Emenda

Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4 li jkun **ġie introdott** fis-suq jew **imqiegħed** fis-servizz ma jkunx konformi mar-rekwiżiċċi stabbiliti f'dawk l-atti delegati għandhom **mingħajr dewmien żejjed** jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott **iġibuh** konformi, jew biex **immedjatamente jirtiraw** jew **isejħu** lura **l-prodott**, jekk ikun xieraq.

Emenda 175

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 8a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

8a. *Il-manifatturi għandhom jistabbi l-ix-xaqqa mezz ta' komunikazzjoni disponibbli għall-pubbliku bħal numru tat-telefon, indirizz elettroniku jew taqsima ddedikata tas-sit web tagħhom, filwaqt li jqisu l-htiġiġiet ta' accċessibbiltà għal persuni b'diżabilità, sabiex jippermettu lill-utenti finali jressqu lmenti jew tħassib rigward in-nonkonformità potenzjali tal-prodotti.*

Il-manifatturi għandhom jieħdu l-miżuri xierqa meta jqisu li jkun hemm każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiċċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, u jinfurmaw lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq. Il-manifatturi għandhom iżommu reġistru tal-ilmenti u tat-tħassib biss

sakemm ikun meħtieġ għall-fini ta' dan ir-Regolament u jagħmluh disponibbli fuq talba minn awtorità tas-sorveljanza tas-suq.

Emenda 176

Proposta għal regolament

Artikolu 21 – paragrafu 9 – subparagraphu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Il-manifatturi għandhom, wara talba **raġunata** minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovd l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, **inkluż id-dokumentazzjoni** teknika b'lingwa li tkun tista' tintiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u **d-dokumentazzjoni** għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu disponibbli **fi żmien 10 ijiem** minn meta tasal talba **mill-awtorità** nazzjonali kompetenti.

Emenda

Il-manifatturi għandhom, wara talba **motivata** minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovd l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, **inkluż id-dokumentazzjoni** teknika b'lingwa li tkun tista' tintiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dik l-informazzjoni u **d-dokumentazzjoni** għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata jew f'forma elettronika. Id-dokumenti rilevanti għandhom ikunu disponibbli **mill-aktar fis-possibbli u mhux iktar tard minn 15-il jum** minn meta tasal talba **mingħand l-awtorità** nazzjonali kompetenti.

Emenda 177

Proposta għal regolament

Artikolu 22 – paragrafu 2 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) abbażi ta' talba minn awtorità nazzjonali kompetenti, jagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti **fi żmien 10 ijiem mill-wasla ta'** tali talba;

Emenda

(d) abbażi ta' talba minn awtorità nazzjonali kompetenti, jagħmel disponibbli d-dokumenti rilevanti **mill-iktar fis-possibbli u mhux iktar tard minn 15-il jum minn meta tasal talba** tali talba;

Emenda 178

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li

Emenda

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li

l-prodott ikun akkumpanjat minn ***struzzjonijiet*** biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera, jaħżeen, ***iżomm, isewwi u jarmi l-prodott***, b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali ***struzzjonijiet*** għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u jinqraw u għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

l-prodott ikun akkumpanjat minn ***istruzzjonijiet***, biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera ***u jaħżeen il-prodott, iwettaqlu manutenzjoni, isewwih u jarmih***, b'lingwa li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat. Tali ***istruzzjonijiet*** għandhom ikunu ċari, jinftiehmu u ***jistgħu jinqraw u għandhom jinkludu mill-inqas l-informazzjoni speċifikata fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21, il-paragrafi 7b u 7c għandhom japplikaw mutatis mutandis.***

Emenda 179

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 6 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li huma jkunu ***qiegħdu*** fis-suq jew fis-servizz, ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att għandhom ***minnufi*** jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott ***isir*** konformi, biex ***jiġi rtirat*** jew ***jissejjaħ*** lura, jekk ikun xieraq.

Emenda

Importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li prodott kopert minn att delegat adottat skont l-Artikolu 4, li huma jkunu ***introduċew*** fis-suq jew ***qiegħdu*** fis-servizz, ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-att għandhom ***mingħajr dewmien żejjed*** jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-prodott ***iġibuh*** konformi, jew biex ***immedjatamente jirtiraw*** jew ***isejhū*** lura ***l-prodott***, jekk ikun xieraq.

Emenda 180

Proposta għal regolament

Artikolu 23 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-importaturi għandhom, fuq talba ***raġunata*** minn awtorità nazzjonali kompetenti, jiaprovdha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, ***inkluż id-dokumentazzjoni*** teknika, b'lingwa li tista' tintiehem faċilment minn dik l-awtorità.

Emenda

L-importaturi għandhom, fuq talba ***motivata*** minn awtorità nazzjonali kompetenti, jiaprovdha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-prodott, ***inklużza d-dokumentazzjoni*** teknika, b'lingwa li tista' tintiehem faċilment minn dik l-awtorità.

Dik l-informazzjoni u **d-dokumentazzjoni** għandhom jiġu pprovduti f'forma stampata **jew** f'forma elettronika. Id-dokumenti **relevanti** għandhom ikunu disponibbli **fi żmien għaxart (10) ijiem wara l-irċevuta tat-talba min-naħa tal-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.**

Dik l-informazzjoni u **dik id-dokumentazzjoni** għandhom jiġu pprovduti **jew** f'forma stampata **inkella** f'forma elettronika. Id-dokumenti **rilevanti** għandhom ikunu disponibbli **mill-aktar fis-possibbli u mhux iktar tard minn 15-il jum minn meta tasal talba mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru.**

Emenda 181 Proposta għal regolament Artikolu 24 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-prodott ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u mill-istruzzjonijiet, biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera, jaħżen, **iżomm, u jarmi l-prodott, f'lingwa** li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif iddeterminat mill-Istat Membru li fih il-prodott għandu **jsir disponibbli** fis-suq, u li tali **struzzjonijiet** ikunu ċari, jinftiehm u jinqrav u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni stabbilita **fil-punt (b) tal-Artikolu 7(2)**, il-punt (ii), kif stabbilit fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4;

Emenda

(b) il-prodott ikun akkumpanjat mid-dokumenti meħtieġa u mill-istruzzjonijiet, biex il-konsumatur ikun jista' jarma, jinstalla, jopera, **u jaħżen il-prodott, iwettaqlu manutenzjoni, isewwih u jarmiħ, b'lingwa** li tista' tintiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti finali oħra, kif iddeterminat mill-Istat Membru li fih il-prodott għandu **jiġi introdott** fis-suq, u li tali **istruzzjonijiet** ikunu ċari, jinftiehm u **jistgħu** jinqrav u jinkludu mill-inqas l-informazzjoni stabbilita **fl-Artikolu 7(2), il-punt (b)**, il-punt (ii), kif stabbilit fl-att delegat adottat skont l-Artikolu 4; **l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 21, il-paragrafi 7b u 7c, għandhom japplikaw mutatis mutandis;**

Emenda 182 Proposta għal regolament Artikolu 25 – paragrafu 3 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) ma jipprovdix jew juru tikketti, marki, simboli jew **skrizzjonijiet** oħra li **aktarx** iqarrqu **jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta.**

Emenda

(c) ma jipprovdix jew juru tikketti, marki, simboli jew **iskrizzjonijiet** oħra li **x'aktarx** iqarrqu **bil-klijenti jew ifixkluhom** fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta **rigward ir-rekwiżiti tal-ekodisinn.**

Emenda 183

Proposta għal regolament

Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 25a

Obbligi tal-fornituri

Il-fornitur ta' sustanza jew taħlita jew il-fornitur ta' oġġett għandu jiprovali mingħajr ħlas l-informazzjoni kollha rilevanti lill-operaturi ekonomiċi biex jiffacċilita l-konformità tagħhom mar-rekwiżiti ta' prestazzjoni u ta' informazzjoni stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Emenda 184

Proposta għal regolament

Artikolu 26 – paragrafu 4 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

- (b) ma jipprovd़ux jew juru tikketti, marki, simboli jew *skrizzjonijiet* oħra li **aktarx** iqarrqu **jew ifixklu lill-klijenti fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta.**

(b) ma jipprovd़ux jew juru tikketti, marki, simboli jew *iskrizzjonijiet* oħra li **x'aktarx** iqarrqu **bil-klijenti jew ifixkluhom** fir-rigward tal-informazzjoni inkluża fuq it-tikketta **billi jimitaw tikketti obbligatorji jew jipprovdu informazzjoni li tikkontradixxi t-tikketti obbligatorji jew li ma tkunx konsistenti magħhom. Dawn ir-restrizzjonijiet ma għandhomx jinkludu l-Ekotikketta tal-UE prevista fir-Regolament (KE) Nru 66/2010 u ekotikketti oħra EN ISO 14024 tat-tip 1 rikonoxuti fuq livell nazzjonali jew regionali kif imsemmi f'dak ir-Regolament.**

Emenda 185

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Obbligi tas-swieq online **u tal-magni tat-**

Obbligi tas-swieq online

Emenda 186
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. *Il-kooperazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2019/1020 għandha, fir-rigward tas-swieg online u għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, tinkludi b'mod partikolari:*

- (a) *il-kooperazzjoni biex ikunu żgurati miżuri effettivi tas-sorveljanza tas-suq, inkluż billi jkun evitat li jiġu stabiliti ostakli għal tali miżuri;*
- (b) *li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq jiġu infurmati bi kwalunkwe azzjoni meħuda;*
- (c) *l-istabbiliment ta' skambju regolari u strutturat ta' informazzjoni dwar offerti li tneħħew abbażi ta' dan l-Artikolu minn swieg online;*
- (d) *li jkunu permessi għodod online operati mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq biex jaċċessaw l-interfaċċi tagħhom biex jidher konsideri konformi;*
- (e) *fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, meta s-swieg online jew il-bejjiegħa online ikunu daħħlu fis-seħħi ostakli tekniċi għall-estrazzjoni tad-data mill-interfaċċi online tagħhom, jiġi permess li dawk l-awtoritajiet jikkupjaw tali data għall-finijiet tal-konformità tal-prodotti abbażi tal-parametri ta' identifikazzjoni pprovduti mill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq li jagħmlu t-talba.*

Emenda

1. *Is-swieg online għandhom jikkooperaw, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, fuq talba tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u f'każijiet speċifiċi, biex jiffaċilitaw kwalunkwe azzjoni meħuda biex jiġu eliminati jew, jekk dan ma jkunx possibbi, biex jimmittigaw ir-riskji ppreżentati minn prodott li qed jiġi offrut jew li kien offrut għall-bejgħ online permezz tas-servizzi tagħhom.*

Emenda 187

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Għall-finijiet tar-rekwiżiti ta' [l-Artikolu 22(7)] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Digiitali], is-swiegq online għandhom ifasslu u jorganizzaw l-interfaċċa online tagħhom b'mod li jiippermetti lin-negożjanti jissodisfaw l-obbligi tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 25 u jiippermetti lill-operaturi ekonomiċi jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 30(1) ta' dan ir-Regolament.

imħassar

Emenda 188

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-informazzjoni għandha tkun tista' tīgi pprovduta għal kull prodott offrut u muri jew inkella ssir faciilment aċċessibbli mill-klijenti fuq l-elenkar ta' prodott.

imħassar

Emenda 189

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

B'mod partikolari, fejn l-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 jirrikjedu li r-reklamar viżiv online għal ċerti prodotti jkun akkumpanjat minn informazzjoni elettronika online li għandha tintwera fuq il-mekkaniżmu tal-wiri, is-swiegq online għandhom jippermettu lin-negożjanti juru dan. Dan l-obbligu għandu jaapplika wkoll għall-magni tat-tiftix online u għal pjattaformi online oħra li jipprovdu reklamar viżiv online għall-prodotti

imħassar

kkonċernati.

Emenda 190
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. ***F'dak*** li jikkonċerna s-setgħat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, ***għall-prodotti kollha koperti minn att delegat rilevanti adottat skont l-Artikolu 4, biex jordnaw lil suq online*** biex ***ineħħi kontenut illegali speċifiku li jirreferi għal prodott mhux konformi*** mill-interfaċċa online ***tiegħi, jiddiżzattiva l-aċċess għaliex jew juri twissija espliċita lill-utenti finali meta jaċċessaww.*** Tali ordnijiet għandhom jikkonformaw ma' [l-Artikolu 8(1)] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

Emenda

3. ***Għal dak*** li jikkonċerna s-setgħat mogħtija mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) 2019/1020, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom is-setgħa, ***fir-rigward ta' kontenut speċifiku li jirreferi għal offerta ta' prodott mhux konformi mar-rekwiżi ta' dan ir-Regolament, biex joħorġu ordni li tirrikjedi li l-fornituri tas-swiegħ online jnejha tali kontenut mill-interfaċċa online tagħhom, jiddiżzattiva l-aċċess għaliex jew juri twissija espliċita għall-utenti finali meta jaċċessaww l-interfaċċa.*** Tali ordnijiet għandhom jikkonformaw ma' [l-Artikolu 8(1)] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].

Emenda 191
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***Is-swiegħ online għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirċievu u jipproċessaw l-ordnijiet imsemmija fil-paragrafu 2 f'konformità ma' [l-Artikolu 8] tar-Regolament (UE) .../... [l-Att dwar is-Servizzi Diġitali].***

Emenda

imħassar

Emenda 192
Proposta għal regolament
Artikolu 29 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Is-swiegħ online għandhom jistabbilixxu

Emenda

Is-swiegħ online għandhom jistabbilixxu

punt ta' kuntatt uniku li jippermetti komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4.

*jew jaħtru punt ta' kuntatt eżistenti bħala punt ta' kuntatt uniku li jippermetti komunikazzjoni diretta mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tal-Istati Membri fir-rigward tal-konformità ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 **u jippermettu lill-konsumenti jikkomunikaw direttament u malajr magħhom fir-rigward ta' rekwiżiti tal-ekodisinn.***

Emenda 193

Proposta għal regolament

Artikolu 29 – paragrafu 5 – subparagraphu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dan il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-istess punt ta' kuntatt bħal dak imsemmi fl-[Artikolu 20(1)] tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament Ġenerali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti] jew ***l-Artikolu 10(1)*** tar-Regolament (UE) .../... ***l-Att dwar is-Servizzi Digideli***.

Emenda

Dan il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-istess punt ta' kuntatt bħal dak imsemmi fl-[Artikolu 20(1)] tar-Regolament (UE) .../... [ir-Regolament Ġenerali dwar is-Sikurezza tal-Prodotti] jew ***l-Artikolu 11*** tar-Regolament (UE) **2022/2065**.

Emenda 194

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) informazzjoni ***biex jiġi identifikat il-prodott, inkluż it-tip tiegħu u, meta disponibbli, in-numru tal-lott jew tas-serje tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott.***

Emenda

(c) informazzjoni ***li tippermetti l-identifikazzjoni tal-prodott, inklużi stampa tiegħu, it-tip tiegħu u kwalunkwe identifikatur ieħor tal-prodott.***

Emenda 195

Proposta għal regolament

Artikolu 30 – paragrafu 3 – subparagraphu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Meta jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom jew l-importaturi jagħmlu partijiet mid-

Emenda

Meta, ***fuq talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti***, jirrikjedu li l-manifatturi, ir-rappreżentanti awtorizzati

dokumentazzjoni teknika relatata mal-prodott rilevanti disponibbli b'mod diġitali skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (a), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

tagħhom jew l-importaturi jagħmlu partijiet mid-dokumentazzjoni teknika relatata mal-prodott rilevanti disponibbli b'mod diġitali skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (a), il-Kummissjoni għandha tqis il-kriterji li ġejjin:

Emenda 196

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt aa (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-ħtieġa li jiġu żgurati l-protezzjoni tad-data u l-privatezza tad-data;

Emenda 197

Proposta għal regolament

Artikolu 31 – paragrafu 3 – subparagrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) ġbir tad-data waqt l-użu jekk din tkun tista' tīgi aċċessata mill-bogħod ***bl-internet, sakemm l-utent finali ma jirrifjutax b'mod espliċitu li jagħmel dik id-data disponibbli;***

(a) ġbir tad-data waqt l-użu jekk din tkun tista' tīgi aċċessata mill-bogħod ***permezz tal-internet wara kunsens espliċitu mill-utent finali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 biex id-data ssir disponibbli;***

Emenda 198

Proposta għal regolament

Artikolu 33 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

L-aġġornamenti tas-software jew tal-firmware ma għandhomx jaggravaw ***il-prestazzjoni*** tal-prodott ***rigward xi wieħed*** mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom ***jiġu*** koperti l-prodotti jew il-prestazzjoni funzjonali mill-perspettiva tal-utent meta mkejla bil-metodu ta' ttestjar użat għall-valutazzjoni tal-konformitā, ħlief bil-kunsens espliċitu tal-utent finali qabel l-aġġornament. Ma għandu ***jsir*** l-ebda tibdil

L-aġġornamenti tas-software jew tal-firmware ma għandhomx jaggravaw ***b'mod sinifikanzi l-prestazzjoni*** tal-prodott ***fir-rigward ta' kwalunkwe parametru*** mill-parametri tal-prodott regolati fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 li bihom ***huma*** koperti l-prodotti jew il-prestazzjoni funzjonali mill-perspettiva tal-utent meta mkejla bil-metodu ta' ttestjar użat għall-valutazzjoni tal-konformitā, ħlief bil-kunsens espliċitu tal-utent finali qabel l-aġġornament.

fil-prestazzjoni ***minħabba r-rifjut tal-aġġornament***.

aġġornament. Ma għandu ***jseħħi l-ebda tibdil fil-prestazzjoni f'każ li l-aġġornament jiġi rrifjutat.***

Emenda 199

Proposta għal regolament

Artikolu 35 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3).

Emenda

Dawk l-atti ta' implementazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(3). ***Meta standard armonizzat jiġi adottat minn organizzazzjoni Ewropea tal-istandardizzazzjoni u jiġi propost lill-Kummissjoni għall-publikazzjoni tar-referenza tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tivaluta l-istandard armonizzati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1025/2012. Meta referenza ta' standard armonizzat tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni għandha tirrevoka l-atti ta' implementazzjoni jew il-partijiet tagħhom li jkun fihom l-istess rekwiżiti tal-ekodisinn.***

Emenda 200

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (h) għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, ***jistgħu*** jieħdu l-forma ta' spċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji, kriterji tal-għażla, kriterji għall-għoti, klawżoli dwar l-eżekuzzjoni

Emenda

1. ***Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi 2014/24/UE u 2014/25/UE***, ir-rekwiżiti skont l-Artikolu 4, it-tielet subparagrafu, il-punt (h) għall-kuntratti pubbliċi mogħtija mill-awtoritajiet kontraenti, kif definit fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2014/24/UE jew l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, jew l-entitajiet kontraenti, kif definiti fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/25/UE, ***għandhom*** jieħdu l-forma ta' spċifikazzjonijiet tekniċi obbligatorji,

ta' kuntratt, jew miri, kif xieraq.

kriterji tal-għażla, kriterji għall-għoti, klawżoli dwar l-eżekuzzjoni ta' kuntratt, jew miri, kif xieraq.

Emenda 201

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 1a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1a. L-Istati Membri, flimkien mal-Kummissjoni għandhom jipprovdu assistenza lill-awtoritajiet kontraenti nazzjonali biex itejbu l-hillet tal-persunal inkarigat mill-akkwist pubbliku ekoloġiku u jħarrġu lil tali persunal mill-ġidid.

Emenda 202

Proposta għal regolament

Artikolu 58 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *il-ħtieġa li tkun* żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar **ambjentalment** sostenibbli;

(b) *il-benefiċċji ambjentali u l-ħtieġa li tiġi* żgurata domanda suffiċjenti għal prodotti aktar sostenibbli **mil-lat ambjentali.**

Emenda 203

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020, kull Stat Membru għandu, mill-inqas kull sentejn (2), ifassal pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati biex **ikun żgurat li jsiru** l-kontrolli xierqa fuq skala adegwata **rigward** dan ir-Regolament u **tal-atti** delegati adottati skont l-Artikolu 4. Kull Stat Membru għandu jfassal l-ewwel tali pjan ta' azzjoni sas-[16 ta' Lulju 2024].

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2019/1020, kull Stat Membru għandu, mill-inqas kull sentejn, ifassal pjan ta' azzjoni li jiddeskrivi l-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati biex **jiżgura li l-kontrolli xierqa, inklużi kontrolli fiziċċi u fil-laboratorji bbażat fuq kampjuni adegwati, jitwettqu** fuq skala adegwata **b'rabta ma'** dan ir-Regolament u **l-atti** delegati adottati skont l-Artikolu 4. Kull Stat Membru għandu jfassal l-ewwel

tali pjan ta' azzjoni sas-[16 ta' Lulju 2024].

Emenda 204

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) l-aktivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati ***bixx jonqos*** in-nuqqas ta' konformità għal dawk il-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet, ***inkluż in-natura*** u l-għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu matul il-perjodu kopert mill-pjan ta' azzjoni.

Emenda

(b) l-aktivitajiet ta' sorveljanza tas-suq ippjanati ***sabiex jitnaqqas jew jintem*** in-nuqqas ta' konformità għal dawk il-prodotti jew ir-rekwiżiti identifikati bħala prioritajiet, ***inklużi n-natura*** u l-għadd minimu ta' kontrolli li għandhom jitwettqu matul il-perjodu kopert mill-pjan ta' azzjoni.

Emenda 205

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-għadd ta' lmenti riċevuti mingħand utenti finali, organizazzjonijiet tal-konsumaturi jew informazzjoni oħra riċevuta mingħand operaturi ekonomiċi jew mingħand il-media;

Emenda 206

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. In-natura u l-għadd ta' kontrolli ppjanati skont il-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom ikunu proporzjonati għall-kriterji oġġettivi użati biex jiġi identifikati l-prioritajiet f'konformità mal-paragrafu 2.

3. In-natura u l-għadd ta' kontrolli ppjanati skont il-paragrafu 1, il-punt (b), għandhom ikunu proporzjonati għall-kriterji oġġettivi użati biex jiġi identifikati l-prioritajiet f'konformità mal-paragrafu 2. ***Għall-kategoriji ta' prodotti identifikati bħala li jirrappreżentaw riskju għoli ta' nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom iqis u dawk il-kontrolli għandhom jinkludu***

kontrolli fiżiċi u fil-laboratorji bbażati fuq kampjuni adegwati.

Emenda 207

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 3a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3a. Sabiex iwettqu s-sorveljanza tas-suq b'rabta ma' dan ir-Regolament u mal-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq tagħhom ikollhom ir-riżorsi meħtieġa, inkluż biżżejjed riżorsi baġitarji u riżorsi oħra, bħal għadd suffiċjenti ta' persunal kompetenti, għarfien espert, proċeduri u arranġamenti oħra għat-twettiq xieraq ta' dmirijiethom.

Emenda 208

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti *ta' implimentazzjoni li jelenkaw il-prodotti* jew ir-rekwiżiti li l-Istati Membri għandhom *tal-anqas iqis u* bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont il-paragrafu 1, il-punt (a).

Il-Kummissjoni tista' tadotta atti *delegati f'konformità mal-Artikolu 66 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi telenka l-prodotti* jew ir-rekwiżiti li l-Istati Membri għandhom *jinkludu* bħala prioritajiet għas-sorveljanza tas-suq skont il-paragrafu 1, il-punt (a).

Emenda 209

Proposta għal regolament

Artikolu 59 – paragrafu 5 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' konsulenza msemmija fl-Artikolu 67(2).

imħassar

Emenda 210

Proposta għal regolament

Artikolu 60 – paragrafu 1 – subparagrafu 2 – punt d

Test propos mill-Kummissjoni

(d) meta rilevanti, il-prioritajiet inklużi fl-atti **ta' implementazzjoni** msemmija fl-Artikolu 59(5).

Emenda

(d) meta rilevanti, il-prioritajiet inklużi fl-atti **delegati** msemmija fl-Artikolu 59(5).

Emenda 211

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 1

Test propos mill-Kummissjoni

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom idaħħlu fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 informazzjoni dwar in-natura u s-severità ta' kwalunkwe penali imposta **fir-rigward tan-nuqqas** ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda

1. L-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom idaħħlu fis-sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 informazzjoni dwar ***l-għadd u n-natura tal-kontrolli mwettqa, kif ukoll*** in-natura u s-severità ta' kwalunkwe penali imposta ***b'rabta ma' nuqqas*** ta' konformità ma' dan ir-Regolament.

Emenda 212

Proposta għal regolament

Artikolu 61 – paragrafu 3

Test propos mill-Kummissjoni

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fis-sistema ***tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tippubblika sommarju tar-rapport.

Emenda

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika r-rapport imsemmi fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu fis-sistema ***ta' informazzjoni u komunikazzjoni*** msemmija fl-Artikolu 34 tar-Regolament (UE) 2019/1020 u għandha tippubblika ***kemm*** sommarju tar-rapport ***kif ukoll ir-rapport***.

Emenda 213

Proposta għal regolament

Artikolu 62 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt da (ġidid)

Test propos mill-Kummissjoni

Emenda

(da) meta xieraq, tikkonsulta mal-partijiet ikkonċernati u mal-experti.

Emenda 214

Proposta għal regolament

Artikolu 63 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

Meta, tul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati applikabbi adottati skont l-Artikolu 4, dawn għandhom, mingħajr dewmien, **jitolbu lill-operatur** ekonomiku rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata, f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u proporzjonat man-natura u, meta rilevanti, **il-grad** tan-nuqqas ta' konformità, biex jintemm in-nuqqas ta' konformità. L-azzjoni korrettiva **meħtieġa** li trid tittieħed mill-operatur ekonomiku tista' tinkludi l-azzjonijiet elenkti fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda

Meta, tul dik l-evalwazzjoni, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li l-prodott ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti fl-atti delegati applikabbi adottati skont l-Artikolu 4, dawn għandhom, mingħajr dewmien, **jirrikjedu li l-operatur** ekonomiku rilevanti jieħu azzjoni korrettiva xierqa u proporzjonata, f'perjodu raġonevoli preskritt mill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u proporzjonat man-natura u, meta rilevanti, **mal-grad** tan-nuqqas ta' konformità, biex jintemm in-nuqqas ta' konformità. L-azzjoni korrettiva li trid tittieħed mill-operatur ekonomiku tista' tinkludi **bħala minimu** l-azzjonijiet elenkti fl-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) 2019/1020.

Emenda 215

Proposta għal regolament

Artikolu 66 – paragrafu 2

Test propos mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu 61(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **sitt** snin minn **/xahar wara d-dħul** fis-seħħ ta' dan l-att]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux **aktar** tard minn disa' xħur qabel **it-tmiem tal-perjodu** ta' **sitt** snin. Id-delega ta' setgħa għandha tīgi estiża awtomatikament għal perjodi ta'

Emenda

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu 61(1) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' **ħames** snin minn **/id-data tad-dħul** fis-seħħ ta' dan l-att]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux **iktar** tard minn disa' xħur qabel **tmiem il-perjodu** ta' **ħames** snin. Id-delega ta' setgħa għandha tīgi estiża awtomatikament għal perjodi ta'

żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda 216 **Proposta għal regolament** **Artikolu 66 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu **61**(1) tista' tīgi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu digħi fis-seħħ.

Emenda 217 **Proposta għal regolament** **Artikolu 68 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġi implementati. Il-penali *stipulati* għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissaważivi, u **għandhom iqis u l-grad ta' nuqqas ta' konformità u n-numru ta'**, **unitajiet ta' prodotti li mhumiex konformi mqiegħda fis-suq tal-Unjoni**. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien rigward kwalunkwe emenda

żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xħur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 4, l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, l-Artikolu 11(4), l-Artikolu 20(3), u l-Artikolu **60**(1) tista' tīgi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa spċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-ġħada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard spċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati li jkunu digħi fis-seħħ.

Emenda

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbi għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li dawn jiġi implementati. Il-penali *previsti* għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissaważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [sena wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien rigward kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.

sussegwenti li taffettawhom.

Emenda 218

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Meta jiddeterminaw it-tip u l-livell ta' penali li jridu jiġu imposti fil-każ ta' ksur, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom iqis u kif xieraq il-kriterji li ġejjin:

- (a) *in-natura, il-gravità u t-tul ta' żmien tal-ksur, inkluż l-għadd ta' unitajiet ta' prodotti li ma jkunux konformi introdotti fis-suq tal-Unjoni;*
- (b) *meta xieraq, il-karatru intenzjonat jew negliġenti tal-ksur;*
- (c) *is-saħħa finanzjarja tal-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbi, kif indikat pereżempju mill-fatturat totali tal-persuna ġuridika li tinżamm responsabbi jew mill-introjtu annwali tal-persuna fiżika li tinżamm responsabbi;*
- (d) *il-benefiċċċi ekonomiċi derivati mill-ksur għall-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbi, sa fejn dawn ikunu jistgħu jiġu ddeterminati;*
- (e) *il-ħsara għas-sahħha tal-bniedem jew għall-ambjent ikkawżata mill-ksur, sa fejn din tkun tista' tiġi ddeterminata;*
- (f) *kwalunkwe azzjoni meħuda mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbi biex timmitiga jew tirrimedja l-ħsara kkawżata;*
- (g) *il-livell ta' kooperazzjoni tal-persuna fiżika jew ġuridika niżżemmha responsabbi mal-awtorità kompetenti;*
- (h) *ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika li tinżamm responsabbi;*
- (i) *kwalunkwe azzjoni li jkollha l-għan li tevita jew tostakola l-kontrolli*

amministrattivi u

*(j) kwalunkwe fattur aggravanti jew
mittiganti ieħor applikabili għaċ-
ċirkostanzi tal-każ.*

Emenda 219

Proposta għal regolament

Artikolu 68 – paragrafu 1b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*L-Istati Membri għandhom mill-inqas
ikunu jistgħu jimponu l-penali li ġejjin
fil-każ ta' ksur ta' dan ir-Regolament:*

(a) multi;

*(b) konfiska tad-dħul miksub mill-
persuna fiżika jew ġuridika minn
tranżazzjoni relatata mal-ksur;*

*(c) esklużjoni mill-proċeduri tal-akkwist
pubbliku.*

Emenda 220

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Evalwazzjoni

Monitoraġġ u evalwazzjoni

Emenda 221

Proposta għal regolament

Artikolu 69 – paragrafu -1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

*-1. Il-Kummissjoni għandha tikkompila
d-data rilevanti dwar il-prodotti u l-gruppi
ta' prodotti soġġetti għar-rekwiżiti tal-
ekodisinn, inkluż dwar iċ-ċiklu tal-ħajja
tagħhom, l-impronta ambjentali, tal-
karbonju u dik tal-materjali tagħhom bl-
għan li tevalwa t-titjib tas-sostenibbiltà
ambjentali ta' dawk il-prodotti. Abbażi ta'*

dik id-data, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali.

Il-Kummissjoni għandha regolarment, u mill-inqas darba kull tliet snin wara l-adozzjoni tar-rekwiżiti tal-ekodisinn, twettaq evalwazzjoni ta' tali rekwiżiti, bl-għan li tidentifika l-ħtieġa għal rieżamijiet potenzjali.

Emenda 222

Proposta għal regolament Artikolu 69 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Mhux aktar tard minn /8 snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħi għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambientali tal-prodotti. Il-Kummissjoni għandha **tippreżenta rapport dwar is-sejbiet prinċipali lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kunitat tar-Reġjuni.** L-Istati Membri għandhom jipprovdu **l-informazzjoni meħtieġa** lill-Kummissjoni għat-ħejjija **tar-Rapport.**

Emenda

Mhux aktar tard minn **[sitt** snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], **u kull sitt snin minn wara dik id-data**, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament u tal-kontribut tiegħi għall-funzjonament tas-suq intern u għat-titjib tas-sostenibbiltà ambientali tal-prodotti. Il-Kummissjoni għandha **tevalwa wkoll l-użu ta' eżenzjonijiet għal prodotti użati importati jew gruppi ta' prodotti previsti fl-atti delegati adottati skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament.**

Mhux aktar tard minn [daħħal id-data erba' snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-inklużjoni ta' rekwiżiti tas-sostenibbiltà soċjali u tad-diliġenza dovuta fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewleni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kunitat tar-Reġjuni, **u tagħmlu disponibbli għall-pubbliku.** L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni **bl-informazzjoni meħtieġa** għat-ħejjija **tar-rapport.**

Emenda 223
Proposta għal regolament
Artikolu 69a (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 69a

Rimedji għal nuqqas ta' konformità

1. *Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ta' prodott mar-rekwiżiti tal-ekodisinn, il-prodott għandu jitqies li mhuwiex konformi mal-kuntratt tal-bejgħ, skont issens tal-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/771, u għandu jagħti lill-konsumaturi d-dritt għal rimedju skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 ta' din id-Direttiva, indipendentement mill-iskadenza tal-limiti ta' żmien kif definiti mill-Artikolu 10 ta' din id-Direttiva.*
2. *Il-kummerċjalizzazzjoni jew l-offerta għall-bejgħ ta' prodott li ma jkunx konformi mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għandha titqies bħala prattika kummerċjali żleali f'konformità mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/29/KE u għalhekk tagħti lill-konsumaturi d-dritt għal rimedju skont l-Artikolu 11a ta' din id-Direttiva.*

Emenda 224
Proposta għal regolament
Artikolu 69b (ġidid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 69b

Emenda għad-Direttiva (UE) 2020/1828 Il-punt 27 tal-Anness I tad-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{la} għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“(27) Ir-Regolament (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ... dwar l-istabbiliment ta’ qafas għall-iffissar ta’ rekwiżiti tal-ekodisinn għal prodotti sostenibbli u t-tħassir tad-Direttiva

1a Id-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi u li tħassar id-Direttiva 2009/22/KE (ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1).

Emenda 225

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – parti introduttora

Test propost mill-Kummissjoni

Il-parametri li ġejjin **jistgħu**, kif xieraq, u meta meħtieġ, jiġu s-supplimentati minn oħrajn, jintużaw bħala bażi għat-titjib tal-aspetti tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 5(1):

Emenda

Il-parametri li ġejjin **għandhom**, kif xieraq, u meta meħtieġ, jiġu s-supplimentati minn oħrajn, jintużaw, **b'mod individwali jew ikkombinat**, bħala bażi għat-titjib tal-aspetti tal-prodott imsemmija fl-Artikolu 5(1):

Emenda 226

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) il-faċilità tat-tiswija u l-manutenzjoni kif espressa permezz ta': il-karatteristiċi, id-disponibbiltà **u l-ħin tal-konsenza** tal-partijiet ta' rikambju, il-modularità, il-kompatibbiltà mal-partijiet ta' rikambju disponibbli b'mod komuni, id-disponibbiltà tal-istruzzjonijiet dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, in-numru ta' materjali u komponenti użati, l-użu ta' komponenti standard, l-użu ta' standards ta' kodifikazzjoni tal-komponenti u **l-materjali** għall-identifikazzjoni tal-komponenti u **l-materjali**, in-numru u l-kumplessità tal-proċessi u **l-għodod** meħtieġa, il-faċilità ta' żarmar u armar mill-ġdid mhux **distruttiv**, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data

Emenda

(b) il-faċilità tat-tiswija u l-manutenzjoni, **filwaqt li titqies is-sikurezza tal-prodott**, kif espressa permezz ta': il-karatteristiċi, id-disponibbiltà, **kemm iddum biex issir il-konsenza u l-affordabbiltà** tal-partijiet ta' rikambju, il-modularità, il-kompatibbiltà **mal-għodod u** mal-partijiet ta' rikambju disponibbli b'mod komuni, id-disponibbiltà tal-istruzzjonijiet dwar it-tiswija u l-manutenzjoni, in-numru ta' materjali u komponenti użati, l-użu ta' komponenti standard, l-użu ta' standards ta' kodifikazzjoni tal-komponenti u **tal-materjali** għall-identifikazzjoni tal-komponenti u **tal-materjali**, in-numru u l-kumplessità tal-proċessi u **jekk humiex**

dwar il-prodott, il-kundizzjonijiet għall-aċċess **għal hardware** u **software** meħtieġa jew **l-użu** tagħhom;

meħtieġa **għodod speċjalizzati**, il-faċilità ta' żarmar u armar mill-ġdid mhux **distruttivi**, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data dwar il-prodott, il-kundizzjonijiet għall-aċċess **għall-hardware** u **għas-software** meħtieġa jew **għall-użu** tagħhom;

Emenda 227

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt d

Test propost mill-Kummissjoni

(d) il-faċilità u **l-kwalità** tar-riċiklaġġ kif espressi permezz ta': l-użu ta' materjali faċilment riċiklabbli, l-aċċess sikur, faċli u mhux distruttiv għal komponenti u materjali riċiklabbli jew komponenti u materjali li fihom sustanzi perikolużi, **il-kompożizzjoni tal-materjal** u **omoġeneità**, il-possibbiltà ta' separazzjoni b'puritā għolja, in-numru ta' materjali u komponenti użati, l-użu ta' komponenti standard, l-użu ta' standards ta' kodifikazzjoni tal-komponenti u **l-materjali** għall-identifikazzjoni tal-komponenti u tal-materjali, in-numru u l-kumplessità tal-proċessi u l-għodod meħtieġa, il-faċilità ta' żarmar u armar mill-ġdid mhux **distruttivi**, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data dwar il-prodott, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-hardware u **s-software** meħtieġa jew **l-użu** tagħhom;

Emenda

(d) il-faċilità, **il-kwalità** u **l-vijabbiltà ekonomika** tar-riċiklaġġ kif espressi permezz ta': l-użu ta' materjali faċilment riċiklabbli, l-aċċess sikur, faċli u mhux distruttiv għal komponenti u materjali riċiklabbli jew komponenti u materjali li fihom sustanzi perikolużi **u l-kompożizzjoni u l-omoġeneità tal-materjali**, il-possibbiltà ta' separazzjoni b'puritā għolja, **id-disinn għar-riċiklaġġ**, in-numru ta' materjali u komponenti użati, l-użu ta' komponenti standard, l-użu ta' standards ta' kodifikazzjoni tal-komponenti u **tal-materjali** għall-identifikazzjoni tal-komponenti u tal-materjali, in-numru u l-kumplessità tal-proċessi u l-għodod meħtieġa, il-faċilità ta' żarmar u armar mill-ġdid mhux **distruttivi**, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għad-data dwar il-prodott, il-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-hardware u **għas-software** meħtieġa jew **għall-użu** tagħhom;

Emenda 228

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

(e) l-evitar ta' soluzzjonijiet tekniċi li huma ta' detriment għall-użu mill-ġdid, it-titjib, it-tiswija, il-manutenzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manifattura mill-ġdid u r-

Emenda

(e) l-evitar ta' soluzzjonijiet tekniċi li huma ta' detriment għall-użu mill-ġdid, it-titjib, it-tiswija, il-manutenzjoni, ir-rinnovazzjoni, il-manifattura mill-ġdid u r-

riċiklaġġ ta' prodotti u komponenti;

riċiklaġġ ta' prodotti u komponenti, *filwaqt li titqies is-sikurezza tal-prodott;*

Emenda 229

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ea) l-evitar tal-obsolexxenza qabel iż-żmien;

Emenda 230

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt f

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(f) l-użu ta' sustanzi, waħedhom, bħala kostitwenti ta' sustanzi jew f'taħlitiet, *tul il-proċess tal-produzzjoni ta' prodotti*, jew li jwassal għall-preżenza tagħihom *fi prodotti*, inkluż *ladarba* dawn il-prodotti jsiru skart;

(f) l-użu ta' sustanzi, *u b'mod partikolari l-użu ta' sustanzi ta' tħassib*, waħedhom, bħala kostitwenti ta' sustanzi jew f'taħlitiet, *matul il-proċess tal-produzzjoni tal-prodotti*, jew li jwassal għall-preżenza tagħihom *fil-prodotti*, inkluż *hekk kif* dawn il-prodotti jsiru skart;

Emenda 231

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) l-użu jew il-kontenut ta' materjali rinnovabbli minn sorsi rinnovabbli;

Emenda 232

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt hb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(hb) l-użu jew il-kontenut ta' materja prima kritika:

Emenda 233

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt ma (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ma) l-impronta materjali tal-prodott;

Emenda 234

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt n

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(n) ir-rilaxx ***tal-mikroplastik;***

(n) ir-rilaxx *ta' mikroplastiks u nanoplastiks;*

Emenda 235

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt p

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(p) l-ammonti ta' skart iġġenerat, inkluż l-iskart mill-plastik u l-iskart mill-imballaġġ u l-faċilità ***tal-użu*** mill-ġdid ***tagħhom,*** u l-ammonti ta' skart perikoluż iġġenerat;

(p) l-ammonti ta' skart iġġenerat, inkluż l-iskart tal-plastik u l-iskart tal-imballaġġ u l-faċilità ***biex jintużaw*** mill-ġdid, ***il-faċilità biex jiġu rriċiklati*** u l-ammonti ta' skart perikoluż iġġenerat;

Emenda 236

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt q

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(q) il-kundizzjonijiet ***tal-użu.***

(q) il-kundizzjonijiet *għall-użu, inklużi l-impatt ambjentali u l-benefiċċji matul l-użu;*

Emenda 237

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt qa (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(qa) l-impatti fuq is-saħħha tal-bniedem;

Emenda 238

Proposta għal regolament

Anness I – paragrafu 1 – punt qb (ġdid)

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

(qb) il-provvista sikura u sostenibbli tal-materja prima.

Emenda 239

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – parti introduttiorja

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għandhom jiġu stabbiliti kif ġej:

Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għandhom jikkontribwxxu għall-ilħuq tal-objettivi msemmija fl-Artikolu 5(4), il-punt (a), u jqisu r-riżultati tal-valutazzjonijiet tal-impatt rilevanti. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni għandhom jiġu stabbiliti kif ġej:

Emenda 240

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – paragrafu 2

Test proposet mill-Kummissjoni

Emenda

L-analiżi teknika, ambjentali u ekonomika għandha tidentifika wkoll, għall-parametru li qed jiġi kkunsidrat, il-prodotti li jagħtu l-aħjar prestazzjoni u t-teknoloġiji disponibbli fis-suq.

L-analiżi teknika, ambjentali u ekonomika għandha tidentifika wkoll, għall-parametru li qed jiġi kkunsidrat, il-prodotti li jagħtu l-aħjar prestazzjoni u t-teknoloġiji disponibbli fis-suq *kif ukoll it-titjib mistenni fit-teknoloġija. Għandha tqis ukoll il-pjanijiet direzzjonali settorjali eżistenti kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1119.*

Emenda 241

Proposta għal regolament

Anness II – paragrafu 1 – punt 1 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

Abbażi ta' din l-analiżi, u filwaqt li ***titqies*** il-fattibbiltà ekonomika u teknika, ***inkluż id-disponibbiltà*** ta' riżorsi u teknoloġiji ewlenin, ***u l-potenzjal ta'*** titjib, għandhom jiġu definiti livelli jew rekwiżiti mhux kwantitattivi.

Emenda

Abbażi ta' din l-analiżi, u filwaqt li ***titqiesu l-effetti negattivi fuq is-sahħha tal-bniedem u fuq l-ambjent tal-prodott tul iċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, il-limiti planetarji***, il-fattibbiltà ekonomika u teknika, ***inklużi disponibbiltà*** ta' riżorsi u teknoloġiji ewlenin, ***kif ukoll il-potenzjal għal*** titjib, għandhom jiġu definiti livelli jew rekwiżiti mhux kwantitattivi.

Emenda 242

Proposta għal regolament

Anness VI – paragrafu 1 – punt 8

Test propost mill-Kummissjoni

(8) id-dati ta' implementazzjoni, kwalunkwe miżura jew perjodu ***mqassma*** fi stadji jew ***tranżitorji, filwaqt li*** jiġu kkunsidrati ***l-impatti possibbli fuq l-SMEs*** jew ***fuq*** gruppi ta' prodotti speċifiċi mmanifatturati primarjament ***mill-SMEs***;

Emenda

(8) id-dati ta' implementazzjoni, kwalunkwe miżura jew perjodu ***mqassmin*** fi stadji jew ***tranżizzjonali, b'mod partikolari billi*** jiġu kkunsidrati ***l-ħtiġijiet tal-mikrointrapriżi u tal-SMEs*** jew ***ta'*** gruppi ta' prodotti speċifiċi mmanifatturati primarjament ***minn mikrointrapriżi u SMEs***;

Emenda 243

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – kliem introduttorju

Test propost mill-Kummissjoni

Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' kriterji indikattivi ***tista'*** tintuża biex jiġu vvalutati l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament:

Emenda

Il-lista mhux eżawrjenti li ġejja ta' kriterji indikattivi ***għandha*** tintuża biex jiġu vvalutati l-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni bħala alternattiva għal att delegat adottat skont l-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament:

Emenda 244

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni jridu jwieġbu għall-objettivi tal-politika ta' dan ir-Regolament u jridu jkunu konsistenti mad-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-iżvilupp sostenibbli. Il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni jrid ikollhom approċċ integrat għall-protezzjoni tal-interessi tal-konsumaturi, tas-saħħa, tal-kwalità tal-ħajja u tal-interessi ekonomiċi.

Emenda

Il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni jridu jwieġbu għall-objettivi tal-politika ta' dan ir-Regolament u jridu jkunu konsistenti mad-dimensjonijiet ekonomiċi u soċjali tal-iżvilupp sostenibbli. Il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni jrid ikollhom approċċ integrat għall-protezzjoni **tal-ambjent**, tal-interessi tal-konsumaturi, tas-saħħa, tal-kwalità tal-ħajja u tal-interessi ekonomiċi.

Emenda 245

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

L-objettivi definiti mill-firmatarji fil-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni tagħhom iridu jiġu stabbiliti b'termini ċari u mhux ambigwi, u jibdew minn linja bażi definita tajjeb. Jekk il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni **tkun** tkopri perjodu twil ta' żmien, iridu jiġu inklużi miri temporanji. Irid ikun possibbli li jsir monitoraġġ tal-konformità mal-objettivi u mal-miri temporanji b'mod affordabbi u **kreddibbli** permezz ta' indikaturi ċari u affidabbi.

Emenda

L-objettivi definiti mill-firmatarji fil-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni tagħhom iridu jiġu stabbiliti b'termini ċari, **kwantifikabbli** u mhux ambigwi, u jibdew minn linja bażi definita tajjeb. Jekk il-miżura ta' awtoregolamentazzjoni tkopri perjodu twil ta' żmien, iridu jiġu inklużi miri temporanji. Irid ikun possibbli li jsir monitoraġġ tal-konformità mal-objettivi u mal-miri temporanji b'mod affordabbi u **kredibbli** permezz ta' indikaturi ċari u affidabbi.

Emenda 246

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – punt 5 – subpunkt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Biex tkun żgurata t-trasparenza, **iridu jiġu ppubblikati miżuri ta' awtoregolamentazzjoni**, inkluż online u b'mezzi elettroniċi oħra għat-tixrid tal-informazzjoni.

Emenda

Bl-għan li tiġi żgurata t-trasparenza, **il-miżuri ta' awtoregolamentazzjoni jridu jiġu ppubbliċizzati**, inkluż online **fuq sit web tal-Kummissjoni aċċessibbli għall-pubbliku** u b'mezzi elettroniċi oħra għat-

tixrid tal-informazzjoni.

Emenda 247

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – punt 5 – subpunt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Il-partijiet ikkonċernati, **inklużi** l-Istati Membri, l-industrija, l-NGOs ambjentali u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jridu jiġu mistiedna jikkumentaw dwar miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

Emenda

Il-partijiet ikkonċernati, **inklużi** l-Istati Membri, l-industrija **fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi**, l-NGOs ambjentali u l-assoċjazzjonijiet tal-konsumaturi jridu jiġu mistiedna jikkumentaw dwar miżura ta' awtoregolamentazzjoni.

Emenda 248

Proposta għal regolament

Anness VII – paragrafu 1 – punt 6 – subpunt 4

Test propost mill-Kummissjoni

Meta firmatarju ma **jkunx ikkonforma** mar-rekwiżiti tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, dan irid jieħu azzjoni korrettiva.

Emenda

Meta firmatarju ma **jikkonformax** mar-rekwiżiti tal-miżura ta' awtoregolamentazzjoni, dan irid jieħu azzjoni korrettiva. **L-ispettur indipendenti jrid jinnotifika lill-firmatarji l-oħra li jkunu qed jipparteċipaw fil-miżura ta' awtoregolamentazzjoni dwar nuqqas ta', konformità minn firmatarju u dwar l-azzjoni korrettiva li l-firmatarju jkun beħsiebu jieħu. Jekk il-firmatarju ma jkunx ħa azzjoni korrettiva biżżejjed fi żmien tliet xhur, dan irid jiġi eskluż mill-miżura ta' awtoregolamentazzjoni.**